

Brussell, 10 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13944/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0353(COD)**

**ENV 792
ENT 150
MI 561
CODEC 1320**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Diċembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 798 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 798 final.

Mehmuż: COM(2020) 798 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.12.2020
COM(2020) 798 final

2020/0353 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-
Regolament (UE) Nru 2019/1020**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2020) 420 final} - {SWD(2020) 334 final} - {SWD(2020) 335 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-iżvilupp u l-produzzjoni tal-batteriji huma imperattivi strateġiċi għall-Ewropa fil-kuntest tat-tranżizzjoni enerġetika nadifa. Huma wkoll komponent ewlieni tas-settur awtomotiv tal-Ewropa. FI-UE, it-trasport huwa responsabbli għal madwar kwart tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) u huwa l-kawża ewlenija tat-tniġġis tal-arja fil-bliet.

L-użu aktar mifrux ta' vetturi elettriċi se jnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-emissjonijiet noċivi mit-trasport bit-triq. FI-UE, mistennija sseħħ żieda qawwija fl-elettrifikazzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri, vannijiet, karozzi tal-linja – u, sa ċertu punt, trakkijiet – bejn l-2020 u l-2030. Din qed tiġi xprunata prinċipalment mil-leġiżlazzjoni tal-UE li tistabbilixxi l-emissjonijiet tas-CO₂ għall-manifatturi tal-vetturi, iżda wkoll mil-leġiżlazzjoni tal-UE li tistabbilixxi miri minimi tal-Istati Membri għall-akkwist pubbliku ta' vetturi nodfa¹. L-elettrifikazzjoni ta' xi servizzi residenzjali, bħall-ħażna tal-enerġija jew it-tiġin, se tkompli fuq dan u se tgħin biex jitnaqqsu aktar l-emissjonijiet.

Skont l-istimi tal-Forum Ekonomiku Dinji, **hemm bżonn li l-produzzjoni globali tal-batteriji tiżdied b'fattur ta' 19** biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju².

Din l-inizjattiva għandha l-għan li timmodernizza l-qafas leġiżlattiv tal-UE għall-batteriji. Hija parti integrali mill-**Patt Ekoloġiku tal-UE**³, l-istrateġija ġdida tal-UE għat-**tkabbir**, li għandha l-għan li tittrasforma l-UE f'ekonomija moderna, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u kompetittiva fejn: (i) ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet serra sal-2050; (ii) it-**tkabbir ekonomiku** jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi; u (iii) **ħadd u l-ebda post** ma jitħalla jaqa' lura. Hija tibni fuq l-impenji u r-rapporti adottati mill-Kummissjoni Ewropea, inklużi **l-pjan ta' azzjoni strateġika dwar il-batteriji**⁴, **il-pjan ta' azzjoni ġdid għal ekonomija ċirkolari**⁵, **l-istrateġija industrijali ġdida għall-Ewropa**⁶ u **l-istrateġija ta' mobbiltà sostenibbli u intelliġenti**⁷, li għandha l-għan li twassal tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra relatati mat-trasport sal-2050.

Minbarra l-ħidma tal-Kummissjoni, kemm **il-Kunsill kif ukoll il-Parlament** talbu għal azzjoni maħsuba biex tappoġġa t-tranżizzjoni għall-elettromobbiltà, il-ħażna tal-enerġija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, u katina tal-valur ta' batterija sostenibbli. Il-

¹ Id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 5)

² World Economic Forum and Global Batteries Alliance, A vision for a sustainable battery value chain in 2030: Unlocking the potential to power sustainable development and climate change mitigation, 2019. (Forum Ekonomiku Dinji u Alleanza Globali tal-Batteriji, viżjoni għal katina sostenibbli tal-valur tal-batteriji fl-2030: L-isfruttar tal-potenzjal għall-enerġija tal-iżvilupp sostenibbli u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, 2019)

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM (2019) 640 final).

⁴ L-Anness għal COM(2018)293 final.

⁵ COM(2020)98 final.

⁶ COM(2020)102 final.

⁷ COM(2020)789

Bank Ewropew tal-Investment ħabbar ukoll li qed jistenna li jżid is-sostenn tiegħu għal proġetti relatati mal-batteriji għal aktar minn **EUR 1 biljun ta' finanzjament fl-2020**⁸.

Din l-inizjattiva tindirizza **tliet gruppi ta' problemi marbuta ħafna ma' xulxin** relatati mal-batteriji.

- **L-ewwel grupp** jirrigwardja **n-nuqqas ta' kundizzjonijiet ta' qafas li jipprovdu inċentivi għall-investment** fil-kapaċità tal-produzzjoni għal batteriji sostenibbli. Dawn il-problemi huma marbuta mal-funzjonament ineffiċjenti tas-**suq uniku** u man-nuqqas ta' **kundizzjonijiet ekwivalenti biżżejjed ta' kompetizzjoni**⁹ minħabba oqfsa regolatorji diverġenti fi ħdan is-**suq intern**. Il-kawżi sottostanti ta' dan jinkludu l-implimentazzjoni irregolari tad-Direttiva dwar il-Batteriji u n-nuqqas ta' informazzjoni affidabbli u komparabbli madwar l-UE.
- **It-tieni grupp ta' problemi** jirrigwardja **l-funzjonament subottimali tas-swieq tar-riċiklaġġ u l-ġestjoni ta' materjali f'ċirku mhux magħluq biżżejjed**, li jillimitaw il-potenzjal tal-UE li ttaffi r-riskju tal-provvista għall-materja prima. Hemm għadd ta' nuqqasijiet fil-qafas regolatorju attwali. Dawn in-nuqqasijiet jinkludu nuqqas ta' regoli ċari u armonizzati biżżejjed, u dispożizzjonijiet fid-Direttiva dwar il-Batteriji li ma jqisux l-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq riċenti. Dawn inaqqsu l-profittabbiltà tal-attivitajiet ta' riċiklaġġ u jżommu lura l-investment f'teknoloġiji ġodda u f'kapaċità addizzjonali għar-riċiklaġġ tal-batteriji tal-futur.
- **It-tielet grupp ta' problemi** jirrigwardja **r-riskji soċjali u ambjentali** li bħalissa mhumiex koperti mil-liġi ambjentali tal-UE. Dawn il-problemi jinkludu: (i) nuqqas ta' trasparenza fl-akkwist tal-materja prima; (ii) sustanzi perikolużi; u (iii) l-potenzjal mhux sfruttat biex jiġu bbilanċjati l-impatti ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja tal-batteriji.

Fl-għerq ta' dawn il-kwistjonijiet hemm il-fallimenti tas-suq u n-nuqqasijiet ta' informazzjoni. Dawn it-tnejn huma relatati mal-funzjonament tas-suq uniku. Barra minn hekk, huma aggravati mit-tielet problema, li hija l-kumplessità tal-ktajjen tal-valur tal-batteriji.

L-**objettivi** tal-proposta huma tlieta: 1) it-tiġid tal-funzjonament tas-suq intern (inkluż il-prodotti, il-proċessi, l-iskart ta' batteriji u l-materjal riċiklat), billi jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni permezz ta' sett komuni ta' regoli; 2) il-promozzjoni ta' ekonomija ċirkolari; u 3) it-tnaqqis tal-impatti ambjentali u soċjali matul l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-batterija. Dawn it-tliet objettivi huma interkonnessi b'mod qawwi.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-qafas regolatorju attwali jkopri biss l-istadju ta' tmiem il-ħajja tal-batteriji permezz tad-**Direttiva dwar il-Batteriji**. Bħalissa ma hemm l-ebda dispożizzjoni legali fl-UE li tkopri aspetti oħrajn tal-fażijiet tal-produzzjoni u tal-użu tal-batteriji, bħall-prestazzjoni elettrokimika u d-durabbiltà, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, jew l-akkwist responsabbli.

⁸ <https://www.eib.org/en/press/all/2020-121-eib-reaffirms-commitment-to-a-european-battery-industry-to-boost-green-recovery>

⁹ "Kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni" huwa terminu għal sett ta' regoli u standards komuni li jipprevjenu lin-negozji f'pajjiż wieħed milli jiksbu vantaġġ kompetittiv fuq dawk li joperaw f'pajjiżi oħrajn.

F'konformità mal-prinċipju “one-in-one-out”¹⁰, ir-Regolament propost għandu jieħu post id-Direttiva attwali dwar il-Batteriji.

Il-proposta hija kompletament konformi mal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE dwar l-ambjent u l-iskart. Hija tikkomplementa din il-leġiżlazzjoni, inklużi: Id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw¹¹; Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart¹²; Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE)¹³; Id-Direttiva 2011/65/UE dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku¹⁴; Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis)¹⁵; u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH)¹⁶.

Din il-proposta tintroduċi rekwiżiti progressivi biex timminimizza l-impronta tal-karbonju tul iċ-ċiklu tal-batteriji. F'dan il-kuntest, l-isforzi biex titnaqqas l-impronta tal-karbonju fil-proċess tal-manifattura se jwasslu indirettament għall-promozzjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-UE**

L-inizjattiva hija konsistenti mal-obbligi internazzjonali tal-UE fil-qasam tal-**politika kummerċjali**, b'mod partikolari minħabba li tiżgura li ma jkunx hemm diskriminazzjoni bejn prodotti manifatturati fl-UE u prodotti importati.

L-inizjattiva tqabel bis-sħiħ mal-**prinċipju ta' innovazzjoni**, u għall-azzjonijiet abilitanti relatati taħt il-finanzjament tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni taħt Orizzont 2020.

Il-proposta għandha wkoll l-għan li tiżgura obbligi sempliċi u razzjonalizzati ta' monitoraġġ u rapportar, biex b'hekk tillimita l-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, f'konformità mal-**approċċ tal-UE għal regolamentazzjoni aħjar**¹⁷ u l-kontroll tal-idoneità fuq ir-rapportar u l-monitoraġġ¹⁸.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-**Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea** (TFUE), li jrid jintuża għal miżuri li għandhom l-għan li jistabbilixxu jew jiżguraw il-funzjonament tas-**suq uniku**. Din hija bidla mill-bażi ġuridika attwali billi d-Direttiva dwar il-Batteriji 2006/66/KE kienet ibbażata fuq l-**Artikolu 175 tat-TKE** (issa l-**Artikolu 191** tat-

¹⁰ Kull proposta leġiżlattiva li toħloq piżijiet ġodda jenħtieġ li teħles lin-nies u lin-negozji minn piż ekwivalenti eżistenti fil-livell tal-UE fl-istess qasam ta' politika. Il-Komunikazzjoni mill-President lill-Kummissjoni: Il-Metodi ta' Ħidma tal-Kummissjoni Ewropea (P(2019) 2).

¹¹ ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34.

¹² ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

¹³ ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38.

¹⁴ ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88-110

¹⁵ ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17.

¹⁶ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

¹⁷ SWD(2015)111 final.

¹⁸ COM(2017)312 final.

TFUE) u fuq l-Artikolu 95 tat-TKE (issa l-Artikolu 114 tat-TFUE) għad-dispożizzjonijiet identifikati relatati mal-prodotti.

Il-proposta tindirizza **għadd ta' problemi ewlenin relatati mas-suq uniku**. Dawn jinkludu: (i) kundizzjonijiet mhux ekwi għall-batteriji mqiegħda fis-suq peress li r-regoli applikabbli huma soġġetti għall-interpretazzjoni; (ii) ostakli għall-funzjonament tas-swieq tar-riċiklaġġ; (iii) implimentazzjoni mhux uniformi tad-Direttiva dwar il-Batteriji; (iv) il-ħtieġa urġenti għal investiment fuq skala kbira biex ikun hemm reazzjoni għas-suq li qed jinbidel; (v) il-ħtieġa għal ekonomiji ta' skala; u (vi) il-ħtieġa għal qafas regolatorju stabbli u kompletament armonizzat.

Fl-istess ħin, hemm ukoll għadd ta' **problemi ambjentali** relatati mal-produzzjoni, l-użu u l-ġestjoni ta' batteriji fi tmiem ħajjithom. Il-problemi ambjentali li mhumiex koperti direttament mill-*acquis* ambjentali tal-UE, u li b'hekk jeħtieġu intervent regolatorju, **jistgħu kollha jkunu marbuta mal-funzjonament tas-suq uniku**. Problema waħda bħal din hija **l-impatti negattivi fuq l-ambjent ta' sustanzi perikolużi** li jinsabu fil-batteriji meta ma jintremewx kif suppost, problema li tista' tissolva permezz tal-ġbir u r-riċiklaġġ xierqa tal-batteriji portabbli. Waħda mir-raġunijiet għaliex il-livelli tal-ġbir ta' batteriji portabbli huma baxxi hija li l-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir għandu prezz, u s-suq uniku ma jimplimentax il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas b'mod adegwat u armonizzat. Il-livelli subottimali tal-ġbir huma wkoll **problematiċi** minn perspettiva tal-profittabbiltà tan-negozju. Dan għaliex it-teknoloġiji tar-riċiklaġġ huma **intensivi fil-kapital** u, b'hekk, jirrikjedu **ekonomiji ta' skala** sinifikanti, f'xi każijiet lil hinn mis-swieq nazzjonali tal-UE. Problema oħra hija n-nuqqas **li jitbaxxa l-impatt ambjentali totali tal-batteriji** billi tiżdied iċ-ċirkolarità tal-katina tal-valur tal-batteriji. Hawnhekk, il-kawża ewlenija tal-problema hija għal darba oħra falliment tas-suq. Ma hemm l-ebda allinjament tal-inċentivi (u tal-informazzjoni) bejn atturi differenti fil-katina tal-valur. Barra minn hekk, fis-suq għall-batteriji tal-vetturi elettriċi fit-tieni ħajja, ma hemm l-ebda ċertezza legali dwar l-istat tal-iskart tal-batteriji użati u hemm ukoll informazzjoni inadegwata biex titbassar l-imġiba tal-batteriji.

B'hekk, **l-objettiv** tal-proposta huwa li tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' regoli komuni għall-atturi ekonomiċi fis-suq uniku u li tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni. Il-miżuri se jwasslu għal aktar armonizzazzjoni: (i) **ir-reqwiziti tal-prodott** għall-batteriji mqiegħda fis-suq tal-Unjoni; u (ii) il-livell tas-servizzi tal-immaniġġar tal-iskart ipprovduti min-negozji. Il-proposta se tistabbilixxi wkoll reqwiziti biex jiġi żgurat **suq li jiffunzjona tajjeb għall-materja prima sekondarja**, filwaqt li jiġi evitati u jitnaqqsu **l-impatti ambjentali** mill-produzzjoni u l-użu tal-batteriji (kif ukoll it-trattament tagħhom – inkluż ir-riċiklaġġ – fi tmiem il-ħajja tal-batterija). Dan se jippromwovi industrija ċirkolari tal-batteriji madwar l-Ewropa, u **jevita l-frammentazzjoni** minn approċċi nazzjonali possibbilment diverġenti.

Il-manifattura u l-użu tal-batteriji, il-katina tal-valur sottostanti, u l-immaniġġar ta' batteriji fi tmiem ħajjithom huma **kwistjonijiet trasversali** li jaffettwaw ħafna oqsma ta' politika. Għalhekk, minbarra li ssegwi l-objettivi tas-suq intern, **il-proposta se tikkontribwixxi wkoll għal objettivi relatati mal-ambjent, it-trasport, l-azzjoni klimatika, l-enerġija u l-kummerċ internazzjonali**. L-analiżi tal-impatt tal-miżuri proposti turi li, **fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-objettivi tas-suq intern huma predominanti** u li l-benefiċċji ambjentali huma komplementari. Għalhekk, huwa xieraq li l-Artikolu 114 tat-TFUE jintuża bħala bażi ġuridika unika.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Hemm valur miżjud ċar fl-iffissar ta' reqwiziti komuni fil-livell tal-UE li jkopru ċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja tal-batteriji. Huwa essenzjali li jiġi żgurat li l-manifatturi, l-importaturi u l-operaturi ekonomiċi jkunu soġġetti b'mod aktar wiesa' għal reqwiziti armonizzati li jridu jiġu ssodisfati

meta (i) titqiegħed batterija fis-suq tal-Unjoni u (ii) tiġi pprovduta informazzjoni lill-klijenti fis-suq uniku kollu. Ir-riċiklaturi jridu jkunu jistgħu joperaw ukoll b'rekwiżiti uniformi li japplikaw għan-negozji kollha tar-riċiklaġġ bl-istess mod madwar l-UE. Fin-nuqqas ta' intervent fil-livell tal-UE li jstabbilixxi regoli armonizzati, intervent fil-livell nazzjonali jwassal għal diverġenza fir-rekwiżiti għall-operaturi ekonomiċi.

L-iżvilupp ta' katina sostenibbli tal-valur tal-batteriji huwa intensiv fil-kapital u jirrikjedi ekonomiji ta' skala li jmorru lil hinn minn dak li jistgħu jipprovdu l-ekonomiji nazzjonali. Il-kisba ta' dan tirrikjedi suq uniku armonizzat u li jiffunzjona tajjeb fl-Istati Membri kollha fejn l-operaturi ekonomiċi kollha tal-katina tal-valur tal-batteriji jkunu soġġetti għall-istess regoli.

Barra minn hekk, huma meħtieġa regoli komuni għat-**tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari**, li se tikkontribwixxi għat-trawwim ta' mudelli kummerċjali, prodotti u materjali Ewropej innovattivi u sostenibbli. Dawn l-oġġettivi ma jistgħux jiġu stabbiliti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom: **l-iskala tal-azzjoni meħtieġa tfisser li dan jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, azzjoni uniformi tal-UE hija ġustifikata u neċessarja.**

- **Proporzjonalità**

Il-miżuri proposti ma jmorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex tiġi pprovduta ċ-ċertezza regolatorja meħtieġa biex **jiġi inċentivat l-investment fuq skala kbira** fl-ekonomija ċirkolari, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.

B'mod ġenerali, l-għażla ta' politika proposta hija **bidla gradwali** meta mqabbla mal-**qafas regolatorju u istituzzjonali eżistenti** (jiġifieri d-Direttiva attwali dwar il-Batteriji). Għall-**istadji aktar bikrin** fil-katina tal-valur li għalihom bħalissa ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni tal-UE, il-bidliet proposti huma l-aktar fil-livell tal-**informazzjoni u r-rekwiżiti bażiċi** għall-batteriji li għandhom jitqiegħdu fis-suq tal-UE.

Għal uħud mill-għażliet ta' politika proposti, il-valutazzjoni tal-impatt sabet li **approċċ gradwali** jkun l-aħjar biex iħares il-prinċipju tal-proporzjonalità. Għalhekk, il-proposta tinkludi **żieda gradwali** fl-ambizzjoni u r-rekwiżiti f'għadd ta' oqsma. Pereżempju, dan huwa l-każ għad-dispożizzjoni dwar ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni u tad-durabbiltà għall-batteriji industrijali rikarikabbli. Din id-dispożizzjoni tinkludi obbligi ta' informazzjoni bħala l-ewwel pass; hija ma tirrikjedix l-iffissar ta' valuri minimi rilevanti sakemm ikun hemm aktar informazzjoni disponibbli.

- **Għażla tal-istrument**

L-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar il-Batteriji u l-analiżi li saret qabel il-valutazzjoni tal-impatt urew li l-**armonizzazzjoni tinkiseb aħjar permezz ta' Regolament**, għall-kuntrarju ta' Direttiva fil-qafas tal-approċċ preċedenti aktar limitat. **Miżuri nazzjonali diverġenti** dwar il-ġbir u l-irkupru tal-iskart wasslu għal **qafas regolatorju inkoerenti** għall-operaturi ekonomiċi u għall-produtturi. Dawn l-ostakoli eżistenti fil-forma ta' oqfsa regolatorji nazzjonali diverġenti jistgħu jitneħħew biss permezz ta' regoli aktar dettaljati u armonizzati dwar l-organizzazzjoni tal-proċessi ta' ġbir u rkupru u r-responsabbiltajiet relatati. Dawn ir-regoli dettaljati u armonizzati jenħtieġ li jinkludu rekwiżiti li japplikaw direttament għan-negozji.

Regolament se **jstabbilixxi rekwiżiti diretti għall-operaturi kollha**, u b'hekk jipprovdi ċ-ċertezza legali meħtieġa u l-possibbiltà ta' infurzar ta' suq kompletament integrat madwar l-UE. Regolament se **jiżgura wkoll li l-obbligi jiġu implimentati fl-istess ħin u bl-istess mod fis-27 Stat Membru kollha.**

L-istrument se jistabbilixxi wkoll għadd ta' **mandati biex il-Kummissjoni tiżviluppa miżuri ta' implimentazzjoni**. Dawn il-miżuri ta' implimentazzjoni se jippermettu lill-Kummissjoni telabora aktar dwar ir-regolament, jekk ikun meħtieġ, u jippermettu li r-regoli komuni jiġu stabbiliti aktar fil-ħin. Ir-Regolament se **jnaqqas ukoll l-inċertezzi fuq l-iskedi ta' żmien** matul il-proċess tat-traspożizzjoni tipikament assoċjati ma' Direttiva f'qasam fejn iż-żmien u ċ-ċertezza legali huma ta' importanza kritika minħabba ż-żidiet imbassra fid-daqs tas-suq u l-bidliet fid-dinamiċi tas-suq b'mod aktar ġenerali.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX-POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

F'April 2019, il-Kummissjoni ppubblikat evalwazzjoni tad-Direttiva dwar il-Batteriji¹⁹, f'konformità mal-linji gwida tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni aħjar u b'kont meħud tal-ispeċifikazzjonijiet tal-Artikolu 23 tad-Direttiva dwar il-Batteriji. Is-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni huma miġbura fil-qosor fl-Anness 6 tal-valutazzjoni tal-impatt, u inkorporati fl-analiżi (b'mod partikolari t-taqsima dwar id-definizzjoni tal-problemi).

Din il-proposta ta' politika tinkludi **miżuri li jindirizzaw l-oqsma identifikati fl-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar il-Batteriji, fejn in-nuqqas ta' armonizzazzjoni jew dispożizzjonijiet mhux dettaljati biżżejjed** iwasslu għal eżiti frammentati fis-suq uniku. Dawn qed joħolqu distorsjoni tal-kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni billi ma jipprovdux ċarezza u kosteffiċjenza (pereżempju, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi). Il-proposta tinkludi wkoll għadd ta' **miżuri li jiżguraw li l-ambjent regolatorju jkun aġġornat u adatt għall-iskop biex jittratta ma' novitajiet teknoloġiċi** bħall-batteriji għall-vetturi elettriċi, ir-roti elettriċi u l-iscooters elettriċi, jew il-possibbiltà għat-“tieni haġja” tal-batteriji industrijali.

• Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

F'konformità mal-linji gwida għal regolamentazzjoni aħjar, saru diversi attivitajiet ta' konsultazzjoni. Deskrizzjoni qasira ta' dawn l-attivitajiet ta' konsultazzjoni tinsab fil-punti ta' hawn taħt.

- Bħala parti mit-tnejn ta' inizjattiva regolatorja dwar **ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà għall-batteriji**, bejn Ġunju u Novembru 2019 ġiet organizzata l-ewwel sessjoni ta' konsultazzjoni mid-DĠ GROW. Din kienet tikkonsisti f'konsultazzjoni pubblika miftuħa li għaliha ġew riċevuti 180 kontribuzzjoni, u tliet laqgħat pubbliċi mal-partijiet ikkonċernati dwar is-sejbiet ta' żewġ studji ta' fattibbiltà.
- Wara deċiżjoni politika li **strument legali uniku** jissostitwixxi d-Direttiva dwar il-Batteriji u jinkorpora r-rekwiżiti ta' sostenibbiltà għall-batteriji rikarikabbli li fuqhom id-DĠ GROW ilu jaħdem minn nofs l-2018, bejn Frar u

¹⁹ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tad-9 ta' April 2019 dwar l-implimentazzjoni u l-impatt fuq l-ambjent u l-funzjonament tas-suq intern tad-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE (COM(2019) 166 final) u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni tad-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE (SWD(2019) 1300 final).

Mejju 2020 saret it-tieni sessjoni ta' attivitajiet ta' konsultazzjoni. Din it-tieni sessjoni kienet tinkludi:

- intervisti mmirati mar-rappreżentanti tal-katina tal-valur tal-batteriji, il-konsumaturi u l-assoċjazzjonijiet ambjentali;
 - sħarriġ tan-negozji (manifatturi, maniġers tal-iskart u riċiklaturi);
 - sħarriġ tar-rappreżentanti tal-proġetti tar-riċerka u l-innovazzjoni (iffinanzjat fil-qafas tal-programmi Orizzont 2020 u LIFE);
 - laqgħat settorjali mal-partijiet ikkonċernati;
 - laqgħa mal-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri.
- **Il-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu** fuq ir-regolament propost ġiet ippubblikata fit-28 ta' Mejju 2020, u l-perjodu biex jingħata r-rispons intemm fid-9 ta' Lulju 2020. B'kollox, waslu 103 risposti, li fil-biċċa l-kbira jappoġġaw il-pożizzjonijiet stabbiliti mill-partijiet ikkonċernati aktar kmieni fil-proċess (pereżempju, matul il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati fil-mira).

B'mod ġenerali, l-attivitajiet ta' konsultazzjoni wrew li hemm **rikonoxximent ġenerali** fost il-pubbliku li hemm bżonn ta' inizjattiva regolatorja li tkopri l-katina kollha tal-valur tal-batteriji b'mod integrat. Il-partijiet ikkonċernati li pparteċipaw fil-konsultazzjonijiet pubbliċi ġeneralment irrikonoxxew li **bidliet teknoloġiċi, ekonomiċi u soċjali** jiġġustifikaw il-ħolqien ta' qafas regolatorju ġdid għall-batteriji. Il-partijiet ikkonċernati qablu wkoll li għandu jkun hemm **armonizzazzjoni aħjar** tar-regoli eżistenti u qafas tal-UE li jkopri **ċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-batteriji**. Huma qalu li dan il-qafas għandu jinkludi regoli ta' sostenibbiltà komuni u aktar stretti għall-batteriji, il-komponenti, l-iskart tal-batteriji u l-materjali riċiklati, sabiex jiġu stabbiliti regoli ċari u komuni li jggarantixxu l-funzjonament tas-suq uniku tal-UE.

Il-ħtiġijiet ewlenin espressi mir-rappreżentanti mill-**industrija** kienu għal: (i) qafas regolatorju stabbli li jiżgura ċ-ċertezza tal-investment; (ii) kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni li jippermettu l-produzzjoni sostenibbli tal-batteriji; u (iii) il-funzjonament effiċjenti tas-swieq tar-riċiklaġġ biex tiżdied id-disponibbiltà ta' materja prima sekondarja ta' kwalità. It-tfassil ewleni espress minn rappreżentanti tas-**soċjetà ċivili** kien dwar il-ħtieġa ta' akkwist sostenibbli u l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari għall-katina tal-valur tal-batteriji.

Il-konklużjonijiet dettaljati mill-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati huma inklużi fl-**Anness 2** u fl-**Anness 9** tal-valutazzjoni tal-impatt.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Sabiex tappoġġa l-analiżi tal-għażliet differenti, il-Kummissjoni tat diversi **kuntratti ta' appoġġ** lil esperti esterni, inkluż għal:

- studju li jivvaluta l-fattibbiltà ta' miżuri li jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-qafas attwali tal-UE dwar il-batteriji;
- studju li jindirizza suġġetti speċifiċi (it-tieni ħajja, restrizzjonijiet, skemi ta' depożitu u ta' rifużjoni, eċċ.);
- studju preparatorju dwar l-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija tal-batteriji elettrokimiċi rikarikabbli b'memorja interna;
- studju tal-fattibbiltà ta' segwitu dwar il-batteriji sostenibbli;

- valutazzjoni tal-impatt dwar l-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija tal-batteriji elettrokimiċi rikarikabbli b'memorja interna.

Dawn l-esperti ħadmu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni matul il-fażijiet differenti tal-istudju.

Minbarra dawn l-istudji ta' appoġġ, ġie identifikat għarfien espert addizzjonali permezz tar-riċerka fil-letteratura u permezz tar-risposti tal-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta hija bbażata fuq valutazzjoni tal-impatt. Wara li indirizza l-kummenti tal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju maħruġa fl-opinjoni negattiva tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2020, il-valutazzjoni tal-impatt irċeviet opinjoni pożittiva b'riżervi fit-18 ta' Settembru 2020. Fl-opinjoni finali tiegħu, il-Bord talab aktar dettalji, prinċipalment dwar il-linja bażi u dwar il-kompożizzjoni tal-għażliet ta' politika.

Il-valutazzjoni tal-impatt tinkludi **13-il miżura** maħsubin biex **jindirizzaw il-problemi** relatati ma': (i) in-nuqqas ta' kundizzjonijiet ta' qafas biex jiġu pprovduti inċentivi għal investimenti fil-kapaċità tal-produzzjoni għal batteriji sostenibbli; (ii) il-funzjonament subottimali tas-swieq tar-riċiklaġġ; u (iii) ir-riskji soċjali u ambjentali li bħalissa mhumiex koperti mill-*acquis* ambjentali tal-UE. Dawn it-13-il miżura **huma bbażati fuq**: (i) l-analiżi mill-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar il-Batteriji; (ii) il-konsultazzjonijiet pubbliċi għal din l-inizjattiva; (iii) id-diversi studji ta' appoġġ; u (iv) impenji politiċi bħall-Patt Ekoloġiku. Dawn jirriflettu l-fatt li **hemm bżonn risposti tul katina tal-valur kumplessa**.

F'kull waħda mit-13-il miżura ta' politika wiesgħa, ġew ikkunsidrati diversi sottomiżuri. F'ħafna każijiet, dawn is-sottomiżuri jkunu alternattivi għal xulxin (pereżempju, għall-Miżura 3, il-miri tar-rata tal-ġbir għall-batteriji portabbli jistgħu jkunu jew 65 % jew inkella 75 %, iżda mhux it-tnejn). F'każijiet oħrajn, is-sottomiżuri huma mfassla b'tali mod li jistgħu jkunu **kumulattivi u/jew komplementari** (pereżempju, għall-miżura 13, "passaport" ta' batterija għal batteriji industrijali jaħdem flimkien mal-obbligi tal-informazzjoni). Dawn is-sottomiżuri kollha huma analizzati f'dettall proporzjonat fl-**Anness 9** tal-valutazzjoni tal-impatt, b'kunsiderazzjoni tal-impatti tagħhom meta mqabbla max-xenarju ta' żamma tal-istatus quo.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-analiżi, is-sottomiżuri huma miġbura f'**erba' għażliet ta' politika ewlenin**, li huma mqabbla max-xenarju ta' żamma tal-istatus quo. Dawn l-erba' għażliet huma stabbiliti hawn taħt.

- **L-għażla 1, dik ta' żamma tal-istatus quo**, hija għażla li żżomm id-Direttiva dwar il-Batteriji, li tkopri l-aktar l-istadju ta' tmiem il-ħajja tal-batteriji, **kif inhi**. Għall-**istadji aktar bikrija** fil-katina tal-valur, bħalissa ma hemm l-ebda **leġislazzjoni tal-UE fis-seħħ** u, għalhekk, din se tibqa' l-istess. Aktar dettalji dwar din l-għażla huma mogħtija fit-**Taqsim 5** dwar il-linja bażi u fl-**Anness 9**.
- **L-għażla 2, l-għażla tal-livell medju ta' ambizzjoni**, hija għażla li tibni fuq id-Direttiva dwar il-Batteriji, iżda gradwalment issaħħaħ u żżid il-livell ta' ambizzjoni. Għall-**istadji aktar bikrija** fil-katina tal-valur li għalihom bħalissa ma hemm l-ebda leġislazzjoni tal-UE, il-bidla proposta hija li jiddaħħlu **informazzjoni u rekwiżiti bażiċi** bħala kundizzjoni biex il-batteriji jitqiegħdu fis-suq tal-UE.
- **L-għażla 3, l-għażla tal-livell għoli ta' ambizzjoni**, hija **approċċ kemxejn aktar ta' tfixkil**, iżda xorta fil-limiti ta' dak li huwa teknikament fattibbli. Din tinvolvi, pereżempju, l-iffissar ta' valuri ta' limitu u limiti li għandhom jiġu rrispettati fi żmien stipulat.

- **L-għażla 4, l-għażla tal-livell għoli ħafna ta' ambizzjoni**, tinkludi miżuri li jmorru ferm lil hinn mill-qafas regolatorju attwali u mill-prattiki kummerċjali attwali.

It-Tabella 1 tippreżenta ħarsa ġenerali lejn is-sottomiżuri differenti inklużi fl-għażliet ta' politika, bl-għażla ppreferuta bbażata fuq il-valutazzjoni tal-impatt immarkata b'kulur aħdar.

L-għażla ppreferuta tal-Kummissjoni hija kombinazzjoni tal-Għażla 2 u l-Għażla 3. Il-kombinazzjoni magħżula ttiprovdi approċċ ibbilanċjat f'termini ta' effettività (il-kisba tal-oġettivi) u effiċjenza (il-kosteffettività). L-għażla ppreferuta se tiffaċilita r-risposta tal-UE għall-kundizzjonijiet tas-suq li jinbidlu malajr u se tappoġġa b'mod ambizzjuż bidla lejn ekonomija b'livell aktar baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, mingħajr ma jkun hemm riskju ta' kostijiet eċċessivi jew tfixkil.

Tabella 1: Għażla ppreferuta

Miżuri	Għażla 2 - livell medju ta' ambizzjoni	Għażla 3 - livell għoli ta' ambizzjoni	Għażla 4 - livell għoli ħafna ta' ambizzjoni
1. Klassifikazzjoni u definizzjoni	Kategorija ġdida għall-batteriji tal-vetturi elettriċi Limitu tal-piż ta' 5 kg biex issir distinzjoni bejn batteriji portabbli u dawk industrijali	Metodoloġija ġdida ta' kalkolu għar-rati ta' ġbir ta' batteriji portabbli bbażati fuq il-batteriji disponibbli għall-ġbir	/
2. It-tieni haġja tal-batteriji industrijali	Fi tmiem l-ewwel haġja, il-batteriji użati jitqiesu bħala skart (ħlief għall-użu mill-ġdid). L-adattament għal skop differenti huwa meqjus bħala operazzjoni ta' trattament tal-iskart. Il-batteriji adattati għal skop differenti (it-tieni haġja) jitqiesu bħala prodotti ġodda li għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-prodott meta jitqiegħdu fis-suq.	Fi tmiem l-ewwel haġja, il-batteriji użati ma jitqisux bħala skart. Il-batteriji adattati għal skop differenti (it-tieni haġja) jitqiesu bħala prodotti ġodda li għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-prodott meta jitqiegħdu fis-suq.	<i>It-tnejnha obligatorja għat-tieni haġja</i>
3. Ir-rata tal-ġbir għall-batteriji portabbli	mira ta' ġbir ta' 65 % fl-2025	mira ta' ġbir ta' 70 % fl-2030	mira ta' ġbir ta' 75 % fl-2025
4. Ir-rata ta' ġbir għall-batteriji awtomotivi u dawk industrijali	Sistema ġdida ta' rapportar għall-batteriji awtomotivi, tal-vetturi elettriċi u industrijali	Il-mira tal-ġbir għall-batteriji li jħaddmu vetturi tat-trasport ħfief.	Il-mira espliċita tal-ġbir għall-batteriji industrijali, tal-vetturi elettriċi u awtomotivi

Miżuri	Għażla 2 - livell medju ta' ambizzjoni	Għażla 3 - livell għoli ta' ambizzjoni	Għażla 4 - livell għoli ħafna ta' ambizzjoni
5. L-effiċjenzi tar-riċiklaġġ u l-irkupru tal-materjali	<p><u>Batteriji tal-joni tal-litju u Co, Ni, Li, Cu:</u></p> <p>Batteriji tal-joni tal-litju b'effiċjenza tar-riċiklaġġ: 65 % sal-2025</p> <p>Ir-rati tal-irkupru tal-materjal għall-Co, għan-Ni, għal-Li, għall-Cu: risp. 90 %, 90 %, 35 % u 90 % fl-2025</p> <p><u>Batteriji taċ-ċomb u tal-aċidu u ċomb:</u></p> <p>Batteriji taċ-ċomb u tal-aċidu b'effiċjenza tar-riċiklaġġ: 75 % sal-2025</p> <p>Irkupru ta' materjal għaċ-ċomb: 90 % sal-2025</p>	<p><u>Batteriji tal-joni tal-litju u Co, Ni, Li, Cu:</u></p> <p>Batteriji tal-joni tal-litju b'effiċjenza tar-riċiklaġġ: 70 % sal-2030</p> <p>Ir-rati tal-irkupru tal-materjal għall-Co, għan-Ni, għal-Li, għall-Cu: risp. 95 %, 95 %, 70 % u 95 % fl-2030</p> <p><u>Batteriji taċ-ċomb u tal-aċidu u ċomb:</u></p> <p>Batteriji taċ-ċomb u tal-aċidu b'effiċjenza tar-riċiklaġġ: 80 % sal-2030</p> <p>Irkupru ta' materjal għaċ-ċomb: 95 % sal-2030</p>	/
6. L-impronta tal-karbonju għall-batteriji industrijali u tal-vetturi elettriċi	Dikjarazzjoni obbligatorja dwar l-impronta tal-karbonju	Il-klassijiet tal-prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju u l-limiti massimi tal-karbonju għall-batteriji bħala kundizzjoni għat-tqegħid fis-suq	/
7. Il-prestazzjoni u d-durabbiltà tal-batteriji industrijali u tal-vetturi elettriċi rikarikabbli	Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar il-prestazzjoni u d-durabbiltà	Ir-rekwiżiti minimi ta' prestazzjoni u durabbiltà għal batteriji industrijali bħala kundizzjoni għat-tqegħid fis-suq	/
8. Batteriji portabbli mhux rikarikabbli	Il-parametri tekniċi għall-prestazzjoni u d-durabbiltà tal-batteriji primarji portabbli	L-eliminazzjoni gradwali tal-batteriji primarji portabbli ta' użu ġenerali	L-eliminazzjoni gradwali totali tal-batteriji primarji
9. Il-kontenut irriċiklat fil-batteriji industrijali, tal-vetturi elettriċi u awtomotivi	Dikjarazzjoni obbligatorja tal-livelli ta' kontenut irriċiklat, fl-2025	Livelli obbligatorji ta' kontenut irriċiklat, fl-2030 u fl-2035	/
10. Ir-responsabbiltà estiża tal-produtturi	Speċifikazzjonijiet ċari għall-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi għall-batteriji industrijali Standards minimi għall-PROs	/	/
11. Ir-rekwiżiti tad-disinn għall-batteriji portabbli	It-tisħiħ tal-obbligu tal-possibbiltà li tinqala' l-batterija	Obbligu ġdid dwar is-sostitwibbiltà	<i>Rekwiżit dwar l-interoperabbiltà</i>
12. L-għoti ta' informazzjoni	L-għoti ta' informazzjoni bażika (fl-għamla ta' tikketti, dokumentazzjoni teknika jew online) L-għoti ta' informazzjoni aktar speċifika lill-utenti finali u lill-operaturi ekonomiċi (b'aċċess selettiv)	L-istabbiliment ta' sistema ta' skambju elettroniku tal-informazzjoni għall-batteriji u skema ta' passaporti (għall-batteriji industrijali u tal-vetturi elettriċi biss)	/

Miżuri	Għażla 2 - livell medju ta' ambizzjoni	Għażla 3 - livell għoli ta' ambizzjoni	Għażla 4 - livell għoli ħafna ta' ambizzjoni
13. Id-diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista għall-materja prima fil-batteriji industrijali u tal-vetturi elettriċi	Id-diliġenza dovuta volontarja għall-katina tal-provvista	Id-diliġenza dovuta obbligatorja għall-katina tal-provvista	/

Didaskalija: aħdar = l-għażla ppreferuta; aħdar ċar = l-għażla ppreferuta sakemm issir klawżola ta' reviżjoni.

L-oġettiv tal-**Miżura 1** dwar il-klassifikazzjoni u d-definizzjoni huwa li jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet attwali dwar il-kategoriji tal-batteriji u li dawn jiġu aġġornati f'konformità mal-aħħar żviluppi teknoloġiċi (Għażla 2). Il-bidliet amministrattivi fi wħud mid-dispożizzjonijiet fid-Direttiva attwali dwar il-Batteriji għandhom itejbu l-effettività ta' diversi dispożizzjonijiet oħrajn, mingħajr ma jiġġeneraw kostijiet ekonomiċi jew piż amministrattiv sinifikanti. Il-partijiet ikkonċernati qalu li huma jaċċettaw bis-sħiħ din il-miżura. Il-possibbiltà li tiġi stabbilita metodoloġija ġdida għar-rati tal-ġbir abbażi ta' "disponibbli għall-ġbir" (Għażla 3) hija proposta li tiġi vvalutata mill-ġdid permezz ta' klawżola ta' rieżami.

Għall-**Miżura 2** dwar il-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji industrijali fit-tieni ħaġġa, il-**benefiċċji ambjentali u ekonomiċi** stmati għall-Għażliet 2 u 3 ikunu **ekwivalenti** (jekk wieħed jassumi livelli ugwali ta' penetrazzjoni fis-suq), filwaqt li jiġi rikonoxxut li hemm kompromessi bejn il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' batteriji fit-tieni ħaġġa, minn naħa, u r-riċiklaġġ, min-naħa l-oħra. **Il-kostijiet amministrattivi tal-Għażla 3** – li taħtha l-batteriji użati mhux neċessarjament jitqiesu bħala skart fi tmiem l-ewwel ħaġġa tagħhom (u jitqiesu biss bħala skart meta d-detentur tal-batterija jiddeċiedi li jarmi l-batterija) – huma **ferm aktar baxxi** minn dawk għall-Għażla 2. L-Għażla 3 tqieset bħala l-għażla ppreferuta fil-valutazzjoni tal-impatt għar-raġuni li hija l-aħjar waħda biex tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' suq għall-batteriji fit-tieni ħaġġa u kienet appoġġata mill-partijiet ikkonċernati. L-Għażla 2 – li taħtha l-batteriji jsiru skart – twassal għal kostijiet addizzjonali għall-permessi meħtieġa biex jiġi ttrattat l-iskart perikoluż, li kienet kwistjoni ta' tħassib partikolari għall-partijiet ikkonċernati. Din l-għażla tista' għalhekk tillimita l-iżvilupp tas-suq tat-tieni ħaġġa għall-batteriji billi l-kostijiet huma oġhla. Il-Kummissjoni kkonkludiet li kombinazzjoni tal-Għażla 2 u l-Għażla 3, fejn jiġu stabbiliti l-kriterji speċifiċi għat-tmiem tal-istatus ta' skart inkluż kontroll tal-istat tas-saħħa li l-batteriji għandhom jissodisfaw sabiex jintbagħtu għal adattament għal skop differenti jew għal manifattura mill-ġdid, tipprovdli l-aktar soluzzjoni xierqa. Dan l-approċċ, appoġġat minn rekwiżiti estiżi tar-responsabbiltà tal-produttur, għandu l-għan li jinkoraġġixxi l-adattament għal skop differenti u l-manifattura mill-ġdid tal-batteriji filwaqt li jiżgura li l-iskart ta' batteriji jkun soġġett għal trattament xieraq skont il-leġislazzjoni tal-UE dwar l-iskart u l-ftehimiet internazzjonali.

Għall-**Miżura 3** dwar mira ta' rata tal-ġbir għall-batteriji portabbli, l-għażla ppreferuta hija l-**Għażla 2** għal mira ta' ġbir ta' 65 % fl-2025 u l-**Għażla 3** għal mira ta' 70 % fl-2030. Dawn l-għażliet huma stmati li jiswew madwar EUR 1,09 u EUR 1,43 *per capita* kull sena rispettivament, li għandhom jiġu ffinanzjati permezz tal-mekkaniżmu tar-Responsabbiltà Estiża tal-Produtturi. Hemm żewġ raġunijiet għaż-żieda fil-miri tal-ġbir b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-linja bażi. L-ewwel nett, minħabba li **l-benefiċċji ambjentali jiddiedu b'mod mhux lineari** minħabba ż-żieda fil-ġbir ta' batteriji tal-joni tal-litju. It-tieni, minħabba li l-evidenza turi li hemm **ekonomiji ta' skala u kisbiet fl-effiċjenza** li għandhom isiru. Bħala prinċipju aċċettat b'mod ġenerali, **il-partijiet ikkonċernati jaċċettaw miri ta' ġbir**

ogħla sakemm dawn ikunu realistiċi u jkollhom biżżejjed żmien biex jilhq u l-miri. Dan jitqies li mhuwiex il-każ għall-Għażla 4, mira ta' ġbir ta' 75 % sal-2025.

L-għażla ppreferuta għall-**Miżura 4** hija l-**Għażla 2**, sistema ta' rapportar ġdida għall-batteriji awtomotivi u industrijali. Din il-miżura mhijiex mistennija twassal għal kostijiet ekonomiċi jew piż amministrattivi sinifikanti, iżda għandha tirriżulta f'żieda fir-rati tal-ġbir. L-**Għażla 3, mira speċifika ta' ġbir għall-batteriji użati fil-mezzi ta' trasport ħafif**, hija mistennija li twassal għal żieda sinifikanti fir-rati tal-ġbir. Madankollu, minħabba l-ħtieġa li l-ewwel tiġi żviluppata l-metodoloġija "disponibbli għall-ġbir", qed jiġi propost li din l-Għażla tiġi vvalutata mill-ġdid permezz ta' klawżola ta' rieżami.

L-għażla ppreferuta għall-**Miżura 5** dwar l-effiċjenzi tar-riċiklaġġ u l-irkupru tal-materjal hija l-**Għażla 2**, li żżid il-miri għall-batteriji taċ-ċomb u tal-aċidu, flimkien mal-**Għażla 3**, li twassal miri ġodda għall-batteriji tal-joni tal-litju, il-kobalt, in-nikil, il-litju u r-ram. L-Għażla 2 tistabbilixxi miri għall-2025 abbażi ta' dak li huwa teknikament fattibbli bħalissa, filwaqt li l-Għażla 3 tistabbilixxi miri għall-2030 abbażi ta' dak li se jkun teknikament fattibbli fil-futur. Minħabba l-**grad għoli ta' inċertezza** fuq għadd ta' varjabbli, instab li kien diffiċli li jiġi kkwantifikat l-impatt ekonomiku u ambjentali ta' dawn l-għażliet. L-istimi tal-immudellar jindikaw li, **anki bl-aktar suppożizzjonijiet konservattivi, dan ikollu impatt pożittiv.**

Għall-**Miżura 6** dwar l-impronta tal-karbonju tal-batteriji tal-vetturi elettriċi, l-għażla ppreferuta hija l-**Għażla 2**, dikjarazzjoni obbligatorja, ikkomplementata, maż-żmien, bl-Għażla 3, li tistabbilixxi l-klassijiet tal-prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju u l-valuri ta' limitu massimi bħala kundizzjoni għat-tqegħid tal-batteriji fis-suq tal-UE. L-introduzzjoni bil-quddiem tal-**Għażla 3** tkun aktar effettiva mill-Għażla 2, iżda hija meħtieġa aktar żmien biex jitlestha l-qafas metodoloġiku u ta' informazzjoni meħtieġ. Madankollu, l-Għażla 2 se tippermetti l-introduzzjoni gradwali tal-miżuri previsti fl-Għażla 3. Tali miżuri għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-objettiv tal-Unjoni li tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050 u li tiġġieled kontra t-tibdil fil-klima, kif iddikjarat fil-Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari, għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva²⁰. L-att delegat li jistabbilixxi l-valuri tal-limiti tal-karbonju se jkun appoġġat minn valutazzjoni tal-impatt dedikata.

Għall-**Miżura 7** dwar il-prestazzjoni u d-durabbiltà tal-batteriji industrijali rikarikabbli u tal-vetturi elettriċi, l-għażla ppreferuta hija l-**Għażla 2**, li ġġib magħha rekwiżiti ta' informazzjoni fuq perjodu ta' żmien qasir. Din tgħin biex jiġu armonizzati l-kalkolu u d-disponibbiltà tal-karatteristiċi tal-prestazzjoni u tad-durabbiltà tal-batteriji u, b'hekk, tippermetti lill-konsumaturi u lin-negozji jieħdu deċiżjonijiet informati. Ladarba l-informazzjoni meħtieġa tkun disponibbli u x-xogħol ta' standardizzazzjoni jkun tlesta, se jkun possibbli li jiġu introdotti **rekwiżiti minimi ta' prestazzjoni** (Għażla 3) fi stadju aktar tard. Il-Kummissjoni kkonkludiet li din l-għażla hija aktar effettiva fit-tul biex **tgħin lis-suq jaqleb għal batteriji bi prestazzjoni aħjar**, u b'hekk twassal għal bidla lejn impatt ambjentali aktar baxx.

Għall-**Miżura 8** dwar batteriji portabbli mhux rikarikabbli, l-għażla preferuta hija l-**Għażla 2**, li tistabbilixxi parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà sabiex jiġi mminimizzat l-użu ineffiċjenti tar-riżorsi u tal-enerġija. Dawn il-parametri se jiġu adottati wkoll mir-rekwiżiti tat-tikkettar li huma koperti mill-Miżura 12 biex tingħata informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-batteriji tal-konsumaturi. Fir-rigward tal-**Għażliet 3 u 4**, il-konklużjoni hija li attwalment ma hemmx biżżejjed evidenza disponibbli biex jintwerew l-

²⁰ COM(2020)98 final, https://eur-lex.europa.eu/resource.html?uri=cellar:9903b325-6388-11ea-b735-01aa75ed71a1.0017.02/DOC_1&format=PDF

effettività u l-fattibilità ta' tneħħija parzjali jew sħiħa ta' batteriji mhux rikarikabbli. Il-produtturi u r-riċiklaturi tal-batteriji mhux rikarikabbli huma kontra dawn iż-żewġ għażliet aktar ambizzjużi.

L-għażla ppreferuta għall-**Miżura 9** hija kemm l-**Għażla 2**, li tintroduċi dikjarazzjoni obbligatorja tal-kontenut irriċiklat, fil-perjodu ta' żmien qasir, kif ukoll l-**Għażla 3**, li tistabbilixxi miri obbligatorji għall-kontenut irriċiklat għal-litju, il-kobalt, in-nikil u ċ-ċomb fl-2030 u fl-2035. Iż-żewġ għażliet huma komplementari u jikkontribwixxu biex jiġi pprovdut **qafas legali prevedibbli li jħeġġeġ lill-atturi tas-suq jinvestu f'teknoloġiji ta' riċiklaġġ li altrimenti ma jiġux żviluppjati minħabba li mhumiex kost-kompetittivi mal-produzzjoni ta' materja prima primarja.**

Għall-**Miżura 10** dwar **ir-responsabbiltà estiża tal-produtturi u l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi**, ma ġiet proposta l-ebda għażla ta' ambizzjoni għolja minħabba li tinvolvi prinċipalment l-irfinar tad-dispożizzjonijiet eżistenti skont id-Direttiva dwar il-Batteriji. Il-miżura proposta twassal għal **kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni** għall-iskemi tal-EPR għall-batteriji tal-vetturi elettriċi u dawk industrijali li bħalissa huma kklassifikati bħala batteriji industrijali u għall-PROs għall-batteriji portabbli. Il-**kostijiet ekonomiċi** ta' din il-miżura huma mistennija li jkunu **negliġibbli u fil-biċċa l-kbira kkumpensati mill-benefiċċji ambjentali** taż-żieda fir-rati ta' ġbir.

Għall-**Miżura 11** dwar ir-rekwiżiti tad-disinn għall-batteriji portabbli, l-għażla ppreferuta hija t-tisħiħ tal-obbligu tal-possibbiltà li tinqala' l-batterija (Għażla 2) u obbligu ġdid tas-sostitwibbiltà tal-batteriji (Għażla 3). Il-**kostijiet ekonomiċi** ta' dawn l-għażliet huma negliġibbli, filwaqt li se jiġġeneraw **benefiċċji ambjentali u ffrankar tar-riżorsi**. Hija tagħmel dan billi tiffaċilita l-użu mill-ġdid, it-tiswija u r-riċiklaġġ tal-batteriji u l-apparat li fih ikunu integrati.

Għall-**Miżura 12** dwar l-għoti ta' informazzjoni affidabbli, hija ppreferuta kombinazzjoni kemm tal-Għażla 2 kif ukoll tal-Għażla 3. L-**Għażla 2**, li tintroduċi sistema ta' tikkettar stampata u oħra online li jipprovdu informazzjoni bażika u aktar personalizzata, hija ppreferuta minħabba li tgħin biex tipprovdi informazzjoni aħjar lill-konsumaturi u lill-utenti finali u tistimola **bidla fis-suq lejn batteriji li jirrispettaw aktar l-ambjent**. Il-prinċipju tal-**Għażla 3**, sistema ta' skambju elettroniku u passaport tal-batteriji, kif propost mill-Alleanza Globali tal-Batteriji, huwa aċċettat minn bosta organizzazzjonijiet globali. Is-**sistema ta' skambju elettroniku** se jkollha spiża amministrattiva ta' darba biex titwaqqaf, iżda se twassal għal simplifikazzjoni amministrattiva u kostijiet ta' implimentazzjoni aktar baxxi fit-tul. Barra minn hekk, il-**passaport tal-batteriji** għandu jippermetti lill-operaturi tat-tieni haġja jieħdu deċiżjonijiet kummerċjali informati u jippermetti lir-riċiklaturi jippjanaw aħjar l-operazzjonijiet tagħhom u jtejbu l-effiċjenzi tar-riċiklaġġ tagħhom.

Għall-**Miżura 13** dwar id-diliġenza dovuta għall-materja prima, l-għażla ppreferuta hija l-**Għażla 3**, approċċ obbligatorju. Hemm **livell ġust ta' kunsens** fost il-partijiet ikkonċernati li din l-għażla tkun **aktar effettiva** fl-indirizzar tar-riskji soċjali u ambjentali relatati mal-estrazzjoni tal-materja prima, l-ipproċessar u n-negożjar ta' ċerta materja prima għall-finijiet tal-manifattura tal-batteriji. Jenħtieġ li din l-għażla tiġi kkunsidrata fid-dawl tal-ħidma li għaddejjja fuq proposta għal leġiżlazzjoni transettorjali dwar il-governanza korporattiva sostenibbli li l-Kummissjoni qed tippjana li tippreżenta fl-2021.

L-Anness 3 tal-Valutazzjoni tal-Impatt jipprovdi ħarsa ġenerali fil-qosor lejn il-kostijiet u l-benefiċċji u, b'mod partikolari, il-kwantifikazzjoni tagħhom.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-miżuri proposti għandhom impatt negliġibbli f'termini ta' piż amministrattiv.

Din il-proposta ta' politika tagħmel użu massimu mill-potenzjal tad-**diġitalizzazzjoni** biex jitnaqqsu l-kostijiet amministrattivi. Pereżempju, il-Miżura 12 tipproponi li jiġi stabbilit **skambju elettroniku tal-informazzjoni għall-batteriji** li jżomm informazzjoni dwar kull mudell ta' batterija portabbli u industrijali mqiegħed fis-suq. Taħt il-Miżura 12, għandu jiġi prodott ukoll passaport tal-batteriji għal kull batterija industrijali u tal-vetturi elettriċi individwali mqiegħda fis-suq. L-iżvilupp kemm tas-sistema tal-iskambju tal-informazzjoni kif ukoll tas-sistema ta' passaporti se jinvolvi kostijiet konsiderevoli kemm għall-Kummissjoni kif ukoll għan-negozji. Madankollu, dan se jipprovdi lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-Kummissjoni b'**għodda b'saħħitha għall-infurzar tal-obbligi** fir-regolament propost, kif ukoll għodda ta' intelliġenza tas-suq għar-reviżjoni u l-irfinar tal-obbligi fil-futur.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandhiex konsegwenzi għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta timplika l-użu tal-persunal u l-flus biex jinxtraw id-*data* u s-servizzi. Uħud mir-rekwiżiti tal-persunal huma mistennija li jiġu ssodisfati taħt l-allokazzjonijiet eżistenti għall-Kummissjoni, għaċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) u għall-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA). Ir-riżorsi tal-persunal tal-Kummissjoni meħtieġa se jiġu ssodisfati mill-persunal tad-DĠ li diġà huwa assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġie skjerat mill-ġdid fi ħdan id-DĠ. Dawn l-impjegati se jingħaqdu ma' allokazzjoni addizzjonali ta' persunal li għandha tingħata lid-DĠ maniġerjali skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Il-proposta tinkludi diversi artikoli li jagħtu dettalji dwar flussi ta' xogħol ulterjuri li jeħtieġ li jitwettqu biex jikkomplementaw ir-Regolament u li jeħtieġ li jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni/delegati f'perjodu ta' żmien ta' 3-8 snin. Dawn se jkunu jkopru: il-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti ta' sostenibbiltà; is-sistema tal-kontroll tal-konformità; u l-immaniġġar tal-iskart; l-informazzjoni; u t-tikkettar. Lista dettaljata ta' dawn l-azzjonijiet ipplanati hija pprovduta hawn taħt:

- tiġi segwita l-ħidma ta' standardizzazzjoni fis-CEN/CENELEC;
- jiġu żviluppati speċifikazzjonijiet komuni dwar: (i) il-prestazzjoni u d-durabilità għal batteriji portabbli mhux rikarikabbli; (ii) il-prestazzjoni u d-durabilità għal batteriji industrijali rikarikabbli; u (iii) għas-sikurezza għas-sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji stazzjonarji.
- jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' regoli tal-kalkolu armonizzati għal: (i) id-dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju (inkluża r-reviżjoni tar-regoli tal-kategorija marbutin mal-impronta ambjentali tal-prodott (PEFCR) għall-batteriji tal-vetturi elettriċi u għall-batteriji industrijali rikarikabbli); u (ii) il-kalkolu tal-klassijiet ta' prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju għall-batteriji tal-vetturi elettriċi u għall-batteriji industrijali rikarikabbli;
- jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' regoli tal-kalkolu armonizzati għal: (i) il-kontenut riċiklat fil-batteriji tal-vetturi elettriċi u fil-batteriji industrijali rikarikabbli; (ii) l-effiċjenzi tar-riċiklaġġ, (iii) il-materjali rkuprati, u (iv) il-klassifikazzjoni tal-iskart;

- titfassal gwida dwar il-possibbiltà li l-batteriji portabbli jinqalgħu u jiġu sostitwiti;
- tiġi stabbilita sistema ta' skambju elettroniku tal-informazzjoni għas-sottomissjoni tal-informazzjoni relatata ma' batteriji tal-vetturi elettriċi u batteriji industrijali rikarikabbli;
- jiġu żviluppanti kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku dwar il-batteriji;
- tiġi emendata l-lista ta' skart fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE²¹;
- titwettaq valutazzjoni tar-riskji fuq is-sustanzi użati fil-batteriji, kif ukoll ġestjoni tar-riskji tagħhom;
- jiġu emendati l-obbligi tar-rapportar.

Il-JRC se jkollu rwol ewlieni fl-appoġġ lill-Kummissjoni bi ffit mix-xogħol tekniku meħtieġ. Madwar EUR 6.2 miljun se jiffinanzjaw l-istudji meħtieġa u ftehim amministrattiv mal-JRC maħsuba biex jappoġġaw lill-Kummissjoni f'għadd ta' flussi tax-xogħol stabbiliti fil-punti ta' hawn taħt.

- L-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet komuni dwar: (i) il-prestazzjoni u d-durabbiltà għall-batteriji portabbli ta' użu ġenerali (ii) il-prestazzjoni u d-durabbiltà għall-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji industrijali rikarikabbli u (iii) għas-sikurezza tas-sistemi għall-ħażna tal-enerġija f' batteriji stazzjonarji.
- It-tfassil ta' regoli armonizzati għal: (i) il-ġbir separat ta' batteriji portabbli; (ii) id-dikjarazzjoni tal-impronti tal-karbonju; (iii) il-kalkolu tal-impronta tal-karbonju, tal-kontenut riċiklat u tal-effiċjenzi tar-riċiklaġġ u (iv) il-kalkolu tal-klassijiet ta' prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju ta' batteriji tal-vetturi elettriċi u batteriji industrijali rikarikabbli.
- L-analiżi tal-kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku (inklużi l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tal-akkwist pubbliku u l-kontrolli legali fuq ir-regoli proposti dwar l-akkwist pubbliku).
- L-appoġġ għall-gwida dwar il-possibbiltà li l-batteriji portabbli jinqalgħu u jiġu sostitwiti;
- L-appoġġ għall-iżvilupp ta' emendi mmirati tal-entrati fil-Lista Ewropea ta' Skart rilevanti għall-batteriji;
- L-appoġġ għall-eliminazzjoni gradwali ta' batteriji portabbli mhux rikarikabbli ta' użu ġenerali;
- L-appoġġ għar-rekwiżiti dwar it-tikkettar;
- L-iżvilupp tal-kriterji tal-GPP.

L-ECHA se tappoġġa wkoll lill-Kummissjoni fl-immaniġġar tas-sustanzi tal-batteriji u r-restrizzjoni regolatorja tagħhom bħala parti mill-attivitajiet eżistenti ta' REACH. Dan jirrikjedi total ta' żewġ membri tal-persunal bħala aġenti temporanji (AD 5-7) ekwivalenti għal full-time (FTE) fl-ECHA (spiża medja ta' EUR 144 000 fis-sena fuq medda ta'

²¹ 2000/532/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż, ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3

seba' snin u aktar). Barra minn hekk, se jkun meħtieġ aġent kuntrattwali FTE wieħed (CA FG III, spiża medja ta' EUR 69 000 fis-sena fuq medda ta' tliet snin) biex tiżdied il-bażi tal-għarfien u jiġi ffaċilitat pjan ta' ħidma u tal-iffissar tal-prijoritajiet informat. Dan il-pjan ta' ħidma għandu jkun ibbażat fuq studju li jibni l-għarfien attwali tal-ECHA fuq kif l-industrija tal-batteriji timmaniġġa s-sustanzi kimiċi perikolużi tagħha biex tidentifika s-sustanzi rilevanti għall-ġestjoni tar-riskji regolatorji fil-futur. Huwa stmat li l-istudju se jiswa EUR 400 000 (fuq medda ta' 3 snin) biex tiġi esternalizzata parti mill-ħtiġijiet tar-riċerka.

Id-DĠ GROW ikkalkula li l-iżvilupp tas-sistema ta' skambju elettroniku tal-informazzjoni proposta għall-informazzjoni dwar il-batteriji se jiswa madwar EUR 10 miljun. Studju tal-fattibilità, li għandu jitnieda fl-2021, se jivvaluta wkoll x'inhil l-aħjar arkitettura għas-sistema ta' skambju elettroniku tal-informazzjoni proposta u x'servizzi għandha twassal.

Il-Kummissjoni Ewropea se tkun responsabbli għan-negozjar tar-Regolament, l-implimentazzjoni ġenerali tiegħu, u l-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni/delegati kollha previsti mir-Regolament. Dan se jkun jirrikjedi dawn li ġejjin: (i) ix-xogħol imwettaq fil-JRC u fl-ECHA u (ii) il-proċessi normali tat-teħid tad-deċiżjonijiet, inklużi l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u l-proċeduri ta' komitoloġija. Is-simulazzjonijiet finanzjarji attwali huma bbażati fuq żewġ karigi ta' FTE AD biex iwettqu biss il-kompiti manijerjali, jiġifieri (i) in-negozjar u l-implimentazzjoni ġenerali tar-Regolament; u (ii) ix-xogħol preparatorju differenti u l-abbozzar tal-leġiżlazzjoni sekondarja skont l-iskadenzi proposti fir-Regolament dwar il-Batteriji. Il-kompiti tekniċi jistgħu jitwettqu minn esperti nazzjonali ssekondat wieħed FTE (minħabba l-iskeda ta' żmien mistennija) u minn aġenti kuntrattwali. Miż-żewġ karigi AD, wieħed ġie allokat mill-ġdid fi ħdan id-DĠ ENV. Il-kostijiet tal-persunal fil-Kummissjoni jammontaw għal kost totali ta' EUR 3 075 000 abbażi tal-aħħar aġġornament tal-kost tal-persunal COM irrappurtat fuq is-sit web tad-DG BUDG:

https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/en/pre/legalbasis/Pages/pre-040-020_preparation.aspx.

Għandu jiġi nnotat li l-informazzjoni pprovduta fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva hija kompatibbli mal-proposta tal-QFP ta' wara l-2020.

Fil-perjodu 2021-2029 se jkunu meħtieġa xi riżorsi addizzjonali biex isir progress fil-ħidma biex: (i) jiġu żviluppati standards u speċifikazzjonijiet komuni dwar il-prestazzjoni u durabbiltà tal-batteriji; (ii) jiġu żviluppati regoli ta' kalkolu armonizzati għall-għbir separat tal-batteriji portabbli, id-dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju, il-kalkolu tal-klassijiet ta' prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju, u l-kalkolu tal-kontenut riċiklat u l-effiċjenzi tar-riċiklaġġ; (iii) titfassal gwida dwar il-possibilità li l-batteriji portabbli jinqalgħu u jiġu sostitwiti; (iv) tittieħed deċiżjoni dwar il-formati u jiġu żviluppati sistemi biex jiġu riċevuti sottomissjonijiet marbuta mal-iskambju elettroniku tal-informazzjoni; u (v) jiġu żviluppati kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku. Ir-riżorsi għall-istudji u l-arranġamenti amministrattivi f'dan il-kuntest se jkunu koperti mill-programm LIFE għal ammont totali ta' madwar EUR 4,7 miljun, kif ukoll EUR 10,7 miljun taħt l-operat u l-iżvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi.

Il-baġit tal-proposta huwa ppreżentat fi prezzijiet attwali ħlief għall-komponent tal-ECHA tal-baġit li iñdiċizza s-salarji għal tkabbir ta' 2 % fis-sena. Se jkunu meħtieġa riżorsi addizzjonali għall-ECHA biex jiżdied is-sussidju li tirċievi.

Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva mehmuża ma' din il-proposta tistabbilixxi l-implikazzjonijiet tar-riżorsi baġitarji, umani u amministrattivi.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-
evalwazzjoni u r-rapportar**

L-għan tal-bidla proposta fil-**klassifikazzjoni tal-batteriji** huwa li jiġu aġġornati r-regoli eżistenti biex jiġi żgurat li jkunu jkopru l-batteriji kollha, inklużi t-tipi ta' batteriji ġodda possibbli. L-arranġamenti ta' monitoraġġ ikollhom jiżguraw li l-miżuri l-ġodda jiġu implimentati u infurzati kif maħsub.

L-iffissar ta' **mira ġdida tar-rata ta' ġbir għall-batteriji portabbli** jirrikjedi l-monitoraġġ tar-rata ta' ġbir fl-Istati Membri. Dan ġie stabbilit għall-mira attwali ta' 45 % u kien jinvolvi li l-Eurostat jiġbor informazzjoni mill-Istati Membri fuq bażi annwali. Għalhekk, l-iffissar ta' mira ġdida ma jkunx jinvolvi obbligi ta' rapportar addizzjonali.

Il-ħolqien ta' **sistema ta' rapportar għall-batteriji awtomotivi u dawk industrijali** jirrikjedi l-ġbir ta' informazzjoni li diġà hija ġġenerata fil-livell nazzjonali. Barra minn hekk, għall-batteriji awtomotivi u tal-vetturi elettriċi, is-sistema ta' rapportar tista' tinbena fuq is-sistema stabbilita mid-Direttiva dwar il-Vetturi li Ma Għadhomx Jintużaw.

Il-mira tal-**effiċjenza tar-riċiklaġġ** għall-batteriji tal-litju hija stabbilita għal 65 % mill-2025. L-Eurostat ilu jiġbor *data* dwar l-effiċjenzi tar-riċiklaġġ għall-batteriji taċ-ċomb, tal-kadmju u batteriji oħrajn fuq bażi annwali mill-2014. Għalhekk, tkun żieda minuri li tiġi inkluża l-effiċjenza tar-riċiklaġġ tal-litju mal-proċedura stabbilita tal-ġbir tad-*data*.

L-obbligu li tiġi rrappurtata l-**impronta tal-karbonju** assoċjata maċ-ċiklu tal-ħajja ġenerali (minbarra l-fażi tal-użu) tal-batteriji mqiegħda fis-suq jirrekjedi l-iżvilupp ta' għodda tal-IT li tippermetti lill-manifatturi jdaħħlu l-informazzjoni direttament. Il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li toffri għodda bbażata fuq l-internet u aċċess b'xejn għal-libreriji ta' settijiet ta' *data* sekondarji biex tiffaċilita l-proċess tal-kalkolu tal-impronta tal-karbonju, abbażi tar-regoli adottati. Id-*data* ppreżentata tista' tintuża biex jiġu stabbiliti parametri referenzjarji tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, biex jiġi vvalutat jekk l-introduzzjoni ta' klassijiet ta' prestazzjoni tal-intensità tal-gassijiet serra tkunx utli biex tittejjeb l-impronta tal-karbonju u l-prestazzjoni ambjentali tal-batteriji u biex tiġi vvalutata l-ħtieġa għal inċentivi addizzjonali u/jew miżuri ta' kundizzjonalità tas-suq.

B'mod simili, l-obbligu li tiġi pprovduta informazzjoni dwar **il-prestazzjoni u d-durabbiltà** għandu jiffirma parti mid-dokumentazzjoni teknika. Skont it-tip ta' batterija, din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli wkoll online f'bażi tad-*data* tal-batterija u/jew fil-passaport tal-batterija.

L-obbligu għall-produtturi li jipprovdu informazzjoni dwar l-ammont ta' **kontenut irriċiklat** għandu jsegwi metodoloġija armonizzata.

Għall-**possibbiltà li tinqala'**, l-obbligi attwali għandhom jissaħħu, u qed jiġu proposti dispożizzjonijiet ġodda għas-**sostitwibbiltà**.

Id-dispożizzjonijiet dwar l-impronta tal-karbonju u d-dikjarazzjonijiet tal-kontenut irriċiklat, u dwar il-politika ta' diliġenza dovuta għall-akkwist responsabbli tal-materja prima jkunu jeħtieġu **verifika minn parti terza**, fil-prinċipju, permezz tal-korpi nnotifikati.

L-awtoritajiet tas-suq nazzjonali jkunu responsabbli biex jivverifikaw il-validità tal-informazzjoni pprovduta biex jiġu ssodisfati l-obbligi kollha fir-Regolament.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Billi l-istrument legali huwa Regolament li huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri, ma hemmx bżonn ta' dokument ta' spjegazzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

II-Kapitolu I tar-Regolament fih Dispożizzjonijiet Ġenerali.

L-Artikolu 1 jistipula li r-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti dwar is-sostenibbiltà, is-sikurezza u t-tikkettar li jippermettu t-tqegħid fis-suq u t-tqegħid fis-servizz ta' batteriji, kif ukoll rekwiżiti għall-ġbir, it-trattament u r-riċiklaġġ ta' skart ta' batteriji. Ir-Regolament għandu japplika għat-tipi kollha ta' batteriji u jelenka l-erba' kategoriji ta' batteriji, jiġifieri batteriji portabbli, batteriji awtomotivi, batteriji tal-vetturi elettriċi u batteriji industrijali.

L-Artikolu 2 fih id-definizzjonijiet.

L-Artikolu 3 jistabbilixxi l-prinċipju tal-moviment liberu fis-suq uniku għall-batteriji li jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament.

L-Artikolu 4 jagħti sommarju ta' liema dispożizzjonijiet jistabbilixxu u jinkludu preċiżjonijiet dwar ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà, sikurezza u tikkettar u għaldaqstant jirreferi għall-Kapitoli II u III. Għall-bqija, il-batteriji ma għandhomx jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-bniedem, għas-sikurezza, għall-proprietà jew għall-ambjent.

L-Artikolu 5 jikkonċerna r-rekwiżit li l-Istati Membri jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar biex jittrattaw il-fażi ta' tmiem il-ħajja tal-batteriji.

II-Kapitolu II tar-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-sostenibbiltà u tas-sikurezza.

L-Artikolu 6, flimkien mal-**Anness I**, jistabbilixxi restrizzjonijiet fuq l-użu ta' sustanzi perikolużi fil-batteriji, b'mod partikolari l-merkurju u l-kadmju.

L-Artikolu 7, flimkien mal-**Anness II**, jistabbilixxi regoli dwar l-impronta tal-karbonju tal-batteriji tal-vetturi elettriċi u tal-batteriji industrijali rikarikabbli. Ir-rekwiżiti huma mqasma fi stadji b'tali mod li l-ewwel ikun hemm rekwiżit ta' informazzjoni fil-forma ta' dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju. Wara, il-batteriji għandhom ikunu soġġetti għal klassifikazzjoni fi klassijiet ta' prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju. Fl-aħħar mill-aħħar, u abbażi tar-risultati ta' valutazzjoni tal-impatt iddedikata, il-batteriji se jkollhom jikkonformaw mal-limiti massimi tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja. L-iskeda ta' żmien għat-tliet rekwiżiti hija l-1 ta' Lulju 2024 għad-dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju, l-1 ta' Jannar 2026 għall-klassijiet tal-prestazzjoni u l-1 ta' Lulju 2027 għal-limiti massimi tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja.

L-Artikolu 8 jesiġi li, mill-1 ta' Jannar 2027, id-dokumentazzjoni teknika għall-batteriji industrijali u tal-vetturi elettriċi b'memorja interna li jkun fihom il-kobalt, iċ-ċomb, il-litju jew in-nikil f'materjali attivi għandu jkun fiha informazzjoni dwar l-ammont tal-materjali msemmija hawn fuq li jkunu ġew irkuprati u li jkunu preżenti f'kull mudell ta' batterija u lott għal kull impjant tal-manifattura. Mill-1 ta' Jannar 2030, daww il-batteriji għandu jkun fihom is-sehem minimu li ġej ta' kobalt, ċomb, litju jew nikil irkuprat mill-iskart tal-kobalt, taċ-ċomb, tal-litju jew tan-nikil preżenti f'materjali attivi f'daww il-batteriji: 12 % kobalt; 85 % ċomb, 4 % litju u 4 % nikil. Mill-1 ta' Jannar 2035, is-sehem minimu tal-kobalt, il-litju jew in-nikil irkuprat għandu jżied għal 20 % kobalt, 10 % litju u 12 % nikil. Għaċ-ċomb is-sehem minimu għandu jibqa' ta' 85 %. Fejn ġustifikat u xieraq minħabba d-disponibbiltà tal-kobalt, iċ-ċomb, il-litju jew in-nikil irkuprat mill-iskart, jew in-nuqqas tiegħu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat biex temenda l-miri.

L-Artikolu 9, flimkien mal-**Anness III**, jesiġi li, mill-1 ta' Jannar 2026, il-batteriji portabbli ta' użu ġenerali jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk jiġu ssodisfati l-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għal daww il-parametri u li temendahom fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku. Sal-31 ta' Diċembru 2030, il-

Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà tal-miżuri biex jiġi eliminat gradwalment l-użu tal-batteriji portabbli mhux rikarikabbli ta' użu ġenerali u, għal dak l-għan, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u tikkunsidra li tiegħu l-miżuri xierqa, inkluża l-adozzjoni ta' proposti leġiżlattivi.

L-Artikolu 10, flimkien mal-**Anness IV**, jistabbilixxi rekwiżit ta' informazzjoni dwar il-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u d-durabbiltà għall-batteriji industrijali rikarikabbli u għall-batteriji tal-vetturi elettriċi b'memorja interna. Mill-1 ta' Jannar 2026, il-batteriji industrijali rikarikabbli għandhom jissodisfaw il-valuri minimi li l-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta permezz ta' att delegat.

L-Artikolu 11 jesiġi li l-manifatturi għandhom jiddisinjaw l-apparati, li fihom jiġu inkorporati l-batteriji portabbli, b'tali mod li l-iskart tal-batteriji jkun jista' jitneħħa faċilment u jiġi sostitwit mill-utent finali jew minn operaturi indipendenti.

L-Artikolu 12, flimkien mal-**Anness V**, jesiġi li s-sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'battery stazzjonarji jkunu sikuri waqt l-operazzjoni u l-użu normali tagħhom, inkluża evidenza li jkunu ġew ittestjati b'suċċess għall-parametri tas-sikurezza stipulati fl-**Anness V**, li għalihom għandhom jintużaw metodoloġiji tal-ittestjar mill-aktar avvanzati. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li temenda, permezz ta' att delegat, ir-rekwiżiti tas-sikurezza li għandhom jitqiesu biex tiġi ttestjata s-sikurezza tal-batteriji li huma stabbiliti fl-**Anness V**.

II-Kapitolu III tar-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' tikkettar u informazzjoni.

L-Artikolu 13 u l-**Anness VI** jesiġu li, mill-1 ta' Jannar 2027, il-batteriji għandhom jiġu tikkettati b'mod viżibbli, leġibbli u li ma jitħassarx, sabiex tiġi pprovduta l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-batteriji u tal-karatteristiċi ewlenin tagħhom. Id-diversi tikketti fuq il-batterija jew l-imballaġġ tal-batterija għandhom jinformaw ukoll dwar it-tul tal-ħajja, il-kapaċità tal-iċċarġjar, ir-rekwiżit dwar il-ġbir separat, il-preżenza ta' sustanzi perikolużi u r-riskji għas-sikurezza. Il-kodiċi QR li jrid jiġi stampat jew imnaqqax fuq il-batterija għandu, skont it-tip ta' batterija, jagħti aċċess għall-informazzjoni li hija rilevanti għall-batterija inkwistjoni. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li tistabbilixxi speċifikazzjonijiet armonizzati għal ċerti rekwiżiti ta' tikkettar.

L-Artikolu 14 jesiġi li l-batteriji industrijali rikarikabbli u l-batteriji tal-vetturi elettriċi għandu jkollhom sistema ta' ġestjoni tal-batterija li taħżen l-informazzjoni u d-*data* meħtieġa biex jiġu ddeterminati l-istat tas-saħħa u tul tal-ħajja mistenni tal-batteriji f'konformità mal-parametri stipulati fl-**Anness VII**. L-aċċess għad-*data* dwar dawk il-parametri fis-sistema ta' ġestjoni tal-batterija għandu jiġi pprovdut lill-persuna ġuridika jew fiżika li tkun akkwistat il-batterija legalment jew lil kwalunkwe parti terza li taġixxi f'isimha fi kwalunkwe ħin biex tevalwa l-valur residwu tal-batterija, tiffaċilita l-użu mill-ġdid tagħha, tadattaha għal skop differenti jew timmanifatturaha mill-ġdid u biex tqiegħed il-batterija għad-dispożizzjoni ta' aggregaturi indipendenti li joperaw impjanti tal-enerġija virtwali fil-grilji tal-elettriku.

II-Kapitolu IV fih regoli dwar il-valutazzjoni tal-konformità tal-batteriji u huwa magħmul l-aktar minn dispożizzjonijiet standard. Huwa utli li jissemmew l-Artikolu 17 u l-Artikolu 18.

L-Artikolu 17 jikkonċerna l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità u jistabbilixxi żewġ proċeduri ta' valutazzjoni differenti skont ir-rekwiżit tal-prodott li għandu jiġi vvalutat. **L-Anness VIII** jiddeskrivi fid-dettall il-proċeduri applikabbli. Il-Kummissjoni tista', abbażi ta' att delegat, temenda l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità kemm biex iżżid il-passi

ta' verifika mal-proċedura, kif ukoll biex tbiddel il-modulu ta' valutazzjoni, abbażi tal-iżviluppi fis-suq tal-batteriji jew fil-katina tal-valur tal-batteriji.

L-Artikolu 18 jikkonċerna d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE li tiddikjara li ntweriet il-konformità mar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà, is-sikurezza u t-tikkettar tar-Regolament. **L-Anness IX** tar-Regolament jistabbilixxi fid-dettall l-istruttura tal-mudell għad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE.

Il-Kapitolu V jikkonċerna n-notifika tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità u huwa magħmul l-aktar minn dispożizzjonijiet standard. Uħud mid-dispożizzjonijiet huma mmodifikati sabiex tissaħħaħ l-indipendenza tal-korpi nnotifikati. Għal dan l-għan huwa utli li jissemmew l-Artikolu 23, l-Artikolu 25, l-Artikolu 27, l-Artikolu 28 u l-Artikolu 33.

L-Artikolu 23 jistabbilixxi rekwiżiti relatati mal-awtoritajiet tan-notifika. L-awtoritajiet tan-notifika għandhom ikunu oġġettivi u imparzjali fl-attività tagħhom u għandhom jissalvagwardjaw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li jiksbu. Madankollu, huma għandhom ikunu jistgħu jiskambjaw informazzjoni dwar il-korpi nnotifikati mal-awtoritajiet nazzjonali, mal-awtoritajiet tan-notifika ta' Stati Membri oħrajn u mal-Kummissjoni biex jiżguraw tali konsistenza fil-valutazzjoni tal-konformità.

L-Artikolu 25 fih rekwiżiti relatati mal-korpi nnotifikati. Għandu jkun possibbli għall-korp innotifikat u għall-persunal li jimpjega, li jżommu l-indipendenza mill-operaturi ekonomiċi fil-katina tal-valur tal-batteriji u minn kumpaniji oħrajn, b'mod partikolari mill-manifatturi tal-batteriji, l-imsieħba kummerċjali tal-manifatturi tal-batteriji, l-investituri azzjonarji fl-impjanti tal-manifatturi tal-batteriji u minn korpi nnotifikati oħrajn u mill-assoċjazzjonijiet kummerċjali tal-korpi nnotifikati u mill-kumpaniji prinċipali u s-sussidjarji tagħhom.

L-Artikolu 27 jittratta dwar is-sussidjarji u s-sottokuntrattar mill-korpi nnotifikati. Filwaqt li huwa aċċettat li l-korpi nnotifikati jissottokuntrattaw partijiet mill-attivitàjiet tagħhom marbuta mal-valutazzjoni tal-konformità jew jirrikorru għal sussidjarja, għandu jiġi aċċertat li ċerti attivitàjiet u proċessi ta' teħid tad-deċiżjonijiet jitwettqu esklussivament mill-korp innotifikat individwali li jwettaq il-valutazzjoni tal-konformità.

L-Artikolu 28 jikkonċerna l-applikazzjoni għal notifika. F'konformità mal-Artikolu 25, jenħtieġ li l-korp innotifikat ikun jista' jiddokumenta l-indipendenza tiegħu u jipprovdiha lill-awtorità tan-notifika.

L-Artikolu 33 jirrigwarda l-obbligi operazzjonali tal-korpi nnotifikati. F'każ ta' deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni negattiva, l-operatur ekonomiku għandu jitħalla jikkomplementa d-dokumentazzjoni dwar il-batterija qabel it-tieni u l-aħħar deċiżjoni tal-korp ta' valutazzjoni tal-konformità dwar iċ-ċertifikazzjoni.

Il-Kapitolu VI jistabbilixxi l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi. Id-dispożizzjonijiet huma standard, iżda ta' min isemmi l-Artikolu 39.

L-Artikolu 39, flimkien mal-**Anness X**, jesiġi li għandhom jiġu stabbiliti politiki ta' diliġenza dovuta għall-batteriji industrijali rikarikabbli u l-batteriji tal-vetturi elettriċi mqiegħda fis-suq uniku. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tirrieżamina l-lista ta' sustanzi u kategoriji ta' riskju kkonċernati minn dan l-obbligu.

Il-Kapitolu VII fih obbligi li jirrigwardjaw l-immaniġġar tal-batteriji fi tmiem haġjithom. Jidher li huwa rilevanti li ssir referenza speċifika għad-dispożizzjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni, ir-responsabbiltà estiża tal-produtturi, il-ġbir, it-trattament u r-riċiklaġġ, inklużi l-effiċjenzi tar-riċiklaġġ, l-informazzjoni dwar tmiem il-ħajja, l-adattament tal-batteriji għal skop

differenti u r-rapportar. Ir-regoli li jinsabu f'dan il-Kapitolu jissostitwixxu r-regoli korrispondenti fid-Direttiva 2006/66/KE, li titħassar b'effett mill-1 ta' Lulju 2023.

L-Artikolu 46 jesiġi li l-Istati Membri jistabbilixxu Reġistru li għandu jservi biex jissorvelja l-konformità tal-produtturi mar-rekwiżiti dwar l-immaniġġar tal-batteriji fi tmiem haġġithom. Ir-Reġistru għandu jkun ġestit mill-awtorità kompetenti fi Stat Membru. Il-produtturi huma obbligati jirreġistraw u r-reġistrazzjoni għandha tingħata wara applikazzjoni li għandha tinkludi l-informazzjoni kollha elenkata fl-Artikolu.

L-Artikolu 47 jistabbilixxi r-responsabbiltà estiża tal-produttur għall-batteriji li jiġu fornuti fi Stat Membru għall-ewwel darba. Dan jinvolvi rekwiżit għall-produtturi tal-batteriji biex jiżguraw li jiġu ssodisfati l-obbligi tal-immaniġġar tal-iskart. Sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom, il-produtturi jistgħu wkoll jorganizzaw ruħhom b'mod kollettiv f'organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi. Din ir-responsabbiltà tinkludi b'mod partikolari l-obbligi li jiġu ffinanzjati u organizzati l-ġbir separat u t-trattament tal-iskart ta' batteriji, li dawn jiġu rrapportati lill-awtorità kompetenti, li tingħata promozzjoni lill-ġbir separat tal-batteriji u li tiġi pprovduta informazzjoni, inkluż dwar aspetti ta' tmiem il-ħajja tal-batteriji.

L-Artikolu 48 jistipula li l-produtturi, individwalment jew permezz ta' organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, għandhom jiżguraw il-ġbir tal-iskart kollu ta' batteriji portabbli, irrispettivament min-natura, il-marka jew l-orijini tagħhom. Għal dak l-għan għandhom jistabbilixxu, mingħajr ħlas għall-utent finali, netwerk ta' punti ta' ġbir f'kooperazzjoni ma' operaturi oħra involuti, inklużi distributuri, skart ta' tagħmir elettriku u faċilitajiet ta' vetturi li m'għadhomx jintużaw, awtoritajiet pubbliċi u punti ta' ġbir volontarji. Barra minn hekk, il-produtturi huma obbligati jipprevedu l-arranġamenti prattiċi meħtieġa għall-ġbir u t-trasport tal-iskart ta' batteriji minn dawk il-punti ta' ġbir biex jiżguraw li l-iskart ta' batteriji portabbli jkun sussegwentement soġġett għal trattament u riċiklaġġ. Il-produtturi ta' skart ta' batteriji portabbli huma obbligati jilhqqu l-miri tal-ġbir stipulati fl-Artikolu. L-arranġamenti għall-ġbir huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti, li għandha tivverifika li l-produtturi jikkonformaw mal-obbligi rigward il-ġbir tal-iskart ta' batteriji portabbli, inkluż li jiġi żgurat li jintlaħqu l-miri.

L-Artikolu 49 jesiġi li l-produtturi tal-batteriji awtomotivi, tal-batteriji industrijali u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi, individwalment jew permezz ta' organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, jorganizzaw il-ġbir tal-iskart kollu ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi. Il-ġbir għandu jkun mingħajr ħlas u mingħajr obbligu fuq l-utent finali li jixtri batterija ġdida. Il-produttur għandu jieħu lura l-iskart ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi mingħand l-utenti finali jew minn punti ta' ġbir aċċessibbli b'kooperazzjoni mad-distributuri ta' dawn it-tipi ta' batteriji, tal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku u tal-faċilitajiet għat-trattament u r-riċiklaġġ ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw, mal-awtoritajiet pubbliċi u ma' partijiet terzi li jwettqu l-immaniġġar tal-iskart f'isimhom.

L-Artikolu 55 jistabbilixxi r-rati ta' ġbir li għandhom jinkisbu mill-Istati Membri tal-iskart ta' batteriji portabbli, minbarra attwalment l-iskart ta' batteriji minn mezzi ta' trasport ħfief. Ir-rati ta' ġbir għandhom jiżdiedu gradwalment sabiex jiġi żgurat li, sa tmiem l-2025, jinġabar 65 % tal-iskart ta' batteriji portabbli u, sa tmiem l-2030, jinġabru 70 % ta' tali batteriji.

L-Artikolu 56, jistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati mill-faċilitajiet ta' trattament biex l-iskart kollu tal-batteriji li jinġabar ikun soġġett għal trattament xieraq u riċiklaġġ. Fejn l-installazzjonijiet u l-proċessi ta' trattament ikunu koperti mid-Direttiva

2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali, dik id-Direttiva se tapplika. Fi kwalunkwe każ, it-trattament għandu jitwettaq billi jiġu previsti l-aħjar tekniki disponibbli u r-rekwiżiti jiġu speċifikati aktar fil-parti A tal-Anness XII. Fid-dawl tal-ġerarkija tal-iskart kif stabbilita mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE, il-batteriji ma għandhomx jintremew f'miżbla jew jiġu inċinerati.

L-Artikolu 57 jikkonċerna l-effiċjenzi tar-riċiklaġġ u l-miri tal-irkupru tal-materjali u jistabbilixxi li l-iskart kollu tal-batteriji li jinġabar għandu jidħol f'operazzjoni ta' riċiklaġġ. Il-proċessi ta' riċiklaġġ għandhom jiksbu effiċjenzi minimi ta' riċiklaġġ, kif stabbiliti fl-Anness XII, li se jiżdiedu maż-żmien. Dawn ir-rekwiżiti huma stabbiliti fir-rigward tal-batteriji taċ-ċomb u tal-aċidu, tan-nikil u tal-kadmju, dawk ibbażati fuq il-litju u batteriji oħrajn.

L-Artikolu 59 fih rekwiżiti relatati mal-operazzjonijiet ta' adattament għal skop differenti u ta' manifattura mill-ġdid għat-tieni haġja tal-batteriji industrijali u tal-vetturi elettriċi. Dan jinkludi rekwiżiti biex tiġi ffaċilitata tali operazzjoni, inkluż għall-produtturi tal-batteriji rispettivi biex jipprovdu aċċess lill-operaturi inkarigati mill-adattament għal skop differenti għas-sistema ta' ġestjoni tal-batterija biex jiddeterminaw l-istat tas-saħħa ta' batterija. Jistabbilixxi wkoll obbligi għall-persuni li jwettqu l-adattament tal-batteriji għal skop differenti jew il-manifattura mill-ġdid tagħhom biex ikun żgurat li l-eżami, l-ittestjar tal-prestazzjoni, l-ippakkjar u l-vjeġġ tal-batteriji u tal-komponenti tagħhom jitwettqu skont kontrolli adegwati tal-kwalità u l-istruzzjonijiet tas-sikurezza. Il-persuni li jwettqu operazzjonijiet ta' adattament tal-batteriji għal skop differenti jew il-manifattura mill-ġdid tagħhom għandhom jiżguraw li l-batterija adattata għal skop differenti jew manifatturata mill-ġdid tkun konformi ma' dan ir-Regolament u ma' leġiżlazzjoni rilevanti oħra u mar-rekwiżiti tekniċi għall-iskop speċifiku tal-użu tagħha meta titqiegħed fis-suq. Madankollu, fejn jintwera li batterija soġġetta għal adattament għal skop differenti jew għal manifattura mill-ġdid tqiegħdet fis-suq qabel ċerti rekwiżiti li jikkonċernaw l-impronta tal-karbonju, il-kontenut riċiklat, il-prestazzjoni u d-durabbiltà, kif ukoll id-diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista (inklużi fl-Artikoli 7, 8, 10 u 39 tar-Regolament), l-obbligi skont dawk id-dispożizzjonijiet ma għandhomx japplikaw għal dik il-batterija meta tiġi adattata għal skop differenti jew manifatturata mill-ġdid. Sabiex jiġi ddokumentat li batterija ma għadhiex skart, l-operatur li jwettaq l-operazzjoni rilevanti għandu juri dan li ġej fuq talba ta' awtorità kompetenti: 1) evidenza tal-evalwazzjoni tal-istat tas-saħħa jew tal-ittestjar, 2) ċertezza tal-użu ulterjuri (permezz ta' fattura jew kuntratt ta' bejgħ), u 3) protezzjoni xierqa kontra l-ħsara waqt it-trasport, it-tagħbija u l-ħatt. Din l-informazzjoni għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-utenti finali u ta' partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom, skont termini u kundizzjonijiet ugwali, bħala parti mid-dokumentazzjoni teknika li takkumpanja l-batterija adattata għal skop differenti meta titqiegħed fis-suq jew fis-servizz.

L-Artikolu 60 fih rekwiżiti għall-għoti ta' informazzjoni rigward l-iskart ta' batteriji. Dan jinkludi obbligi lejn il-produtturi, jew l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi tagħhom, lejn l-utenti finali u d-distributuri fir-rigward tal-kontribut tagħhom għat-trattament fi tmiem il-ħajja. Dan l-Artikolu jistabbilixxi wkoll obbligi li tiġi pprovduta informazzjoni rilevanti għas-sikurezza matul il-ġbir u l-ħażna tal-iskart ta' batteriji lid-distributuri u l-operaturi involuti fil-ġbir u t-trattament tal-iskart, kif ukoll li tiġi pprovduta informazzjoni lil dawk l-operaturi biex jiffaċilitaw it-tneħħija tal-iskart ta' batteriji u t-trattament sussegwenti.

L-Artikolu 61 jikkonċerna r-rappurtar mill-operaturi rispettivi involuti fl-immaniġġar tal-iskart lill-awtorità kompetenti dwar l-immaniġġar tal-iskart ta' batteriji. Dan jinkludi speċifikament rekwiżiti għall-produtturi, jew għall-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom, biex jirrapportaw l-ammont

ta' batteriji mqiegħda fis-suq, tal-iskart ta' batteriji miġbur u kkonsenjat għat-trattament u r-riċiklaġġ, u għall-operaturi tar-riċiklaġġ biex jirrapportaw dwar l-iskart ta' batteriji li jidħlu għar-riċiklaġġ, l-effiċjenzi tar-riċiklaġġ u l-livelli ta' materjali rkuprati mill-iskart ta' batteriji u l-ammont ta' batteriji li ġew ittrattati u rriċiklati.

L-Artikolu 62 jikkonċerna r-rapportar mill-Istati Membri lill-Kummissjoni. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, għal kull sena kalendarja, skont it-tip ta' batterija u l-kimika tagħhom, l-ammont ta' batteriji fornuti għall-ewwel darba għad-distribuzzjoni jew l-użu fi ħdan it-territorju ta' Stat Membru, l-ammont ta' skart ta' batteriji miġbur skont dan, u d-*data* li tikkonċerna l-livelli ta' riċiklaġġ miksuba u jekk ġewx issodisfati l-effiċjenzi tar-riċiklaġġ u l-livelli ta' rkupru ta' materjal stabbiliti fir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-format għar-rapportar.

II-Kapitolu VIII jikkonċerna l-iskambju elettroniku ta' informazzjoni.

L-Artikolu 64 jikkonċerna s-sistema ta' skambju elettroniku li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sal-1 ta' Jannar 2026. Is-sistema għandu jkollha l-informazzjoni u d-*data* dwar il-batteriji industrijali rikarikabbli u dawk tal-vetturi elettriċi b'memorja interna, kif stipulat fl-Anness XIII. Dik l-informazzjoni u d-*data* għandhom ikunu jistgħu jiġu ssortjati u jitfittxu, filwaqt li jiġu rrispettati l-istandards miftuħa għall-użu minn partijiet terzi. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom ikunu jistgħu jdaħħlu fis-sistema informazzjoni f'format li jista' jinqara mill-magni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika, permezz tas-sistema, ċerta informazzjoni msemmija fl-Artikolu 62 u għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi dettalji dwar l-arkitettura tas-sistema, il-format li fih għandha tiġi ppreżentata l-informazzjoni u r-regoli għall-aċċess, il-kondiviżjoni, il-ġestjoni, l-esplorazzjoni, il-pubblikazzjoni u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni u tad-*data* fis-sistema.

L-Artikolu 65 jikkonċerna l-passaport tal-batteriji u jesiġi li, sal-1 ta' Jannar 2026, il-batteriji industrijali u l-batteriji tal-vetturi elettriċi għandu jkollhom rekord elettroniku għal kull batterija individwali li jqiegħdu fis-suq. Ir-rekords għandhom ikunu uniċi għal kull batterija, li għandhom jiġu identifikati permezz ta' identifikatur uniku. Il-passaport tal-batterija għandu jkun marbut mal-informazzjoni dwar il-karatteristiċi bażiċi ta' kull tip u mudell ta' batterija maħżuna fis-sorsi ta' *data* tas-sistema stabbilita skont l-Artikolu 64 u għandu jkun aċċessibbli online.

II-Kapitolu IX jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet standard dwar is-sorveljanza tas-suq.

L-Artikolu 69 jippermetti lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq jitolbu lill-operaturi ekonomiċi jieħdu azzjonijiet korrettivi abbażi tas-sejbiet jew li l-batterija ma tkunx konformi jew inkella li l-operatur ekonomiku jkun jikser obbligu li jirriżulta mir-regoli dwar is-suq uniku jew is-sostenibbiltà, is-sikurezza, l-ittikkettar u d-diliġenza dovuta.

II-Kapitolu X jikkonċerna l-akkwist pubbliku ekoloġiku, il-proċedura għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet ġodda u l-emendar ta' dawk eżistenti dwar is-sustanzi perikolużi u r-rikonossiment mill-Kummissjoni tal-iskemi ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista.

L-Artikolu 70 jikkonċerna l-akkwist pubbliku ekoloġiku u jirrikjedi li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti, meta jakkwistaw batteriji jew prodotti li fihom batteriji jikkunsidraw l-impatti ambjentali tal-batteriji matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom bil-ħsieb li jiżguraw li tali impatti jinżammu għal minimu. Għal dan l-għan, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti huma mitluba jinkludu speċifikazzjonijiet tekniċi u kriterji għall-għoti ta' kuntratt ibbażati fuq l-Artikoli 7 sa 10 biex jiżguraw li jiġi għażel prodott minn fost prodotti b'impatti ambjentali ferm aktar baxxi matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom. Il-

Kummissjoni tista' tistabbilixxi kriterji minimi obbligatorji għall-akkwist pubbliku ekoloġiku permezz ta' atti delegati.

L-Artikolu 71 fih il-proċedura għall-emendar tar-restrizzjonijiet dwar is-sustanzi perikolużi, minbarra l-Artikolu 6 u l-Anness I.

L-Artikolu 72 jikkonċerna l-iskemi ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista u r-rikonossiment tagħhom mill-Kummissjoni. Il-gvernijiet, l-assoċjazzjonijiet tal-industrija u l-gruppi ta' organizzazzjonijiet interessati li jkunu żviluppaw u jissorveljaw skemi ta' diliġenza dovuta jistgħu japplikaw mal-Kummissjoni biex l-iskemi ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista tagħhom, li ġew żviluppati u ssorveljati minnhom, jiġu rikonossuti mill-Kummissjoni. Meta l-Kummissjoni tiddetermina li l-iskema ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista, meta tiġi implimentata b'mod effettiv minn operatur ekonomiku, tippermetti lil dak l-operatur ekonomiku jikkonforma mar-rekwiżit li jistabbilixxi politika ta' diliġenza dovuta, hija għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jagħti lil dik l-iskema rikonossiment ta' ekwivalenza mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

II-Kapitolu XI jistabbilixxi s-setgħat delegati u l-proċedura tal-kumitat.

II-Kapitolu XII jistabbilixxi emenda għar-Regolament (UE) 2109/1020.

II-Kapitolu XIII jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet finali.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni²,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew³ huwa l-istrategġja tal-Ewropa għat-tkabbir li għandha tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u prospera, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku ikun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Bidla mill-użu tal-fjuwils fossili fil-vetturi għall-elettromobbiltà hija wieħed mill-prerekwiżiti biex tintlaħaq il-mira tan-newtralità klimatika fl-2050. Sabiex il-politiki tal-Unjoni dwar il-prodotti jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju fil-livell globali, jeħtieġ li jiġi żgurat li l-prodotti kkummerċjalizzati u mibjugħa fl-Unjoni jiġu akkwistati u manifatturati b'mod sostenibbli.
- (2) Il-batteriji huma b'hekk sors importanti ta' enerġija u wieħed mill-instigaturi ewlenin għall-iżvilupp sostenibbli, il-mobbiltà ekoloġika, l-enerġija nadifa u n-newtralità klimatika. Huwa mistenni li d-domanda għall-batteriji se tikber b'mod rapidu fis-snin li ġejjin, b'mod partikolari għall-vetturi elettriċi tat-trasport bit-triq li jużaw il-batteriji għall-ġbid, u b'hekk dan is-suq isir dejjem aktar strateġiku fil-livell globali. Se jkompli jkun hemm progress tekniku u xjentifiku sinifikanti fil-qasam tat-teknoloġija tal-batteriji. Fid-dawl tal-importanza strateġika tal-batteriji, u biex tiġi pprovduta ċertezza legali lill-operaturi kollha involuti u jiġu evitati d-diskriminazzjoni, l-ostakoli għall-kummerċ u d-distorsjonijiet fis-suq għall-batteriji, jeħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. [...]

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM (2019) 640 final).

il-parametri tas-sostenibbiltà, il-prestazzjoni, is-sikurezza, il-ġbir, ir-riċiklaġġ u t-tieni ħaġġa tal-batteriji, kif ukoll dwar l-informazzjoni dwar il-batteriji. Jeħtieġ li jinħoloq qafas regolatorju armonizzat biex jittratta ċ-ċiklu tal-ħaġġa kollu tal-batteriji li jittieghdu fis-suq fl-Unjoni.

- (3) Id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴ ġabet magħha titjib fil-prestazzjoni ambjentali tal-batteriji u stabbiliet xi regoli u obbligi komuni għall-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari permezz ta' regoli armonizzati għall-kontenut ta' metalli tqal u tikkettar tal-batteriji u permezz ta' regoli u miri għall-immaniġġar tal-iskart kollu ta' batteriji, abbażi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur.
- (4) Ir-rapporti tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni, l-impatt u l-ewalwazzjoni tad-Direttiva 2006/66/KE⁵ enfasizzaw mhux biss il-kisbiet iżda wkoll il-limitazzjonijiet ta' dik id-Direttiva, b'mod partikolari f'kuntest li nbidel b'mod fundamentali kkaratterizzat mill-importanza strateġika tal-batteriji u ż-żieda fl-użu tagħhom.
- (5) Il-Pjan ta' Azzjoni Strateġika tal-Kummissjoni dwar il-Batteriji⁶ jistabbilixxi miżuri li jappoġġaw l-isforzi li tinbena katina tal-valur tal-batteriji fl-Ewropa li tħaddan l-estrazzjoni tal-materja prima, l-akkwist u l-ipproċessar sostenibbli, il-materjali sostenibbli tal-batteriji, il-manifattura taċ-ċelloli kif ukoll l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-batteriji
- (6) Fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni kkonfermat l-impenn tagħha li timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni Strateġika dwar il-Batteriji u ddikjarat li se tipproponi leġislazzjoni biex tiżgura katina tal-valur tal-batteriji sikura, ċirkolari u sostenibbli għall-batteriji kollha, inkluż biex tforni s-suq dejjem jikber ta' vetturi elettriċi.
- (7) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-4 ta' Ottubru 2019 dwar "Aktar ċirkolarità – Tranżizzjoni għal soċjetà sostenibbli", il-Kunsill appella, *inter alia*, għal politiki koerenti li jappoġġaw l-iżvilupp ta' teknoloġiji li jtejbu s-sostenibbiltà u ċ-ċirkolarità tal-batteriji biex jakkumpanjaw it-tranżizzjoni għall-elettromobbiltà. Barra minn hekk, il-Kunsill appella għal revizzjoni urġenti tad-Direttiva 2006/66/KE, li jenħtieġ li tinkludi l-batteriji u l-materjali rilevanti kollha u li jenħtieġ li tikkunsidra, b'mod partikolari, ir-reqwiziti speċifiċi għal-litju u l-kobalt kif ukoll mekkaniżmu li jippermetti l-adattament ta' dik id-Direttiva għall-bidliet futuri fit-teknoloġiji tal-batteriji.
- (8) Il-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid għal Ekonomija Ċirkolari adottat fil-11 ta' Marzu 2020⁷ jiddikjara li l-proposta għal qafas regolatorju ġdid għall-batteriji se tikkunsidra regoli

⁴ Id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE (ĠU L 266, 26.9.2006, p. 1)

⁵ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni tad-9 ta' April 2019 dwar l-implimentazzjoni u l-impatt fuq l-ambjent u l-funzjonament tas-suq intern tad-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE (COM(2019) 166 final) u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-ewalwazzjoni tad-Direttiva 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE (SWD(2019) 1300 final).

⁶ L-Anness 2 għall-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni tas-17 ta' Mejju 2018, EWROPA ATTIVA - Mobbiltà Sostenibbli għall-Ewropa: sikura, konnessa u nadifa (COM(2018)293 final).

⁷ Il-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni tal-11 ta' Marzu 2020, Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari – Għal Ewropa aktar nadifa u kompetittiva (COM(2020)98 final).

dwar il-kontenut riċiklat u miżuri biex jittejbu r-rati ta' ġbir u ta' riċiklaġġ tal-batteriji kollha, biex jiġi żgurat l-irkupru ta' materjali ta' valur u biex tingħata gwida lill-konsumaturi u se tindirizza t-tneħħija gradwali possibbli tal-batteriji mhux rikarikabbli fejn jeżistu alternattivi. Barra minn hekk, huwa ddikjarat li se jiġu kkunsidrati r-rekwiżiti ta' sostenibbiltà u trasparenza, b'kont meħud tal-impronta tal-karbonju tal-manifattura tal-batteriji, l-akkwist etiku tal-materja prima u s-sigurtà tal-provvista sabiex jiġu ffaċilitati l-użu mill-ġdid, l-adattament għal skop differenti u r-riċiklaġġ tal-batteriji.

- (9) L-indirizzar taċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-batteriji kollha mqiegħda fis-suq tal-Unjoni jirrikjedi l-istabbiliment ta' rekwiżiti armonizzati tal-prodotti u tal-kummerċjalizzazzjoni, inklużi proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, kif ukoll rekwiżiti biex jiġi indirizzat bis-sħiħ l-istadju ta' tmiem il-ħajja tal-batteriji. Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw l-istadju ta' tmiem il-ħajja huma meħtieġa biex jiġu indirizzati l-implikazzjonijiet ambjentali tal-batteriji u, b'mod partikolari, biex jiġi appoġġat il-ħolqien ta' swieq tar-riċiklaġġ għall-batteriji u swieq għall-materja prima sekondarja mill-batteriji sabiex jingħalqu ċ-ċrieki tal-materjali. Sabiex jintlaħqu l-oġettivi previsti biex jiġi indirizzat iċ-ċiklu tal-ħajja kollu ta' batterija fi strument legali wieħed, filwaqt li jiġu evitati l-ostakoli għall-kummerċ u distorsjoni tal-kompetizzjoni u tiġi ssalvagwardjata l-integrità tas-suq intern, jenħtieġ li r-regoli li jistabbilixxu r-rekwiżiti għall-batteriji jkunu ta' applikazzjoni uniformi għall-operaturi kollha madwar l-Unjoni, u ma jagħtux lok għal implimentazzjoni diverġenti mill-Istati Membri. Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2006/66/KE tiġi sostitwita minn Regolament.
- (10) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għat-tipi kollha ta' batteriji u akkumulaturi mqiegħda fis-suq jew fis-servizz fl-Unjoni, kemm jekk wehdom jew inkorporati f'apparati jew inkella fornuti ma' vetturi u apparati elettriċi u elettroniċi. Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika irrispettivament minn jekk batterija tkunx iddisinjata speċifikament għal prodott jew tkunx ta' użu ġenerali u irrispettivament minn jekk tkunx inkorporata fi prodott jew tkunx fornuta flimkien ma' prodott li fih għandha tintuża jew inkella separatament minnu.
- (11) Prodotti mqiegħda fis-suq bħala pakketti ta' batteriji, li huma batteriji jew gruppi ta' ċelloli konnessi flimkien u/jew magħluqin f'kisi estern sabiex jiffurmaw unità kompleta li tkun lesta għall-użu li l-utent finali mhuwiex maħsub li jifred jew jiftaħ u li jikkonformaw mad-definizzjoni ta' batteriji, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-batteriji. Il-prodotti mqiegħda fis-suq bħala moduli ta' batteriji, li jikkonformaw mad-definizzjoni ta' pakkett ta' batteriji, jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rekwiżiti applikabbli għall-pakketti ta' batteriji.
- (12) Fil-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tar-Regolament, huwa xieraq li ssir distinzjoni bejn kategoriji differenti ta' batteriji f'konformità mad-disinn u l-użu tagħhom, indipendentement mill-kimika tal-batteriji. Il-klassifikazzjoni f'battery portabbli, minn naħa waħda, u batteriji industrijali u batteriji awtomotivi, min-naħa l-oħra, skont id-Direttiva 2006/66/KE, jenħtieġ li tiġi żviluppata aktar biex tkun tirrifletti aħjar l-iżviluppi ġodda fl-użu tal-batteriji. Il-batteriji li jintużaw għat-trazzjoni f'vetturi elettriċi u li skont id-Direttiva 2006/66/KE jaqgħu fil-kategorija ta' batteriji industrijali, jikkostitwixxu parti tas-suq kbira u li qed tikber minħabba t-tkabbir rapidu ta' vetturi elettriċi tat-trasport bit-triq. Għalhekk huwa xieraq li daww il-batteriji li jintużaw għat-trazzjoni f'vetturi tat-triq jiġu kklassifikati bħala kategorija ġdida ta' batteriji tal-vetturi elettriċi. Il-batteriji użati għat-trazzjoni f'vetturi oħra tat-trasport inkluż it-trasport bil-ferrovija, fuq l-ilma u bl-ajru, għadhom jaqgħu fil-kategorija ta'

batteriji industrijali skont dan ir-Regolament. It-tip ta' batteriji industrijali jinkludi grupp wiesa' ta' batteriji, maħsuba biex jintużaw għall-attivitajiet industrijali, l-infrastruttura tal-komunikazzjoni, l-attivitajiet industrijali jew il-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija elettrika. Minnbarra din il-lista mhix eżawrjenti ta' eżempji, kwalunkwe batterija li la tkun batterija portabbli, la batterija awtomotiva u lanqas batterija ta' vetturi elettriċi jenħtieġ li tiġi kkunsidrata batterija industrijali. Il-batteriji użati għall-ħżin tal-enerġija f'ambjenti privati jew domestiċi huma kkunsidrati batteriji industrijali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, sabiex jiġi żgurat li l-batteriji kollha użati fil-mezzi tat-trasport ħfief, bħal roti elettriċi u skuters, jiġu kklassifikati bħala batteriji portabbli, huwa meħtieġ li tiġi ċċarata d-definizzjoni ta' batteriji portabbli u li jiġi introdott limitu fuq il-piż għal batteriji bħal dawn.

- (13) Jenħtieġ li l-batteriji jiġu ddisinjati u manifatturati b'tali mod li jittejjbu kemm jista' jkun il-prestazzjoni, id-durabbiltà u s-sikurezza tagħhom u li titnaqqas kemm jista' jkun l-impronta ambjentali tagħhom. Huwa xieraq li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi ta' sostenibbiltà għall-batteriji industrijali rikarikabbli u għall-batteriji tal-vetturi elettriċi b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh, billi tali batteriji jirrappreżentaw is-segment tas-suq li huwa mistenni li jiżdied l-aktar fis-snin li ġejjin.
- (14) Sabiex jiġi żgurat li l-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament jitwettqu u sabiex tiġi mmonitorjata u vverifikata l-konformità tal-produtturi u tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, huwa meħtieġ li l-Istati Membri jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar.
- (15) Jenħtieġ li l-użu ta' sustanzi perikolużi fil-batteriji jkun ristrett sabiex titħares is-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent u titnaqqas il-preżenza ta' sustanzi bħal dawn fl-iskart. Għalhekk, minbarra r-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸, huwa xieraq li jiġu stabbiliti restrizzjonijiet għall-merkurju u l-kadmju f'ċerti tipi ta' batteriji. Il-batteriji użati f'vetturi li jibbenefikaw minn eżenzjoni skont l-Anness II tad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ jenħtieġ li jiġu esklużi mill-projbizzjoni li jkun fihom il-kadmju.
- (16) Sabiex jiġi żgurat li s-sustanzi perikolużi li jippreżentaw riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent meta jintużaw fil-batteriji, ikunu jistgħu jiġu indirizzati kif xieraq, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tar-restrizzjonijiet fuq is-sustanzi perikolużi fil-batteriji.
- (17) Jenħtieġ li l-proċedura għall-adozzjoni ta' restrizzjonijiet ġodda u għall-emendar ta' daww attwali dwar is-sustanzi perikolużi fil-batteriji tkun issimplifikata bis-sħiħ bir-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Sabiex tiżgura t-teħid tad-deċiżjonijiet, il-koordinazzjoni u l-ġestjoni effettivi tal-aspetti tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi relatati ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1)

⁹ Id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw (ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34).

stabbilita skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (“l-Aġenzija”) twestaq kompiti speċifikati fir-rigward tal-evalwazzjoni tar-riskji minn sustanzi fil-manifattura u l-użu ta’ batteriji u ta’ dawk li jistgħu jseħħu wara tmiem il-ħajja tagħhom, kif ukoll fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-elementi soċjoekonomiċi u l-analiżi tal-alternattivi, f’konformità mal-gwida rilevanti mill-Aġenzija. Konsegwentement, jenħtiegħ li l-Kumitat għall-Istima tar-Riskji u l-Analiżi Soċjoekonomika tal-Aġenzija jiffaċilitaw it-twertiq ta’ ċerti kompiti konferiti lill-Aġenzija b’dan ir-Regolament.

- (18) Jenħtiegħ li l-introduzzjoni massiva mistennija tal-batteriji f’setturi bħall-mobbiltà u l-ħażna tal-enerġija tnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju, iżda biex jiġi mmassimizzat dan il-potenzjal, huwa meħtiegħ li ċ-ċiklu tal-ħajja ġenerali tagħhom ikollu impronta tal-karbonju baxxa. Skont ir-Regoli tal-Kategorija Marbutin mal-Impronta Ambjentali tal-Prodott għall-Batteriji Rikarikabbli b’Enerġija Speċifika Għolja għall-Applikazzjonijiet Mobbli¹⁰, it-tibdil fil-klima huwa t-tieni l-ogħla kategorija ta’ impatt għall-batteriji wara l-użu tal-minerali u l-metalli. Għalhekk, id-dokumentazzjoni teknika għall-batteriji industrijali rikarikabbli u għall-batteriji u l-batteriji tal-vetturi elettriċi b’memorja interna u b’kapaċità ta’ aktar minn 2 kWh imqiegħda fis-suq tal-Unjoni jenħtiegħ li tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju, li jenħtiegħ li tkun speċifika, jekk ikun meħtiegħ, għal kull lott tal-manifattura. Il-batteriji jiġu manifatturati f’lottijiet, magħmula f’ammonti speċifiċi f’ċerti perjodi ta’ żmien. L-armonizzazzjoni tar-regoli tekniċi għall-kalkolu tal-impronta tal-karbonju għall-batteriji industrijali rikarikabbli u l-batteriji tal-vetturi elettriċi kollha b’memorja interna u b’kapaċità ta’ aktar minn 2 kWh imqiegħda fis-suq tal-Unjoni hija prerekwiżit għall-introduzzjoni ta’ rekwiżit sabiex id-dokumentazzjoni teknika tal-batteriji tkun tinkludi dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju u, sussegwentement, għall-istabbiliment ta’ klassijiet tal-prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju li jippermettu l-identifikazzjoni tal-batteriji b’impronti tal-karbonju aktar baxxi b’mod ġenerali. Ir-rekwiżiti ta’ informazzjoni u ta’ tikkettar ċar dwar l-impronta tal-karbonju tal-batteriji minnhom infushom mhumiex mistennija li jwasslu għall-bidla fl-imġiba meħtieġa biex jiġi żgurat li jintlaħaq l-oġettiv tal-Unjoni li tiddekarbonizza s-setturi tal-mobbiltà u tal-ħażna tal-enerġija, f’konformità mal-oġettivi maqbula fil-livell internazzjonali dwar it-tibdil fil-klima¹¹. Għalhekk, se jiġu introdotti limiti massimi tal-karbonju, minbarra valutazzjoni tal-impatt dedikata biex jiġu ddeterminati dawk il-valuri. Billi tippromovi l-livell limitu massimu tal-impronta tal-karbonju, il-Kummissjoni, fost l-oħrajn, se tqis id-distribuzzjoni relattiva tal-valuri tal-impronta tal-karbonju fil-batteriji fis-suq, l-ammont ta’ progress fit-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju tal-batteriji mqiegħda fis-suq tal-Unjoni u l-kontribut effettiv u l-potenzjali ta’ din il-miżura għall-oġettivi tal-Unjoni dwar il-mobbiltà sostenibbli u n-newtralità klimatika sal-2050. Sabiex ikun hemm trasparenza dwar l-impronta tal-karbonju tal-batteriji, u biex is-suq tal-Unjoni jimxi lejn batteriji b’livell baxx ta’ karbonju, irrispettivament minn fejn dawn jiġu prodotti, hija ġġustifikata żieda gradwali u kumulattiva fir-rekwiżiti tal-impronta tal-karbonju. B’risultat ta’ dawn ir-rekwiżiti, l-emissjonijiet tal-karbonju evitati fiċ-ċiklu tal-ħajja tal-batteriji se jikkontribwixxu għall-oġettiv tal-Unjoni li tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050. Dan jista’ jippermetti wkoll politiki oħrajn fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, bħal inċentivi jew

¹⁰ L-Impronta Ambjentali tal-Prodott — Regoli tal-Kategorija għall-Batteriji Rikarikabbli b’Enerġija Speċifika Għolja għall-Applikazzjonijiet Mobbli https://ec.europa.eu/environment/eussd/smgp/pdf/PEFCR_Batteries.pdf

¹¹ Il-Ftehim ta’ Pariġi (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4) u l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, disponibbli fuq <https://unfccc.int/resource/docs/convkp/conveng.pdf>

kriterji tal-akkwist pubbliku ekoloġiku, li jrawmu l-produzzjoni ta' batteriji b'impatti ambjentali aktar baxxi.

- (19) Ċerti sustanzi li jinsabu fil-batteriji, bħall-kobalt, iċ-ċomb, il-litju jew in-nikil, jinkisbu minn riżorsi skarsi li mhumiex faċilment disponibbli fl-Unjoni, u xi wħud huma meqjusa bħala materja prima kritika mill-Kummissjoni. Dan huwa qasam fejn l-Ewropa teħtieġ li ssaħħaħ l-awtonomija strateġika tagħha u żżid ir-reżiljenza tagħha bi tħejjija għat-tfixkil potenzjali fil-provvista minħabba kriżijiet tas-saħħa jew kriżijiet oħrajn. It-tiħiħ taċ-ċirkolarità u tal-effiċjenza fir-riżorsi b'żieda fir-riċiklaġġ u fl-irkupru ta' dik il-materja prima, se jikkontribwixxi biex jintlaħaq dak l-għan.
- (20) Iż-żieda fl-użu tal-materjali rkuprati tappoġġa l-iżvilupp tal-ekonomija ċirkolari u tippermetti użu aktar effiċjenti tar-riżorsi tal-materjali, filwaqt li tnaqqas id-dipendenza tal-Unjoni fuq materjali minn pajjiżi terzi. Għall-batteriji, dan huwa partikolarment rilevanti għall-kobalt, iċ-ċomb, il-litju u n-nikil. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi promoss l-irkupru ta' materjali bħal dawn mill-iskart, billi jiġi stabbilit rekwiżit fuq il-livell ta' kontenut irriċiklat fil-batteriji li jużaw il-kobalt, iċ-ċomb, il-litju u n-nikil f'materjali attivi. Dan ir-Regolament jistabbilixxi miri obligatorji ta' kontenut riċiklat għall-kobalt, iċ-ċomb, il-litju u n-nikil u li jenħtieġ li jintlaħqu sal-2030. Għall-kobalt, il-litju u n-nikil huma stabbiliti miri miżjuda sal-2035. Jenħtieġ li l-miri kollha jqisu d-disponibbiltà tal-iskart, li minnu jistgħu jiġu rkuprati materjali bħal dawn, il-fattibbiltà teknika tal-proċessi ta' rkupru u manifattura involuti, kif ukoll iż-żmien meħtieġ mill-operaturi ekonomiċi biex jadattaw il-proċessi tal-provvista u l-manifattura tagħhom. Għalhekk, qabel ma dawn il-miri obligatorji jsiru applikabbli, jenħtieġ li r-rekwiżit relatat mal-kontenut irriċiklat ikun limitat għad-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar il-kontenut irriċiklat.
- (21) Sabiex jitqies ir-riskju tal-provvista tal-kobalt, iċ-ċomb, il-litju u n-nikil u sabiex tiġi vvalutata d-disponibbiltà tagħhom, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-miri għas-sehem minimu tal-kobalt, iċ-ċomb, il-litju jew in-nikil irriċiklati preżenti f'materjali attivi fil-batteriji.
- (22) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kalkolu u l-verifika, għal kull mudell u lott ta' batteriji u għal kull impjant tal-manifattura, l-ammont ta' kobalt, ċomb, litju jew nikil irkuprat minn skart preżenti f'materjali attivi fil-batteriji u r-rekwiżiti ta' informazzjoni għad-dokumentazzjoni teknika, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni.
- (23) Jenħtieġ li l-batteriji mqieġħda fis-suq tal-Unjoni jkunu durabbli u bi prestazzjoni għolja. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti parametri ta' prestazzjoni u durabbiltà għal batteriji portabbli ta' użu ġenerali, kif ukoll għal batteriji industrijali rikarikabbli u batteriji tal-vetturi elettriċi. Għall-batteriji tal-vetturi elettriċi, il-Grupp ta' Ħidma informali tal-UNECE dwar il-Vetturi Elettriċi u l-Ambjent qed jiżviluppa rekwiżiti ta' durabbiltà fil-vetturi, għalhekk, dan ir-Regolament qed joqgħod lura milli jistabbilixxi rekwiżiti ta' durabbiltà addizzjonali. Min-naħa l-oħra, fil-qasam tal-batteriji għall-ħżin tal-enerġija, il-metodi ta' kejl eżistenti biex jiġu ttestjati l-prestazzjoni u d-durabbiltà tal-batterija mhumiex meqjusa preċiżi u rappreżentattivi biżżejjed biex jippermettu l-introduzzjoni ta' rekwiżiti minimi. Jenħtieġ li l-introduzzjoni ta' rekwiżiti minimi relatati mal-prestazzjoni u d-durabbiltà ta' dawn il-batteriji tkun akkumpanjata minn standards armonizzati adegwati jew speċifikazzjonijiet komuni disponibbli.

- (24) Sabiex jitnaqqsu l-batteriji b'impatt ambjentali tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-parametri tal-prestazzjoni u tad-durabbiltà u l-istabbiliment ta' valuri minimi għal dawk il-parametri għal batteriji portabbli ta' użu ġenerali u għal batteriji industrijali rikarikabbli.
- (25) Xi batteriji mhux rikarikabbli ta' użu ġenerali jistgħu jimplikaw użu ineffiċjenti tar-riżorsi u tal-enerġija. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti oġġettivi fir-rigward tal-prestazzjoni u d-durabbiltà ta' batteriji bħal dawn sabiex jiġi żgurat li jitqiegħdu fis-suq inqas batteriji portabbli mhux rikarikabbli ta' użu ġenerali u bi prestazzjoni baxxa, b'mod partikolari, meta, abbażi ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja, l-użu alternattiv ta' batteriji rikarikabbli jirriżulta f'benefiċċji ambjentali ġenerali.
- (26) Sabiex jiġi żgurat li l-batteriji portabbli inkorporati fl-apparat ikunu soġġetti għal għbir separat, trattament u riċiklaġġ ta' kwalità għolja xierqa ladarba jkunu saru skart, huma meħtieġa dispożizzjonijiet biex tiġi żgurata l-possibbiltà tagħhom li jinqalgħu u jiġu sostitwiti f'apparat bħal dan. Jenħtieġ li l-batteriji użati jkunu wkoll sostitwibbli sabiex jittawwal it-tul tal-ħajja mistenni tal-apparat li jkunu parti minnu. Id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' dan ir-Regolament jistgħu jiġu kkumplimentati b'rekwiżiti stabbiliti għal prodotti partikolari li jaħdmu bil-batteriji fil-miżuri ta' implimentazzjoni skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹². Fejn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni tistabbilixxi rekwiżiti aktar speċifiċi, għal raġunijiet ta' sikurezza, fir-rigward tat-tneħħija tal-batteriji minn prodotti (eż. ġugarelli), jenħtieġ li japplikaw dawk ir-regoli speċifiċi.
- (27) Il-batteriji affidabbli huma fundamentali għall-operat u s-sikurezza ta' ħafna prodotti, apparat u servizzi. Għalhekk, jenħtieġ li l-batteriji jiġu ddisinjati u manifatturati biex jiżguraw l-operazzjoni u l-użu sikur tagħhom. Dan l-aspett huwa partikolarment rilevanti għas-sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji stazzjonarji, li bħalissa mhumiex koperti minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni. Il-parametri li għandhom jiġu kkunsidrati fit-testijiet tas-sikurezza jenħtieġ li jiġu stipulati għal dawk is-sistemi għall-ħażna tal-enerġija.
- (28) Sabiex l-utenti finali jingħataw informazzjoni trasparenti, affidabbli u ċara dwar il-batteriji u l-karatteristiċi ewlenin tagħhom, u dwar l-iskart ta' batteriji, biex l-utenti finali jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati meta jixtru u jarmu l-batteriji u biex l-operaturi tal-iskart ikunu jistgħu jitrattaw b'mod xieraq l-iskart ta' batteriji, jenħtieġ li l-batteriji jiġu ttikkettati. Jenħtieġ li l-batteriji jkunu ttikkettati bl-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-karatteristiċi ewlenin tagħhom, inklużi l-kapaċità u l-kontenut tagħhom ta' ċerti sustanzi perikolużi. Sabiex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-informazzjoni matul iż-żmien, jenħtieġ li dik l-informazzjoni tkun magħmula disponibbli wkoll permezz tal-kodiċijiet QR.
- (29) L-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-batteriji hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-utenti finali bħala konsumaturi jkunu infurmati tajjeb u fil-ħin u, b'mod partikolari, li jkollhom bażi komuni biex iqabblu batteriji differenti qabel ma jixtru. Għalhekk, il-batteriji portabbli ta' użu ġenerali u l-batteriji awtomotivi jenħtieġ li jiġu mmarkati b'tikketta li jkun fiha l-informazzjoni dwar it-tul ta' żmien medju minimu tagħhom

¹² Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

meta jintużaw f'applikazzjonijiet speċifiċi. Barra minn hekk, huwa importanti li l-utent finali jiġi għwadrat biex jarmi l-iskart ta' batteriji b'mod xieraq.

- (30) Jenħtieġ li l-batteriji industrijali rikarikabbli u l-batteriji tal-vetturi elettriċi b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh ikollhom sistema ta' ġestjoni tal-batterija li taħżen id-*data* sabiex l-istat tas-saħħa u t-tul tal-ħajja mistenni tal-batteriji jkunu jistgħu jiġu ddeterminati fi kwalunkwe ħin mill-utent finali jew minn kwalunkwe parti terza oħra li taġixxi f'ismu. Sabiex batterija tiġi adattata għal skop differenti jew manifatturata mill-ġdid, jenħtieġ li l-aċċess għas-sistema ta' ġestjoni tal-batterija jiġi pprovdut lill-persuna li tkun xtrat il-batterija jew lil kwalunkwe parti terza li taġixxi f'isimha fi kwalunkwe ħin għall-evalwazzjoni tal-valur residwu tal-batterija, l-iffaċilitar tal-użu mill-ġdid, l-adattament tal-batterija għal skop differenti jew il-manifattura mill-ġdid tagħha u t-tqegħid tal-batterija għad-dispożizzjoni tal-aggregaturi indipendenti, kif definiti fid-Direttiva (UE) 201/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³, li joperaw impjanti tal-enerġija virtwali fi grilji tal-elettriku. Jenħtieġ li dan ir-rekwiżit japplika flimkien mad-dritt tal-Unjoni dwar it-tip ta' approvazzjoni tal-vetturi, inklużi speċifikazzjonijiet tekniċi li jistgħu joriġinaw mix-xogħol tal-Grupp ta' Ħidma informali tal-UNECE dwar il-Vetturi Elettriċi u l-Ambjent dwar l-aċċess għad-*data* f'vetturi elettriċi.
- (31) Għadd ta' rekwiżiti speċifiċi għall-prodott skont dan ir-Regolament, inkluż dwar il-prestazzjoni, id-durabbiltà, l-adattament għal skop differenti u s-sikurezza, jenħtieġ li jitkejlu bl-użu ta' metodi affidabbli, preċiżi u riproduċibbli li jqisu l-metodoloġiji mill-aktar avvanzati tal-kejl u tal-kalkolu rikonossuti b'mod ġenerali. Sabiex jiġi żgurat li ma jkunx hemm ostakli għall-kummerċ fis-suq intern, jenħtieġ li l-istandards jiġu armonizzati fil-livell tal-Unjoni. Jenħtieġ li tali metodi u standards, sa fejn ikun possibbli, iqisu l-użu tal-batteriji fil-ħajja reali, ikunu jirriflettu l-firxa medja tal-imġiba tal-konsumaturi u jkunu robusti sabiex jiskoraġġixxu ċ-ċirkomvenzjoni intenzjonali u mhux intenzjonali. Ladarba tkun ġiet adottata referenza għal tali standard skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ u ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandha tiġi stabbilita preżunzjoni ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti speċifiċi għall-prodott adottati abbażi ta' dan ir-Regolament, dment li l-eżitu ta' tali metodi juri li jintlaħqu l-valuri minimi stabbiliti għal dawk ir-rekwiżiti sostantivi. Fin-nuqqas ta' standards ippubblikati fiż-żmien tal-applikazzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi għall-prodott, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta speċifikazzjonijiet komuni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni u jenħtieġ li l-konformità ma' tali speċifikazzjonijiet twassal ukoll għall-preżunzjoni tal-konformità. F'każijiet fejn jinstab, fi stadju aktar tard, li l-ispeċifikazzjonijiet komuni għandhom xi nuqqasijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, temenda jew tħassar l-ispeċifikazzjonijiet komuni inkwistjoni.
- (32) Sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-informazzjoni għal finijiet ta' sorveljanza tas-suq, sabiex wieħed jadatta għal teknoloġiji ġodda u sabiex tiġi żgurata r-reżiljenza

¹³ Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125)

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12)

f'każ ta' kriżijiet globali, bħall-pandemija tal-Covid-19, jenħtieġ li jkun possibbli li tingħata informazzjoni rigward il-konformità mal-atti kollha tal-Unjoni applikabbli għall-batteriji online fil-forma ta' dikjarazzjoni tal-konformità unika tal-UE.

- (33) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵ jistipula regoli dwar l-akkreditament tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, jipprovdi qafas għas-sorveljanza tas-suq tal-prodotti u għall-kontrolli fuq il-prodotti minn pajjiżi terzi, u jistipula l-prinċipji ġenerali tal-markatura CE. Jenħtieġ li dak ir-Regolament ikun applikabbli għall-batteriji koperti minn dan ir-Regolament sabiex ikun żgurat li l-prodotti li jibbenefikaw mill-moviment liberu tal-merkanzija fl-Unjoni jissodisfaw ir-rekwiżiti li jipprovdu livell għoli ta' ħarsien ta' interessi pubbliċi bħas-saħħa tal-bniedem, is-sikurezza u l-ambjent.
- (34) Sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu juru u l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jivverifikaw li l-batteriji li tqiegħdu fis-suq ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, huwa neċessarju li jiġu previsti proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità. Id-Deċiżjoni 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ tistabbilixxi moduli għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, li jvarjaw minn dawk l-inqas stretti sa dawk l-aktar stretti skont il-livell ta' riskju involut u l-livell ta' sikurezza meħtieġ. Skont l-Artikolu 4 ta' dik id-Deċiżjoni, fejn tkun meħtieġa valutazzjoni tal-konformità, il-proċeduri li għandhom jintużaw għal dik il-valutazzjoni għandhom jintgħażlu minn fost dawk il-moduli.
- (35) Madankollu, il-moduli magħżula ma jirriflettux ċerti aspetti speċifiċi tal-batteriji u, b'hekk, huwa meħtieġ li jiġu adattati l-moduli magħżula għall-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità. Sabiex jitqiesu n-novità u l-kumplessità tar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà, tas-sikurezza u tat-tikkettar stabbiliti f'dan ir-Regolament u sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-batteriji mqiegħda fis-suq mar-rekwiżiti legali, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' tal-emendar tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità billi jiżdiedu l-passi tal-verifiki jew billi jinbidel il-modulu tal-valutazzjoni, abbażi tal-iżviluppi fis-suq tal-batteriji jew fil-katina tal-valur tal-batteriji.
- (36) Il-markatura CE fuq batterija tindika l-konformità ta' dik il-batterija ma' dan ir-Regolament. Il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-markatura CE u r-relazzjoni tagħha ma' markaturi oħrajn huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008. Jenħtieġ li dawk il-prinċipji japplikaw għall-markatura CE fuq il-batteriji. Sabiex jiġi żgurat li l-batterija tinħażen, tintuża u tintrema b'mod li ma jkunx ta' periklu mil-lat tal-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent, jenħtieġ li jiġu stipulati regoli speċifiċi li jirregolaw it-twaħħil tal-markatura CE fil-każ tal-batteriji.
- (37) Il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti f'dan ir-Regolament jeħtieġu l-intervent tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li dawk il-korpi jiġu nnotifikati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri lill-Kummissjoni.

¹⁵ Ir-Regolament (KE) 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30)

¹⁶ Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE , ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82

- (38) Minħabba n-novità u l-kumplessità tar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà, tas-sikurezza u tat-tikkettar għall-batteriji u sabiex jiġi żgurat livell konsistenti ta' kwalità fit-twettiq tal-valutazzjoni tal-konformità tal-batteriji, jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti għall-awtoritajiet tan-notifika involuti fil-valutazzjoni, fin-notifika u fil-monitoraġġ tal-korpi nnotifikati. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-awtorità tan-notifika tkun oġġettiva u imparzjali fir-rigward tal-attività tagħha. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-awtoritajiet tan-notifika jkunu meħtieġa jissalvagwardjaw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li jiksbu, madankollu, jenħtieġ li jkunu jistgħu jiskambjaw informazzjoni dwar il-korpi nnotifikati mal-awtoritajiet nazzjonali, mal-awtoritajiet tan-notifika ta' Stati Membri oħrajn u mal-Kummissjoni biex tiġi żgurata l-konsistenza fil-valutazzjoni tal-konformità.
- (39) Huwa essenzjali li l-korpi nnotifikati kollha jwettqu l-funzjonijiet tagħhom fl-istess livell u f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta u awtonomija. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti għall-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jixtiequ jiġu nnotifikati sabiex jipprovdu attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità. Jenħtieġ li daww ir-rekwiżiti jkomplu japplikaw bħala prerekwiżit għaż-żamma tal-kompetenza tal-korp innotifikat. Sabiex tiġi żgurata l-awtonomija tiegħu, jenħtieġ li l-korp innotifikat u l-persunal li jimpjega jżommu l-indipendenza mill-operaturi ekonomiċi fil-katina tal-valur tal-batteriji u minn kumpaniji oħrajn, inklużi assoċjazzjonijiet tan-negozju u kumpaniji prinċipali u sussidjarji. Jenħtieġ li l-korp innotifikat jintalab jiddokumenta l-indipendenza tiegħu u jipprovdi dik id-dokumentazzjoni lill-awtorità tan-notifika.
- (40) Jekk korp ta' valutazzjoni tal-konformità juri konformità mal-kriterji stipulati fi standards armonizzati, jenħtieġ li jkun preżunt li dan jikkonforma mar-rekwiżiti korrispondenti stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (41) Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità spiss jissottokuntrattaw partijiet mill-attivitajiet tagħhom marbuta mal-valutazzjoni tal-konformità jew jirrikorru għal sussidjarja. Madankollu, ċerti attivitajiet u proċessi ta' teħid tad-deċiżjonijiet, kemm fir-rigward tal-valutazzjoni tal-konformità tal-batteriji kif ukoll fir-rigward ta' attivitajiet oħrajn interni għall-korp innotifikat, jenħtieġ li jitwettqu esklussivament mill-korp innotifikat individwali nnifsu, sabiex jiġi żgurati l-indipendenza u l-awtonomija tiegħu. Barra minn hekk, sabiex jiġi ssalvagwardjat il-livell ta' protezzjoni meħtieġ sabiex il-batteriji jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni, jenħtieġ li s-sottokuntratturi tal-valutazzjoni tal-konformità u s-sussidjarji jissodisfaw l-istess rekwiżiti bħall-korpi nnotifikati b'raba mat-twettiq tal-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità skont dan ir-Regolament.
- (42) Billi s-servizzi offruti minn korpi nnotifikati fi Stat Membru jistgħu jkunu relatati ma' batteriji mqiegħda fis-suq fl-Unjoni kollha, huwa xieraq li l-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni jingħataw l-opportunità li jqajmu oġġezzjonijiet dwar korp innotifikat. Sabiex jiġi żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex titlob lill-awtorità tan-notifika tiegħu azzjoni korrettiva fil-każ li korp innotifikat ma jissodisfax, jew ma jkunx għadu jissodisfa, ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
- (43) Fl-interessi tal-iffaċilitar u l-aċċellerazzjoni tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità, taċ-ċertifikazzjoni u, fl-aħħar mill-aħħar, tal-aċċess għas-suq u, fid-dawl tan-novità u l-kumplessità tar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà, tas-sikurezza u tat-tikkettar għall-batteriji, huwa kruċjali li l-korpi nnotifikati jkollhom aċċess kontinwu għat-tagħmir tal-ittestjar u l-faċilitajiet tal-ittestjar kollha meħtieġa u li huma japplikaw il-proċeduri mingħajr ma joħolqu piżijiet bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi. Għall-

istess raġuni, u biex jiġi żgurat it-trattament ugwali tal-operaturi ekonomiċi, huwa meħtieġ li l-korpi nnotifikati japplikaw il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità b'mod konsistenti.

- (44) Qabel ma tittieħed deċiżjoni finali dwar jekk il-batterija tistax tingħata ċertifikat ta' konformità, jenħtieġ li l-operatur ekonomiku li jkun jixtieq iqiegħed batterija fis-suq jitħalla jikkomplementaha bid-dokumentazzjoni fuq il-batterija.
- (45) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippermetti koordinazzjoni u kooperazzjoni xierqa bejn il-korpi nnotifikati.
- (46) Huwa xieraq li l-obbligi marbuta mat-tqegħid ta' batterija fis-suq jew fis-servizz jitpoġġew fuq l-operaturi ekonomiċi, li jinkludu l-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat, l-importatur, id-distributtur, il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni, jew kwalunkwe persuna ġuridika oħra li tiegħu r-responsabbiltà legali b'rabta mal-manifattura tal-batteriji, tagħmilhom disponibbli jew tqiegħdom fis-suq jew fis-servizz.
- (47) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu responsabbli għall-konformità tal-batteriji mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, b'rabta mar-rwoli rispettivi tagħhom fil-katina tal-provvista, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi, bħas-saħħa tal-bniedem, is-sikurezza u l-protezzjoni tal-proprjetà u l-ambjent.
- (48) Jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi kollha li jintervjenu fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li jqiegħdu fis-suq biss dawk il-batteriji li jkunu konformi ma' dan ir-Regolament. Huwa meħtieġ li jkun hemm distribuzzjoni ċara u proporzjonata tal-obbligi li jikkorrispondu għar-rwol ta' kull operatur ekonomiku fil-katina tal-provvista u tad-distribuzzjoni.
- (49) Il-manifattur, li għandu għarfien dettaljat tad-disinn u tal-proċess tal-produzzjoni, huwa fl-aħjar pożizzjoni biex iwettaq il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità. Għalhekk, jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-konformità tibqa' l-obbligu tal-manifattur biss.
- (50) Jenħtieġ li l-manifattur jipprovdi informazzjoni dettaljata biżżejjed dwar l-użu maħsub tal-batterija sabiex jippermetti t-tqegħid fis-suq, it-tqegħid fis-servizz, l-użu u l-ġestjoni ta' tmiem il-ħajja tal-batterija b'mod korrett u sikur, inkluż l-adattament possibbli tagħha għal skop differenti.
- (51) Sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u l-konsumaturi, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi, bħala parti mid-dettalji ta' kuntatt tagħhom, jindikaw indirizz ta' sit web minbarra l-indirizz postali.
- (52) Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-batteriji minn pajjiżi terzi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, kemm jekk ikunu importati bħala batteriji awtonomi kif ukoll jekk ikunu jinsabu fi prodotti, u b'mod partikolari li l-manifatturi jkunu wettqu proċeduri xierqa ta' valutazzjoni tal-konformità fir-rigward ta' dawk il-batteriji. Għalhekk, jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għall-importaturi biex jiżguraw li l-batteriji li jqiegħdu fis-suq u fis-servizz ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u li l-markatura CE fuq il-batteriji u d-dokumentazzjoni mfassla mill-manifatturi jkunu disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali.
- (53) Meta jqiegħed batterija fis-suq jew fis-servizz, jenħtieġ li kull importatur jindika fuq il-batterija l-isem tal-importatur, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata, kif ukoll l-indirizz postali. Jenħtieġ li jiġu previsti eċċezzjonijiet f'każijiet fejn id-daqs tal-batterija ma jippermettix li jsir dan. Dan jinkludi każijiet fejn l-

- importatur ikollu jiftaħ l-imballaġġ biex ipoġġi l-isem u l-indirizz fuq il-batterija jew fejn il-batterija tkun zġhira wisq fid-daqs biex fuqha titwaħħal din l-informazzjoni.
- (54) Billi d-distributur iqiegħed batterija fis-suq wara li din tkun tqiegħdet fis-suq jew tqiegħdet fis-servizz mill-manifattur jew mill-importatur, jenħtieġ li d-distributur jaġixxi bl-attenzjoni dovuta biex jiżgura li l-immaniġġar tal-batterija ma jaffettwax ħażin il-konformità tagħha mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
- (55) Kwalunkwe importatur jew distributur li jew iqiegħed batterija fis-suq jew fis-servizz taħt l-isem proprju jew it-trademark tal-importatur jew tad-distributur jew inkella jimmodifika batterija b'tali mod li l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament tista' tiġi affettwata jew jimmodifika l-iskop ta' batterija diġà mqiegħda fis-suq jenħtieġ li jitqies bħala l-manifattur u jenħtieġ li jassumi l-obbligi tal-manifattur.
- (56) Id-distributori u l-importaturi, minħabba li huma qrib is-suq, jenħtieġ li jkunu involuti fil-kompiti ta' sorveljanza tas-suq imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali, u jenħtieġ li jkunu ppreparati biex jipparteċipaw b'mod attiv, billi jipprovdu lil dawk l-awtoritajiet bl-informazzjoni kollha meħtieġa relatata mal-batterija kkonċernata.
- (57) L-iżgurar tat-traċċabbiltà ta' batterija matul il-katina tal-provvista kollha jgħin biex isorveljanza tas-suq tkun aktar sempliċi u effiċjenti. Sistema ta' traċċabbiltà effettiva tiffaċilita l-kompitu tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jittraċċaw lill-operaturi ekonomiċi li qiegħdu fis-suq jew għamlu disponibbli fis-suq jew fis-servizz batteriji mhux konformi. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu meħtieġa jżommu l-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet tagħhom ta' batteriji għal ċertu perjodu ta' żmien.
- (58) L-estrazzjoni, l-ipproċessar u n-negozjar tar-riżorsi minerali naturali huma fundamentali biex jipprovdu l-materja prima meħtieġa għall-produzzjoni tal-batteriji. Il-manifatturi tal-batteriji, irrispettivament mill-pożizzjoni jew l-influenza tagħhom fuq il-fornituri u l-pożizzjoni ġeografika tagħhom, mhumiex iżolati mir-riskju li jikkontribwixxu għal impatti negattivi fil-katina tal-provvista tal-minerali. Għal xi materja prima, aktar minn nofs il-produzzjoni globali hija għall-użu fl-applikazzjonijiet tal-batteriji. Pereżempju, aktar minn 50 % tad-domanda globali għall-kobalt u aktar minn 60 % tal-litju fid-dinja jintużaw għall-produzzjoni tal-batteriji. Madwar 8 % tal-produzzjoni globali tal-grafit naturali u 6 % tal-produzzjoni globali tan-nikil imorru għall-manifattura tal-batteriji.
- (59) Huma ftit biss dawk il-pajjiżi li jfornu dawk il-materjali u, f'xi każijiet, l-istandards baxxi ta' governanza jistgħu jaggravaw il-problemi ambjentali u soċjali. L-estrazzjoni u r-raffinar tal-kobalt u tan-nikil huma relatati ma' firxa kbira ta' kwistjonijiet soċjali u ambjentali, inkluż il-potenzjal ta' periklu ambjentali u s-saħħa tal-bniedem. Filwaqt li l-impatti soċjali u ambjentali tal-grafit naturali huma inqas severi, l-estrazzjoni tiegħu għandha proporzjonijiet għoljin ta' operazzjonijiet artiġjanali u fuq skala zġhira, li jseħħu l-aktar f'kuntesti informali u jistgħu jwasslu għal impatti serji fuq is-saħħa u l-ambjent, inkluż l-ebda għeluq regolari tal-minjieri u l-ebda riabilitazzjoni, li jirriżultaw fil-qerda tal-ekosistemi u tal-ħamrija. Għal-litju, iż-żieda mistennija fl-użu tiegħu fil-manifattura tal-batteriji x'aktarx li tpoġġi pressjoni addizzjonali fuq l-operazzjonijiet ta' estrazzjoni u raffinar, u dan jirrakkomanda li l-litju jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista. Jenħtieġ li ż-żieda kbira ħafna mistennija fid-domanda għall-batteriji fl-Unjoni ma tikkontribwixxix għal żieda ta' tali riskji ambjentali u soċjali.

- (60) Uħud mill-materji primi inkwistjoni, bħall-kobalt, il-litju u l-grafit naturali, huma meqjusa bħala materji primi kritiċi għall-UE¹⁷ u l-akkwist sostenibbli tagħhom huwa meħtieġ biex l-ekosistema tal-batteriji tal-UE tkun tista' taħdem b'mod xieraq.
- (61) Diġà hemm fis-seħħ għadd ta' sforzi volontarji minn atturi fil-katina tal-provvista tal-batteriji sabiex tiġi inkoraġġuta l-aderenza ma' prattiki ta' akkwist sostenibbli, inkluż l-Inizjattiva għall-Assigurazzjoni tal-Estrazzjoni Responsabbli (Initiative for Responsible Mining Assurance, IRMA), l-Inizjattiva għal Minerali Responsabbli (Responsible Minerals Initiative, RMI) u l-Qafas ta' Valutazzjoni Responsabbli għall-Industrija tal-Kobalt (Cobalt Industry Responsible Assessment Framework, CIRAF). Madankollu, l-isforzi volontarji biex jiġu stabbiliti skemi ta' diliġenza dovuta jistgħu ma jiżgurawx li l-operaturi ekonomiċi kollha li jqiegħdu l-batteriji fis-suq tal-Unjoni jirrispettaw l-istess sett ta' regoli minimi.
- (62) Fl-Unjoni, ġew introdotti rekwiżiti ġenerali dwar id-diliġenza dovuta fir-rigward ta' ċerti minerali u metalli bir-Regolament (UE) Nru 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸. Madankollu, dak ir-Regolament ma jindirizzax il-minerali u l-materjali użati għall-produzzjoni tal-batteriji.
- (63) Għalhekk, fid-dawl tat-tkabbir esponenzjali mistenni fid-domanda għall-batteriji fl-UE, jenħtieġ li l-operatur ekonomiku li jqiegħed batterija fis-suq tal-UE jistabbilixxi politika ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti, bl-objettiv li jiġu indirizzati r-riskji soċjali u ambjentali inerenti fl-estrazzjoni, l-ipproċessar u n-negozjar ta' ċerta materja prima għall-finijiet tal-manifattura tal-batteriji.
- (64) Meta tiġi implimentata politika ta' diliġenza dovuta bbażata fuq ir-riskji, jenħtieġ li din tkun ibbażata fuq prinċipji ta' diliġenza dovuta rikonoxxuti internazzjonalment fl-Għaxar Prinċipji tal-Patt Globali tan-Nazzjonijiet Uniti¹⁹, il-Linji Gwida għall-Valutazzjoni taċ-Ċiklu tal-Ħajja Soċjali tal-Prodotti²⁰, id-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO dwar il-Prinċipji li Jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali²¹, u l-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negozju (RBC)²², li jirriflettu fehim komuni fost il-gvernijiet u l-partijiet ikkonċernati, u li jenħtieġ li jiffasslu għall-kuntest u ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull operatur ekonomiku. B'rabta mal-estrazzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċ tar-riżorsi minerali naturali użati għall-produzzjoni tal-batteriji, il-Gwida tal-OECD dwar id-

¹⁷ Il-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Ir-Reżiljenza tal-Materja Prima Kritika: It-Twittija tat-Triq lejn Sigurtà u Sostenibbiltà Akbar (COM(2020) 474 final).

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jistabbilixxi obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għall-importaturi tal-Unjoni ta' landa, tantalu u tungstenu, il-minerali tagħhom, u deheb li joriġinaw minn żoni affettwati minn kunflitti u ta' riskju għoli (ĠU L 130, 19.5.2017, p. 1)

¹⁹ L-Għaxar Prinċipji tal-Patt Globali tan-NU, disponibbli fuq <https://www.unglobalcompact.org/what-is-gc/mission/principles>

²⁰ Il-Linji Gwida tal-UNEP għall-valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja soċjali tal-prodotti, disponibbli fuq <https://www.lifecycleinitiative.org/wp-content/uploads/2012/12/2009%20-%20Guidelines%20for%20sLCA%20-%20EN.pdf>

²¹ Id-Dikjarazzjoni Tripartitika dwar il-Prinċipji li Jikkonċernaw l-Intrapriżi Multinazzjonali u l-Politika Soċjali, disponibbli fuq https://www.ilo.org/wcmsp5/groups/public/---ed_emp/---emp_ent/---multi/documents/publication/wcms_094386.pdf

²² OECD (2018), Il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Imġiba Responsabbli fin-Negozju, disponibbli fuq <http://mneguidelines.oecd.org/OECD-Due-Diligence-Guidance-for-Responsible-Business-Conduct.pdf>

Diliġenza Dovuta għal Ktajjen ta' Provvisa Responsabbli tal-Minerali minn Żoni Affettwati mill-Kunflitti u Żoni ta' Riskju Għoli ²³ (il-“Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta”) tirrappreżenta sforz li ilu għaddej mill-gvernijiet u mill-partijiet ikkonċernati biex jistabbilixxu prattika tajba f'dan il-qasam.

- (65) Skont il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta²⁴, id-diliġenza dovuta hija proċess kontinwu, proattiv u reattiv li permezz tiegħu l-kumpaniji jistgħu jiżguraw li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u ma jikkontribwixxux għall-kunflitt²⁵. Id-diliġenza dovuta bbażata fuq ir-riskju tirreferi għall-passi li jenħtieġ li jieħdu l-kumpaniji biex jidentifikaw u jindirizzaw ir-riskji attwali jew potenzjali sabiex jipprevjenu jew jimmitigaw l-impatti negattivi assoċjati mal-attivitàjiet tagħhom jew mad-deċiżjonijiet dwar l-akkwist. Kumpanija tista' tivvaluta r-riskju li jinholq mill-attivitàjiet u r-relazzjonijiet tagħha u tadotta miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskji f'konformità mal-istandards rilevanti pprovduti skont il-liġi nazzjonali u internazzjonali, ir-rakkomandazzjonijiet dwar l-imġiba responsabbli fin-negozju minn organizzazzjonijiet internazzjonali, l-għodod appoġġati mill-gvern, l-inizjattivi volontarji mis-settur privat u l-politiki u s-sistemi interni tal-kumpanija. Dan l-approċċ jgħin ukoll biex jiġi skalat l-eżerċizzju ta' diliġenza dovuta għad-daqs tal-attivitàjiet jew għar-relazzjonijiet tal-katina tal-provvista tal-kumpanija.
- (66) Jenħtieġ li l-politiki obligatorji dwar id-diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista jiġu adottati jew immodifikati u li jindirizzaw, mill-inqas, l-aktar kategoriji ta' riskji soċjali u ambjentali prevalenti. Jenħtieġ li dan ikopri l-impatti attwali u prevedibbli, minn naħa waħda, fuq il-ħajja soċjali, b'mod partikolari d-drittijiet tal-bniedem, is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem kif ukoll is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali u d-drittijiet tax-xogħol, u, min-naħa l-oħra, fuq l-ambjent, b'mod partikolari fuq l-użu tal-ilma, il-protezzjoni tal-ħamrija, it-tniġġis tal-arja u l-bijodiversità, inkluża l-ħajja komunitarja.
- (67) Fir-rigward tal-kategoriji ta' riskju soċjali, jenħtieġ li l-politiki tad-diliġenza dovuta jindirizzaw ir-riskji fil-katina tal-provvista relatati mal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż is-saħħa tal-bniedem, il-protezzjoni tat-tfal u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, f'konformità mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem²⁶. Jenħtieġ li l-politiki ta' diliġenza dovuta jinkludu informazzjoni dwar kif l-operatur ekonomiku kkontribwixxa għall-prevenzjoni ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u dwar l-istrumenti fis-seħħ mal-istruttura tan-negozju tal-operatur biex jiġi miġġielda l-korruzzjoni u t-tixħim. Il-politiki tad-diliġenza dovuta jenħtieġ li jiżguraw ukoll l-implimentazzjoni korretta tar-regoli tal-konvenzjonijiet fundamentali tal-

²³ OECD (2016), il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għal Ktajjen ta' Provvisa Responsabbli tal-Minerali minn Żoni Affettwati mill-Kunflitti u Żoni ta' Riskju Għoli: Tiolet Edizzjoni, OECD Publishing, Paris, <https://doi.org/10.1787/9789264252479-en>.

²⁴ Paġna 15 tal-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta.

²⁵ OECD (2011), Il-Linji Gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali, OECD, Paris; OECD (2006), Għodda tal-OECD għall-Konnoxxenza tar-Riskju għal Intrapriżi Multinazzjonali fiż-Żoni ta' Governanza Dgħajfa OECD, Paris; u, Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem: L-Implimentazzjoni tal-Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti “Protezzjoni, Rispett u Rimedju” (ir-Rapport tar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali dwar il-Kwistjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Korporazzjonijiet Transnazzjonali u Intrapriżi Kummerċjali oħrajn, John Ruggie, A/HRC/17/31, il-21 ta' Marzu 2011).

²⁶ Inkluża d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità.

Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol²⁷ kif elenkati fl-Anness I tad-Dikjarazzjoni Tripartitika tal-ILO.

- (68) Fir-rigward tal-kategoriji ta' riskju ambjentali, jenħtieġ li l-politiki tad-diliġenza dovuta jindirizzaw ir-riskji fil-katina tal-provvista tal-batteriji relatati mal-protezzjoni tal-ambjent naturali u tad-diversità bijoloġika f'konformità mal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika²⁸, li tinkludi wkoll il-konsiderazzjoni tal-komunitajiet lokali, u l-protezzjoni u l-iżvilupp ta' dawk il-komunitajiet.
- (69) L-obbligi tad-diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista dwar l-identifikazzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji soċjali u ambjentali assoċjati mal-materja prima li tidħol fil-manifattura tal-batteriji jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tar-Risoluzzjoni 19 tal-UNEP dwar il-Governanza tar-Riżorsi Minerali, li tirrikonoxxi l-kontribut importanti tas-settur tal-estrazzjoni għall-kisba tal-Aġenda 2030 u tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.
- (70) Strumenti leġiżlattivi oħra tal-UE li jstabilixxu rekwiżiti rigward id-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista jenħtieġ li japplikaw sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet speċifiċi bl-istess objettiv, natura u effett f'dan ir-Regolament li jstgħu jiġu adattati fid-dawl tal-emendi leġiżlattivi futuri.
- (71) Sabiex tadatta għall-iżviluppi fil-katina tal-valur tal-batteriji, inkluż għall-bidliet fil-ambitu u n-natura tar-riskji ambjentali u soċjali rilevanti, kif ukoll għall-progress tekniku u xjentifiku fil-batteriji u l-kimiki tal-batteriji, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-lista ta' materja prima u l-kategoriji ta' riskji u r-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista.
- (72) Huma meħtieġa regoli armonizzati għall-immaniġġar tal-iskart biex jiġi żgurat li l-produtturi u operaturi ekonomiċi oħrajn ikunu soġġetti għall-istess regoli fl-Istati Membri kollha fl-implimentazzjoni tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi għall-batteriji. Huwa neċessarju li jiġi mmassimizzat il-għbir separat tal-iskart ta' batteriji u li jiġi żgurat li l-batteriji kollha miġbura jiġu riċiklati permezz ta' proċessi li jilhqqu effiċjenzi minimi komuni ta' riċiklaġġ biex jinkiseb livell għoli ta' rkupru tal-materjal. L-evalwazzjoni tad-Direttiva 2006/66/KE sabet li wieħed min-nuqqasijiet tagħha huwa n-nuqqas ta' dettall fid-dispożizzjonijiet tagħha, li jwassal għal implimentazzjoni mhux uniformi u joħloq ostakli sinifikanti għall-funzjonament tas-swieq tar-riċiklaġġ u livelli subottimali ta' riċiklaġġ. Konsegwentement, jenħtieġ li regoli aktar dettaljati u armonizzati jevitaw id-distorsjoni tas-suq għall-għbir, it-trattament u r-riċiklaġġ tal-iskart ta' batteriji, jiżguraw l-implimentazzjoni uniformi tar-rekwiżiti fl-Unjoni kollha,

²⁷ It-tmien Konvenzjonijiet fundamentali huma 1. Il-Konvenzjoni dwar il-Libertà ta' Assoċjazzjoni u l-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni, 1948 (Nru. 87), 2. Il-Konvenzjoni dwar id-Dritt għall-Organizzazzjoni u n-Negożjar Kollettiv, 1949 (Nru. 98), 3. Il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Furzat, 1930 (Nru. 29) (u l-Protokoll tagħha tal-2014), 4. Il-Konvenzjoni dwar l-Abolizzjoni tax-Xogħol Furzat, 1957 (Nru. 105), 5. Il-Konvenzjoni dwar l-Età Minima, 1973 (Nru. 138), 6. Il-Konvenzjoni dwar l-Agħar Forom tax-Xogħol tat-Tfal, 1999 (Nru. 182), 7. Il-Konvenzjoni dwar ir-Remunerazzjoni Indaqs, 1951 (Nru. 100), 8. Il-Konvenzjoni dwar id-Diskriminazzjoni (Impjiegi u Xogħol), 1958 (Nru. 111)

²⁸ Kif stabbilit fil-Konvenzjoni dwar id-diversità, disponibbli fuq <https://www.cbd.int/convention/text/> u, b'mod partikolari, id-Deċiżjoni COP VIII/28 Linji gwida volontarji dwar l-inklużjoni tal-kwistjonijiet relatati mal-Bijodiversità fil-valutazzjoni tal-impatt, disponibbli fuq <https://www.cbd.int/decision/cop/?id=11042>.

iżidu l-armonizzazzjoni tal-kwalità tas-servizzi tal-immaniġġar tal-iskart ipprovduti mill-operaturi ekonomiċi u jiffaċilitaw is-swieq tal-materja prima sekondarja.

- (73) Dan ir-Regolament jibni fuq ir-regoli dwar l-immaniġġar tal-iskart u l-prinċipji ġenerali stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹, li jenħtieġ li jiġu adattati biex jirriflettu s-sitwazzjoni speċifika tal-batteriji. Sabiex il-ġbir tal-iskart ta' batteriji jiġi organizzat bl-aktar mod effettiv, huwa importanti li dan isir b'konnessjoni mill-qrib mal-post fejn jinbiegħu l-batteriji fi Stat Membru, u qrib l-utent finali. L-iskart ta' batteriji jista' jinġabar kemm flimkien ma' skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku kif ukoll ma' vetturi li m'għadhomx jintużaw, permezz ta' skemi ta' ġbir nazzjonali stabbiliti abbażi tad-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁰, u tad-Direttiva 2000/53/KE. Filwaqt li r-Regolament attwali jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-batteriji, hemm bżonn approċċ koerenti u komplementari, li jibni fuq u jarmonizza aktar l-istrutturi eżistenti tal-immaniġġar tal-iskart. Konsegwentement, u sabiex tiġi rrealizzata b'mod effettiv responsabbiltà estiża tal-produtturi relatata mal-immaniġġar tal-iskart, jenħtieġ li jiġu stabbiliti obbligi fir-rigward tal-Istat Membru fejn il-batteriji jitqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba.
- (74) Sabiex jiġi ssorveljat li l-produtturi jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jiżguraw it-trattament tal-iskart ta' batteriji mqiegħda fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit regjistru u li dan ikun ġestit mill-awtorità kompetenti f'kull Stat Membru. Jenħtieġ li l-produtturi jkunu obbligati jirreġistraw, sabiex jipprovdur l-informazzjoni meħtieġa biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jissorveljaw li l-produtturi jkunu konformi mal-obbligi tagħhom. Jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' regjistrazzjoni jiġu ssimplifikati fl-Unjoni kollha. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi fl-Unjoni kollha għall-applikazzjoni għar-regjistrazzjoni u l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta, permezz ta' format armonizzat, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni.
- (75) Fid-dawl tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, huwa xieraq li l-obbligi tal-ġestjoni ta' tmiem il-ħajja tal-batteriji jiġu stabbiliti fuq il-produtturi li jenħtieġ li jinkludu kwalunkwe manifattur, importatur jew distributtur li, irrispettivament mit-teknika tal-bejgħ użata, inkluż permezz ta' kuntratti mill-bogħod kif definiti fl-Artikolu 2(7) tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹, iforni batterija għall-ewwel darba għad-distribuzzjoni jew l-użu, inkluż meta din tiġi inkorporata f'apparat jew vetturi, fit-territorju ta' Stat Membru fuq bażi professjonali.
- (76) Jenħtieġ li l-produtturi jkollhom responsabbiltà estiża tal-produtturi għall-immaniġġar tal-batteriji tagħhom fl-istadju ta' tmiem il-ħajja tagħhom. Għaldaqstant, jenħtieġ li huma jiffinanzjaw l-kostijiet tal-ġbir, tat-trattament u tar-riċiklaġġ tal-batteriji kollha miġbura, għar-rapportar dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji u għall-ġħoti ta' informazzjoni lill-utenti finali u lill-operaturi tal-iskart dwar il-batteriji u l-użu mill-ġdid u l-immaniġġar xierqa tal-iskart ta' batteriji. Jenħtieġ li l-obbligi relatati mar-responsabbiltà estiża tal-produtturi japplikaw għall-forom kollha ta' provvista, inkluż

²⁹ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

³⁰ Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 197, 24.7.2012, p.38).

³¹ Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64).

il-bejgħ mill-bogħod. Jenħtiegħ li l-produtturi jkunu jistgħu jeżerċitaw dawk l-obbligi b'mod kollettiv, permezz ta' organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jieħdu r-responsabbiltà f'isimhom. Jenħtiegħ li l-produtturi jew l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni u li jiddokumentaw li għandhom il-mezzi finanzjarji biex ikopru l-kostijiet li jirriżultaw mir-responsabbiltà estiża tal-produtturi. Fejn ikun meħtiegħ biex tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq intern u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-modulazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi mill-produtturi, jenħtiegħ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

- (77) Jenħtiegħ li dan ir-Regolament jirregola r-responsabbiltà estiża tal-produtturi għall-batteriji b'mod eżawrjenti u, għalhekk, jenħtiegħ li r-regoli stipulati dwar l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi fid-Direttiva 2008/98/KE ma japplikawx għall-batteriji.
- (78) Sabiex jiġi żgurat riċiklaġġ ta' kwalità għolja fil-ktajjen tal-provvista tal-batteriji, tingħata spinta lill-użu ta' materja prima sekondarja ta' kwalità u jitħares l-ambjent, jenħtiegħ li livell għoli ta' ġbir u riċiklaġġ tal-iskart ta' batteriji jkun ir-regola. Il-ġbir tal-iskart ta' batteriji huwa pass kruċjali fundamentali biex jingħalaq iċ-ċirku għall-materjali ta' valur li jinsabu fil-batteriji permezz tar-riċiklaġġ tagħhom u biex tinżamm il-katina tal-valur tal-batteriji għewwa l-Unjoni, u b'hekk jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-materjali rkuprati li jistgħu jintużaw aktar għall-manifattura ta' prodotti ġodda.
- (79) Jenħtiegħ li l-produtturi tal-batteriji kollha jkunu responsabbli għall-finanzjament u l-organizzazzjoni tal-ġbir separat tal-iskart ta' batteriji. Jenħtiegħ li huma jagħmlu dan billi jistabbilixxu netwerk ta' ġbir li jkopri t-territorju kollu tal-Istati Membri, li jkun qrib l-utent finali u li ma jimmirax biss lejn iż-żoni u l-batteriji fejn il-ġbir ikun profittabbli. Jenħtiegħ li n-netwerk ta' ġbir jinkludi kwalunkwe distributtur, faċilità ta' trattament awtorizzata għall-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku u vetturi li ma għadhomx jintużaw, faċilitajiet għall-iskart goff u atturi oħrajn minn jeddhom, bħall-awtoritajiet pubbliċi u l-iskejjel. Sabiex tiġi vverifikata u mtejba l-effettività tan-netwerk tal-ġbir u l-kampanji ta' informazzjoni, jenħtiegħ li jitwettaq sħarriġ regolari dwar il-kompożizzjoni tal-inqas fil-livell NUTS 2³² dwar l-iskart municijali mħallas u l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku miġbur biex jiġi ddeterminat l-ammont ta' skart ta' batteriji portabbli fihom.
- (80) Il-batteriji jistgħu jingħabru flimkien mal-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku, permezz ta' skemi ta' ġbir nazzjonali stabbiliti abbażi tad-Direttiva 2012/19/UE u ma' vetturi li ma għadhomx jintużaw f'konformità mad-Direttiva 2000/53/KE. F'dan il-każ, bħala rekwiżit ta' trattament minimu obbligatorju, jenħtiegħ li l-batteriji jitneħħew mill-iskart ta' apparat miġbur u mill-vetturi li ma għadhomx jintużaw. Wara t-tneħħija tagħhom, jenħtiegħ li l-batteriji jkunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, notevolment jenħtiegħ li jingħaddu lejn il-kisba tal-mira tal-ġbir għat-tip ta' batterija inkwistjoni u jkunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' trattament u riċiklaġġ stipulati f'dan ir-Regolament.

³² Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

- (81) Meta wieħed iqis l-impatt ambjentali u t-telf ta' materjali minħabba li l-iskart ta' batteriji ma jinġabarx separatament, u konsegwentement ma jiġix ittrattat b'mod li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent, jenħtiegħ li l-mira tal-ġbir għall-batteriji portabbli diġà stabbilita skont id-Direttiva 2006/66/KE tkompli tapplika u tiżdied gradwalment. Dan ir-Regolament jinvolvi li l-batteriji portabbli jkunu jinkludu wkoll batteriji li jħaddmu mezzi tat-trasport ħfief. Billi ż-żieda attwali fil-bejgħ ta' dan it-tip ta' batteriji tagħmilha diffiċli li jiġi kkalkolat l-ammont tagħhom li jitqiegħdu fis-suq u jinġabru fi tmiem ħajjithom, jenħtiegħ li dawn il-batteriji portabbli jiġu esklużi mir-rata tal-ġbir attwali għall-batteriji portabbli. Din l-esklużjoni għandha tiġi rieżaminata flimkien mal-mira tal-ġbir għall-iskart ta' batteriji portabbli, li tista' tindirizza wkoll il-bidliet fil-metodoloġija biex tiġi kkalkolata r-rata tal-ġbir għall-batteriji portabbli. Il-Kummissjoni għandha tnejn rapport biex tinfed dawn ir-rieżamijiet.
- (82) Jenħtiegħ li r-rata tal-ġbir tal-batteriji portabbli tkompli tiġi kkalkolata abbażi tal-bejgħ annwali medju fis-snin preċedenti sabiex ikun hemm miri proporzjonati għal-livell ta' konsum tal-batteriji fi Stat Membru. Sabiex il-bidliet jiġu riflessi bl-aħjar mod fil-kompożizzjoni tal-kategorija ta' batteriji portabbli, kif ukoll fit-tul tal-ħajja u x-xejriet tal-konsum tal-batteriji, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtiegħ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-metodoloġija biex tikkalkula u tivverifika r-rata tal-ġbir għall-batteriji portabbli.
- (83) Jenħtiegħ li jinġabru l-batteriji kollha tal-karozzi, industrijali u tal-vetturi elettriċi, u għal dak l-għan, jenħtiegħ li l-produtturi ta' tali batteriji jintalbu jaċċettaw u jieħdu lura mingħajr ħlas, l-iskart kollu tal-batteriji awtomotivi, industrijali u tal-vetturi elettriċi mingħand l-utenti finali. Jenħtiegħ li jiġu stabbiliti obbligi dettaljati ta' rapportar għall-atturi kollha involuti fil-ġbir tal-iskart ta' batteriji awtomotivi, industrijali u tal-vetturi elettriċi.
- (84) Fid-dawl tal-ġerarkija tal-iskart kif stabbilita bl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE li tagħti prijorità lill-prevenzjoni, it-tnejn għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ u f'konformità mal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2008/98/KE u l-Artikolu 5(3)(f) tad-Direttiva 1999/31/KE³³, jenħtiegħ li l-batteriji miġbura ma jiġux inċinerati jew jintremew fil-landfills.
- (85) Kwalunkwe faċilità permessa li twettaq operazzjonijiet ta' trattament u riċiklaġġ tal-batteriji jenħtiegħ li tkun konformi mar-rekwiżiti minimi biex tipprevjeni impatti negattivi fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem u biex tippermetti grad għoli ta' rkupru ta' materjali li jinsabu fil-batteriji. Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁴ tirregola għadd ta' attivitajiet industrijali involuti fit-trattament u r-riċiklaġġ tal-iskart ta' batteriji, li għalihom tiżgura rekwiżiti ta' permessi u kontrolli speċifiċi li jirriflettu l-aħjar tekniki disponibbli. Fejn l-attivitajiet industrijali relatati mat-trattament u r-riċiklaġġ ta' batteriji mhumiex koperti mid-Direttiva 2010/75/KE, jenħtiegħ li l-operaturi, fi kwalunkwe każ, ikunu obbligati japplikaw l-aħjar tekniki disponibbli, kif definiti fl-Artikolu 3(10) ta' dik id-Direttiva, u r-rekwiżiti speċifiċi stipulati f'dan ir-Regolament. Jenħtiegħ li r-rekwiżiti rigward it-trattament u r-riċiklaġġ tal-batteriji, fejn rilevanti, jiġu adattati mill-Kummissjoni fid-dawl tal-progress

³³ Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April tal-1999 dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma (ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1).

³⁴ Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

xjentifiku u tekniku u t-teknoloġiji ġodda emerġenti fl-immaniġġar tal-iskart. Għalhekk, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar ta' dawk ir-reqwiziti.

- (86) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri għall-effiċjenza tal-proċessi ta' riċiklaġġ u miri għall-irkupru tal-materjali sabiex tiġi żgurata l-produzzjoni ta' materjali rkuprati ta' kwalità għall-industrija tal-batteriji, filwaqt li fl-istess ħin jiġu żgurati regoli ċari u komuni għar-riċiklaturi u jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni jew impedimenti oħrajn għall-funzjonament bla xkiel tas-suq intern għall-materja prima sekondarja mill-iskart ta' batteriji. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti effiċjenzi tar-riċiklaġġ, bħala kejl tal-ammont totali ta' materjali rkuprati, għall-batteriji taċ-ċomb u tal-aċidu, għall-batteriji tan-nikil u tal-kadmju u għall-batteriji tal-litju u jenħtieġ li jiġu stabbiliti wkoll miri għal-livelli ta' materjali ta' kobalt, ċomb, litju u nikil irkuprati biex jintlaħaq livell għoli ta' rkupru tal-materjal fl-Unjoni kollha. Ir-regoli dwar il-kalkolu u r-rappurtar dwar l-effiċjenzi tar-riċiklaġġ stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 493/2012³⁵ jenħtieġ li jkomplu japplikaw. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-kalkolu u l-verifika tal-effiċjenzi tar-riċiklaġġ u l-irkupru tal-materjali fil-proċessi tar-riċiklaġġ għall-batteriji, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tistabbilixxi tali regoli. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina wkoll ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 493/2012 biex ikun jirrifletti sewwa l-iżviluppi teknoloġiċi u l-bidliet li seħħew fil-proċessi tal-irkupru industrijali, testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom biex ikopru l-miri eżistenti u ġodda, u tipprovdi għodod għall-karatterizzazzjoni ta' prodotti intermedji. Il-faċilitajiet ta' trattament u ta' riċiklaġġ jenħtieġ li jiġu mħeġġa jintroduċu skemi ċċertifikati ta' ġestjoni ambjentali skont ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁶.
- (87) Jenħtieġ li jkun possibbli li jitwettaq trattament u riċiklaġġ barra l-Istat Membru kkonċernat jew barra l-Unjoni, fejn il-vjeġġ tal-iskart ta' batteriji jkun konformi mar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷ u mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1418/2007³⁸ u fejn l-attivitajiet ta' trattament u riċiklaġġ jissodisfaw ir-reqwiziti applikabbli għal dan it-tip ta' skart, skont il-klassifikazzjoni tagħhom fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE, kif emendata³⁹. Dik id-Deċiżjoni, kif emendata, jenħtieġ li tiġi riveduta biex tkun tirrifletti l-kimiki kollha tal-batteriji. Fejn tali trattament jew riċiklaġġ isir barra mill-Unjoni, sabiex

³⁵ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 493/2012 tal- 11 ta' Ġunju 2012 li jistipula, skont id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, regoli dettaljati dwar il-kalkolu tal-effiċjenzi tar-riċiklaġġ tal-proċessi ta' riċiklaġġ tal-iskart ta' batteriji u ta' akkumulaturi (ĠU L 151, 12.6.2012, p. 9).

³⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1)

³⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġ ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1).

³⁸ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1418/2007 tad- 29 ta' Novembru 2007 li jikkonċerna l-esportazzjoni tal-irkupru ta' ċerti tipi ta' skart imniżżla fl-Anness III jew IIIA tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill lejn pajjiżi fejn id-Deċiżjoni tal-OECD dwar il-kontroll ta' movimenti transkonfinali tal-iskart ma tapplikax (ĠU L 316, 4.12.2007, p. 6).

³⁹ 2000/532/KE: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż, ĠU L 226, 6.9.2000, p. 3.

jingħadd lejn l-effiċjenzi u l-miri tar-riċiklaġġ, jenħtieġ li l-operatur li għan-nom tiegħu jitwettaq ikun obligat li jirrapporta dwaru lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rispettiv u li jagħti prova li t-trattament jitwettaq f'kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk skont dan ir-Regolament. Sabiex jiġi stabbilit x'inhuma r-rekwiżiti biex tali trattament jitqies bħala ekwivalenti, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istabbiliment ta' regoli dettaljati li jkun fihom il-kriterji għall-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet ekwivalenti.

- (88) Batteriji industrijali u ta' vetturi elettriċi li ma għadhomx tajbin għall-iskop inizjali li għalih ġew manifatturati jistgħu jintużaw għal skop differenti bħala batteriji stazzjonarji għall-ħażna tal-enerġija. Qed jitfaċċa suq għat-tieni ħajja tal-batteriji industrijali u tal-vetturi elettriċi użati u sabiex tiġi appoġġata l-applikazzjoni Prattika tal-ġerarkija tal-iskart, jenħtieġ li jiġu definiti regoli speċifiċi li jippermettu l-adattament responsabbli tal-batteriji użati għal skop differenti, filwaqt li jitqies il-prinċipju ta' prekawzjoni u tiġi żgurata s-sikurezza tal-użu għall-utenti finali. Jenħtieġ li kwalunkwe batterija użata bħal din tgħaddi minn valutazzjoni tal-istat tas-saħħa tagħha u tal-kapaċità disponibbli biex taċċerta l-adekwatezza tagħha għall-użu għal kwalunkwe skop ieħor għajr dak oriġinali tagħha. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-istima tal-istat tas-saħħa tal-batteriji, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni.
- (89) Jenħtieġ li l-produtturi u d-distributuri jkunu involuti b'mod attiv fl-għoti ta' informazzjoni lill-utenti finali li jenħtieġ li l-batteriji jinġabru separatament, li l-iskemi ta' għbir ikunu disponibbli u li l-utenti finali jkollhom rwol importanti fl-iżgurar ta' ġestjoni ambjentalment ottimali tal-iskart ta' batteriji. Kemm id-divulgazzjoni tal-informazzjoni lill-utenti finali kollha, kif ukoll ir-rapportar dwar il-batteriji jenħtieġ li jagħmlu użu minn teknoloġiji tal-informazzjoni moderni. Jenħtieġ li l-informazzjoni tingħata jew b'mezzi klassiċi, bħal fuq barra, posters u kampanji tal-midja soċjali, jew inkella b'mezzi aktar innovattivi, bħall-aċċess elettroniku għas-siti web ipprovduti mill-kodċijiet QR imwahnha mal-batterija.
- (90) Sabiex tkun tista' ssir il-verifika tal-konformità mal-obbligi rigward il-għbir u t-trattament tal-batteriji u l-effettività tagħhom, huwa meħtieġ li l-operaturi rispettivi jirrapportaw lura lill-awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li l-produtturi tal-batteriji u operaturi oħrajn tal-immaniġġar tal-iskart li jiġbru l-batteriji jirrapportaw għal kull sena kalendarja, fejn applikabbli, id-*data* dwar il-batteriji mibjugħa u l-iskart ta' batteriji miġbur. Fir-rigward tat-trattament u r-riċiklaġġ, jenħtieġ li l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart u r-riċiklaturi jkollhom obbligi ta' rapportar, rispettivament.
- (91) Għal kull sena kalendarja, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdut lill-Kummissjoni b'informazzjoni dwar l-ammont ta' batteriji fornuti fit-territorju tagħhom u l-ammont tal-iskart ta' batteriji miġbur, skont it-tip u l-kimika. Fir-rigward tal-batteriji portabbli, jenħtieġ li d-*data* dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji minn mezzi tat-trasport ħfief tiġi rrapportata separatament fid-dawl tal-ħtieġa li tinġabar *data* biex tippermetti l-adattament tal-mira tal-għbir, meta jitqies is-sehem mis-suq ta' tali batteriji u l-iskop u l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom. Jenħtieġ li tali informazzjoni tiġi pprovduta b'mod elettroniku u tkun akkumpanjata minn rapport ta' kontroll tal-kwalità. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għar-rapportar ta' dik id-*data* u l-informazzjoni lill-Kummissjoni, kif ukoll għall-metodi ta' verifika, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni.

- (92) Għal kull sena kalendarja, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrapportaw lill-Kummissjoni l-livelli tal-effiċjenzi tar-riċiklaġġ u l-livelli tal-materjali rkuprati miksuba, filwaqt li jqisu l-passi individwali kollha tal-proċess tar-riċiklaġġ u l-frazzjonijiet tal-output.
- (93) Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza tul il-ktajjen tal-provvista u tal-valur għall-partijiet ikkonċernati kollha, huwa meħtieġ li tiġi prevista sistema elettronika li timmassimizza l-iskambju tal-informazzjoni, li tippermetti t-traċċar u r-rintraċċar tal-batteriji, tipprovdni informazzjoni dwar l-intensità tal-karbonju tal-proċessi tal-manifattura tagħhom, kif ukoll dwar l-oriġini tal-materjali użati, il-kompożizzjoni tagħhom, inklużi l-materja prima u s-sustanzi kimiċi perikolużi, l-operazzjonijiet u l-possibiltajiet ta' tiswija, l-adattament għal skop differenti u ż-żarmar, u l-proċessi ta' trattament, riċiklaġġ u rkupru li għalihom tista' tkun soġġetta l-batterija fi tmiem haġġitha. Jenħtieġ li dik is-sistema elettronika tiġi stabbilita f'fażijiet b'sistema ta' prototip li tkun disponibbli għall-operaturi ekonomiċi kkonċernati u għall-awtoritajiet tal-Istati Membri mill-inqas sena qabel il-finalizzazzjoni tal-miżuri ta' implimentazzjoni li jiddefinixxu l-karatteristiċi finali u l-politika dwar l-aċċess għad-data tas-sistema sabiex jippermettu l-kontribut u l-konformità f'waqtha tagħhom. Tali politika dwar l-aċċess għad-data jenħtieġ li tqis il-prinċipji rilevanti stabbiliti fil-leġislazzjoni tal-UE, inkluża l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-governanza tad-data Ewropea (l-Att dwar il-Governanza tad-Data)⁴⁰. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tas-sistema ta' skambju elettroniku għal informazzjoni dwar il-batteriji, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni.
- (94) Jenħtieġ li jiġi stabbilit Passaport tal-Batteriji, li jippermetti lill-operaturi ekonomiċi jiġbru u jużaw mill-ġdid b'mod aktar effiċjenti l-informazzjoni u d-data dwar batteriji individwali mqiegħda fis-suq u jagħmlu għażliet informati aħjar fl-attivitajiet ta' ppjanar tagħhom. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-passaport tal-batteriji, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni.
- (95) Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹ jistabbilixxi regoli dwar is-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-prodotti li jibbenefikaw mill-moviment liberu tal-merkanzija jissodisfaw ir-rekwiżiti li jipprovdnu livell għoli ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi, bħas-saħħa tal-bniedem, is-sikurezza, il-protezzjoni tal-proprjetà u tal-ambjent, jenħtieġ li dak ir-Regolament japplika għall-batteriji koperti minn dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1020 jiġi emendat kif xieraq.
- (96) Jenħtieġ li l-batteriji jitqiegħdu fis-suq biss jekk ma jippreżentawx riskju għas-saħħa tal-bniedem, għas-sikurezza, għall-proprjetà jew għall-ambjent meta jinħażnu u jintużaw kif suppost għall-għan maħsub tagħhom, jew taħt kundizzjonijiet ta' użu li jistgħu jkunu previsti b'mod raġonevoli, jiġifieri meta tali użu jista' jirriżulta minn imġiba tal-bniedem legali u faċilment prevedibbli.
- (97) Jenħtieġ li tkun teżisti proċedura li taħtha l-partijiet interessati jiġu informati b'miżuri li jkunu maħsuba li jittieħdu fir-rigward ta' batteriji li jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-bniedem, għas-sikurezza, għall-proprjetà jew għall-ambjent. Jenħtieġ li din

⁴⁰ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52020PC0767&from=MT>

⁴¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1)

tippermetti wkoll lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq fl-Istati Membri, b'kooperazzjoni mal-operaturi ekonomiċi rilevanti, jaġixxu fi stadju bikri fir-rigward ta' tali batteriji. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina jekk il-miżuri nazzjonali fir-rigward tal-batteriji mhux konformi humiex ġustifikati jew le.

- (98) Jenħtieġ li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ikollhom id-dritt li jitolbu lill-operaturi ekonomiċi jieħdu azzjonijiet korrettivi abbażi ta' sejbiet jew li l-batterija ma tkunx konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament jew inkella li l-operatur ekonomiku jikser ir-regoli dwar id-disponibbiltà ta' batterija jew it-tqegħid tagħha fis-suq, jew dwar is-sostenibbiltà, is-sikurezza u t-tikkettar jew dwar id-diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista.
- (99) L-akkwist pubbliku jikkostitwixxi settur importanti fir-rigward tat-tnaqqis tal-impatti tal-attivitajiet tal-bniedem fuq l-ambjent u biex jistimula t-trasformazzjoni tas-suq lejn prodotti aktar sostenibbli. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kontraenti, kif definiti fid-Direttiva 2014/24/UE⁴² tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fid-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³, u l-entitajiet kontraenti kif definiti fid-Direttiva 2014/25/UE jqisu l-impatti ambjentali meta jakkwistaw batteriji jew prodotti li fihom il-batteriji, sabiex jippromwovu u jstimulaw is-suq għal mobbiltà nadifa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u l-ħażna tal-enerġija u, b'hekk, jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-politika dwar l-ambjent, il-klima u l-enerġija tal-Unjoni.
- (100) Sabiex tiġi stabbilita l-ekwivalenza tal-iskemi ta' diliġenza dovuta li ġew żviluppati mill-gvernijiet, mill-assoċjazzjonijiet tal-industrija u mill-gruppi ta' organizzazzjonijiet interessati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-lista ta' materja prima u r-riskji soċjali u ambjentali assoċjati jinżammu aġġornati, kif ukoll li tinżamm il-konsistenza mar-Regolament dwar il-Minerali ta' Kunflitt u d-Diliġenza Dovuta tal-OECD f'termini tal-obbligi għall-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni.
- (101) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-rikonoxximent mill-Kummissjoni tal-iskemi ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni.
- (102) Meta jiġu adottati atti delegati fil-qafas ta' dan ir-Regolament, huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni ttwettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawh il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁴⁴. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti

⁴² Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65)

⁴³ Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243)

⁴⁴ ĠU L 123, 12.5.2016, p.1

tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tnejn ta' atti delegati.

- (103) Is-setgħat ta' implimentazzjoni li jingħataw lill-Kummissjoni b'dan ir-Regolament u li mhumiex relatati mad-determinazzjoni ta' jekk il-miżuri meħuda mill-Istati Membri fir-rigward ta' batteriji mhux konformi humiex ġustifikati jew le jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁵.
- (104) Jenħtieġ li l-proċedura konsultattiva tintuża għall-adozzjoni ta' att ta' implimentazzjoni f'sitwazzjonijiet fejn il-Kummissjoni taċċerta li korp innotifikat ma jissodisfax jew ma għadux jissodisfa r-rekwiżiti għan-notifika tiegħu, sabiex jitlob lill-awtorità tan-notifika tiegħu l-azzjoni korrettiva meħtieġa, inkluż l-irtirar tan-notifika, jekk ikun meħtieġ.
- (105) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih li jiddeterminaw jekk miżura nazzjonali meħuda fir-rigward ta' batterija konformi li tippreżenta riskju hijiex ġustifikata jew le fejn, f'każijiet debitament ġustifikati relatati mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, is-sikurezza, il-proprjetà jew l-ambjent, ikun hemm raġunijiet imperattivi ta' urġenza li jirrikjedu dan.
- (106) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li daww ir-regoli jiġu infurzati. Jenħtieġ li l-penali previsti jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.
- (107) Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' ħarsien ambjentali u tal-ħtieġa li jitqiesu żviluppi ġodda bbażati fuq fatti xjentifiċi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-impatt tiegħu fuq l-ambjent u l-funzjonament tas-suq intern. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinkludi fir-rapport tagħha evalwazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-kriterji tas-sostenibbiltà, tas-sikurezza, tat-tikkettar u tal-informazzjoni, il-miżuri tal-immaniġġar tal-iskart ta' batteriji u r-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista. Fejn xieraq, jenħtieġ li r-rapport ikun akkumpanjat minn proposta biex jiġu emendati d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.
- (108) Hemm bżonn li jiġi previst biżżejjed żmien għall-operaturi ekonomiċi biex jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament, u għall-Istati Membri biex jistabbilixxu l-infrastruttura amministrattiva neċessarja għall-applikazzjoni tiegħu. Għalhekk, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita wkoll għal *data* fejn daww it-tnejn ikunu jistgħu jiġu ffinalizzati b'mod raġonevoli.
- (109) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jadattaw ir-reġistru tal-produtturi stabbilit skont id-Direttiva 2006/66/KE u biex jieħdu l-miżuri amministrattivi meħtieġa fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, filwaqt li jżommu l-kontinwità għall-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li d-Direttiva 2006/66/KE titħassar mill-1 ta' Lulju 2023. L-obbligi skont dik id-Direttiva relatati mal-monitoraġġ u r-rapportar tar-rata tal-ġbir ta' batteriji portabbli u l-effiċjenzi tar-riċiklaġġ tal-proċessi ta' riċiklaġġ għandhom jibqgħu fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2023, u l-obbligi relatati għat-trażmissjoni tad-*data* lill-Kummissjoni

⁴⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)

għandhom jibqgħu fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2025, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità sakemm jiġu adottati regoli tal-kalkolu u formati tar-rapportar għodda mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament.

- (110) Billi l-oġġettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jggarantixxi l-funzjonament tas-suq intern, filwaqt li jiżgura li l-batteriji mqieġħda fis-suq jissodisfaw ir-rekwiżiti li jipprevedu livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem, tas-sikurezza, tal-proprjetà u tal-ambjent, ma jistax jintlaħaq biżżejjed mill-Istati Membri, iżda pjuttost jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, minħabba l-ħtieġa għall-armonizzazzjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-oġġettiv,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu I **Dispożizzjonijiet ġenerali**

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti dwar is-sostenibbiltà, is-sikurezza, it-tikkettar u l-informazzjoni li jippermettu t-tqegħid ta' batteriji fis-suq jew fis-servizz, kif ukoll rekwiżiti għall-ġbir, it-trattament u r-riċiklaġġ tal-iskart ta' batteriji.
2. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-batteriji kollha, jiġifieri l-batteriji portabbli, il-batteriji awtomotivi, il-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji industrijali, irrispettivament mill-forma, il-volum, il-piż, id-disinn, il-kompożizzjoni tal-materjal, l-użu jew l-iskop tagħhom. Huwa għandu japplika wkoll għal batteriji inkorporati fi prodotti oħrajn jew miżjuda magħhom.
3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal batteriji:
 - (a) f'taġħmir konness mal-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà essenzjali tal-Istati Membri, l-armi, il-munizzjon u l-materjal tal-gwerra, bl-esklużjoni ta' prodotti li mhumiex maħsuba għal skopijiet speċifikament militari; u
 - (b) f'taġħmir maħsub biex jintbagħat fl-ispazju.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "batterija" tfisser kwalunkwe sors ta' enerġija elettrika ġġenerata permezz ta' konverżjoni diretta ta' enerġija kimika u li tikkonsisti f'ċellola tal-batteriji waħda jew aktar mhux rikarikabbli jew rikarikabbli jew fi gruppi tagħhom;
- (2) "ċellola tal-batterija" tfisser l-unità funzjonali bażika f'batterija kostitwita minn elettrodi, elettroliti, kontenitur, terminals u, jekk applikabbli, separaturi u li fihom il-materjali attivi li r-reazzjoni tagħhom tiġġenera enerġija elettrika;
- (3) "materjali attivi" tfisser materjal li jirreaġixxi b'mod kimiku biex jipproduċi enerġija elettrika meta tiġi skarikata ċ-ċellola tal-batterija;

- (4) “batterija mhux rikarikabbli” tfisser batterija li mhijiex iddisinjata biex tiġi ċċarġjata mill-ġdid b’mod elettriku;
- (5) “batterija rikarikabbli” tfisser batterija li hija ddisinjata biex tiġi ċċarġjata mill-ġdid b’mod elettriku;
- (6) “batterija b’memorja interna” tfisser batterija mingħajr apparat estern imwahaħħal għall-ħażna tal-enerġija;
- (7) “batterija portabbli” tfisser kwalunkwe batterija li:
 - hija ssiġillata;
 - tiżen inqas minn 5 kg;
 - mhijiex iddisinjata għal skopijiet industrijali; u
 - la hija batterija ta’ vettura elettrika u lanqas batterija awtomotiva;
- (8) “batteriji portabbli ta’ użu ġenerali” tfisser batteriji portabbli bil-formati komuni li ġejjin: 4,5 Volts (3R12), D, C, AA, AAA, AAAA, A23, 9 Volts (PP3);
- (9) “mezz ta’ trasport ħafif” ifisser vetturi bir-roti li għandhom mutur elettriku ta’ inqas minn 750 watt, li fuqhom il-vjaġġaturi jkunu bilqiegħda meta l-vettura tkun miexja u li jistgħu jiħaddmu bil-mutur elettriku waħdu jew b’kombinazzjoni ta’ qawwa motorizzata u saħħa fiżika tal-bniedem;
- (10) “batterija awtomotiva” tfisser kwalunkwe batterija li tintuża biss għall-istartjar, it-tidwil jew it-tqabbid tal-karozzi;
- (11) “batterija industrijali” tfisser kwalunkwe batterija ddisinjata għal użi industrijali u kwalunkwe batterija oħra esklużi l-batteriji portabbli, il-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji awtomotivi;
- (12) “batterija tal-vetturi elettriċi” tfisser kwalunkwe batterija ddisinjata speċifikament biex tipprovdi trazzjoni lil vetturi ibridi u elettriċi għat-trasport bit-triq;
- (13) “sistema stazzjonarja għall-ħażna tal-enerġija tal-batterija” tfisser batterija industrijali rikarikabbli b’memorja interna ddisinjata speċifikament biex taħżen u twassal l-enerġija elettrika fil-grilja, irrispettivament minn fejn tintuża l-batterija u minn min;
- (14) “tqegħid fis-suq” ifisser it-tqegħid ta’ batterija fis-suq tal-Unjoni għall-ewwel darba;
- (15) “tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq” ifisser kwalunkwe provvista ta’ batterija għad-distribuzzjoni jew għall-użu fis-suq matul attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk mingħajr ħlas;
- (16) “tqegħid fis-servizz” ifisser l-ewwel użu, għall-għan maħsub, ta’ batterija fl-Unjoni;
- (17) “mudell ta’ batterija” huwa kwalunkwe batterija manifatturata li tiġi prodotta f’serje;
- (18) “impronta tal-karbonju” tfisser is-somma tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra (GHG) u t-tneħħija tal-gassijiet serra f’sistema ta’ prodotti, espressa bħala ekwivalenti għad-diossidu tal-karbonju (CO₂) u bbażata fuq studju dwar l-Impronta Ambjentali tal-Prodotti (Product Environmental Footprint, PEF) bl-użu tal-kategorija tal-impatt unika tat-tibdil fil-klima;
- (19) “operatur ekonomiku” jfisser il-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat, l-importatur, id-distributtur jew il-fornitur tas-servizzi ta’ ġestjoni li huwa soġġett għall-obbligi

b'rabta mal-manifattura tal-batteriji, it-tqegħid tagħhom għad-dispożizzjoni jew it-tqegħid tagħhom fis-suq jew fis-servizz f'konformità ma' dan ir-Regolament;

- (20) “operatur indipendenti” jfisser persuna fiżika jew ġuridika, minbarra negozjant jew sewwej jew manifattur mill-ġdid awtorizzat, li tkun indipendenti mill-manifattur u mill-produttur u li tkun direttament jew indirettament involuta fit-tiswija, fil-manutenzjoni jew fl-adattament tal-batteriji għal skop differenti, inklużi l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart, is-sewwejja, manifatturi jew id-distributuri ta' tagħmir għat-tiswija, għodod jew spare parts, kif ukoll il-pubblikaturi ta' informazzjoni teknika, l-operaturi li joffru servizzi ta' spezzjoni u ttestjar, l-operaturi li joffru taħriġ għall-installaturi, il-manifatturi u s-sewwejja ta' tagħmir għal vetturi li jużaw fjuwils alternattivi;
- (21) “kodiċi QR” ifisser barcode matriċi li jgħaqqad ma' informazzjoni dwar mudell ta' batterija;
- (22) “sistema ta' ġestjoni tal-batterija” tfisser apparat elettroniku li jikkontrolla jew jimmaniġġa l-funzjonijiet elettriċi u termali tal-batterija, li jimmaniġġa u jaħżen id-*data* dwar il-parametri għad-determinazzjoni tal-istat tas-saħħa u tul tal-ħajja mistenni tal-batteriji stipulati fl-Anness VII u li jikkomunika mal-vettura jew mal-apparat fejn tkun inkorporata l-batterija;
- (23) “apparat” ifisser kwalunkwe tagħmir elettriku jew elettroniku, kif definit mid-Direttiva 2012/19/UE, li huwa mħaddem kompletament jew parzjalment minn batterija jew li kapaċi jkun imħaddem hekk;
- (24) “stat ta' ċarġ” ifisser il-kapaċità disponibbli f'battery espressa bħala persentaġġ tal-kapaċità nominali;
- (25) “stat tas-saħħa” jfisser kejl tal-kundizzjoni ġenerali ta' batterija rikarikabbli u l-kapaċità tagħha li twassal il-prestazzjoni speċifikata meta mqabbla mal-kundizzjoni inizjali tagħha;
- (26) “adattament għal skop differenti” jfisser kwalunkwe operazzjoni li tirriżulta f'partijiet mill-batterija jew fil-batterija sħiħa li tintuża għal skop jew applikazzjoni differenti minn dak/dik li għalih(a) kienet maħsuba oriġinarjament il-batterija;
- (27) “manifattur” ifisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura batterija jew li tagħmel lil xi ħadd jiddisinja jew jimmanifattura batterija, u li tikkummerċjalizza dik il-batterija taħt isimha stess jew it-trademark tagħha;
- (28) “speċifikazzjoni teknika” tfisser dokument li jippreskrivi r-rekwiżiti tekniċi li għandhom jiġu ssodisfati minn prodott, proċess jew servizz;
- (29) “standard armonizzat” ifisser standard armonizzat kif definit fl-Artikolu 2(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012;
- (30) “markatura CE” tfisser markatura li permezz tagħha l-manifattur jindika li l-batterija hija konformi mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni li tipprevedi t-twaħħil tagħha;
- (31) “akkreditament” tfisser akkreditament kif definit fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008;
- (32) “korp nazzjonali ta' akkreditament” ifisser korp nazzjonali ta' akkreditament kif definit fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament (KE) Nru 765/2008;

- (33) “valutazzjoni tal-konformità” tfisser il-proċess li juri jekk ikunux ġew issodisfati r-rekwiżiti ta’ sostenibbiltà, sikurezza u tikkettar ta’ dan ir-Regolament b’rabta ma’ batterija;
- (34) “korp ta’ valutazzjoni tal-konformità” jfisser korp li jwettaq attivitajiet ta’ valutazzjoni tal-konformità, inklużi l-kalibrazzjoni, l-ittestjar, iċ-ċertifikazzjoni u l-ispezzjoni;
- (35) “korp innotifikat” ifisser korp ta’ valutazzjoni tal-konformità nnotifikat f’konformità mal-Artikolu 22 ta’ dan ir-Regolament;
- (36) “diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista” tfisser l-obbligi tal-operatur ekonomiku li jqiegħed batterija industrijali rikarikabbli jew batterija tal-vetturi elettriċi fis-suq, b’rabta mas-sistema ta’ ġestjoni tagħha, il-ġestjoni tar-riskji, il-verifiki ta’ partijiet terzi minn korpi nnotifikati u d-divulgazzjoni tal-informazzjoni bl-għan li jiġu identifikati u indirizzati r-riskji attwali u potenzjali marbuta mal-akkwist, l-i-proċessar u n-negozjar tal-materja prima meħtieġa għall-manifattura tal-batteriji;
- (37) “produttur” ifisser kwalunkwe manifattur, importatur jew distributtur li, irrispettivament mit-teknika tal-bejgħ użata, inkluż permezz ta’ kuntratti mill-bogħod kif definiti fl-Artikolu 2(7) tad-Direttiva 2011/83/UE, iforni batterija għall-ewwel darba għad-distribuzzjoni jew l-użu, inkluż meta din tiġi inkorporata f’apparat jew vetturi, fit-territorju ta’ Stat Membru fuq bażi professjonali;
- (38) “organizzazzjoni b’kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi” tfisser entità ġuridika li torganizza b’mod finanzjarju jew operattiv it-tweġiq tal-obbligi ta’ responsabbiltà estiża tal-produtturi f’isem diversi produtturi;
- (39) “skart ta’ batteriji” tfisser kwalunkwe batterija li hija skart skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98/KE;
- (40) “użu mill-ġdid” tfisser l-użu mill-ġdid dirett sħiħ jew parzjali tal-batterija għall-iskop oriġinali li għalih kienet iddisinjata l-batterija;
- (41) “sustanza perikoluża” tfisser kwalunkwe sustanza li tissodisfa l-kriterji għal kwalunkwe waħda mill-klassijiet jew il-kategoriji stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁶:
- (a) klassijiet ta’ periklu 2.1 sa 2.4, 2.6 u 2.7, 2.8 tipi A u B, 2.9, 2.10, 2.12, 2.13 kategoriji 1 u 2, 2.14 kategoriji 1 u 2, 2.15 tipi A sa F;
 - (b) klassijiet ta’ periklu 3.1 sa 3.6, 3.7 effetti negattivi fuq il-funzjonament sesswali u l-fertilità jew fuq l-iżvilupp, 3.8 effetti oħrajn minbarra effetti narkotiċi, 3.9 u 3.10;
 - (c) klassi ta’ periklu 4.1;
 - (d) klassi ta’ periklu 5.1;
- (42) “trattament” ifisser kwalunkwe attività mwettqa fuq skart ta’ batteriji wara li dan ikun ġie ttrasferit lejn faċilità sabiex jintgħażel jew jiġi ppreparat għar-riċiklaġġ;

⁴⁶ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1)

- (43) “punti ta’ ġbir volontarji” tfisser kwalunkwe impriża jew korp pubbliku mingħajr skop ta’ qligħ, kummerċjali jew ekonomiċi oħrajn involuti fuq l-inizjattiva tagħhom stess fil-ġbir separat tal-iskart ta’ batteriji portabbli, billi jiġbru l-iskart ta’ batteriji portabbli li jiġġeneraw jew li jiġi ġġenerat minn utenti finali oħrajn qabel ma jinġabar mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart għal trattament sussegwenti;
- (44) “operatur tal-immaniġġar tal-iskart” ifisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li, fuq bażi professjonali, tittratta l-ġbir separat, l-issortjar jew it-trattament tal-iskart ta’ batteriji;
- (45) “faċilità permessa” tfisser kwalunkwe faċilità li hija permessa f’konformità mad-Direttiva 2008/98/KE biex twettaq it-trattament jew ir-riċiklaġġ tal-iskart ta’ batteriji;
- (46) “riċiklatur” ifisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li twettaq proċessi ta’ riċiklaġġ f’faċilità permessa;
- (47) “tul tal-ħajja” ta’ batterija jfisser il-perjodu ta’ żmien li jibda meta l-batterija titqiegħed fis-suq, u jintemm meta l-batterija ssir skart;
- (48) “livell ta’ riċiklaġġ” ifisser, għal Stat Membru partikolari f’sena kalendarja partikolari, il-persentaġġ miksub bid-diviżjoni tal-piż tal-iskart ta’ batteriji li jgħaddi minn trattament u riċiklaġġ f’konformità mal-Artikolu 56 ta’ dan ir-Regolament f’dik is-sena kalendarja, bil-piż tal-iskart ta’ batteriji miġbur f’konformità mal-Artikoli 48 u 49 ta’ dan ir-Regolament;
- (49) “proċess ta’ riċiklaġġ” ifisser kwalunkwe operazzjoni ta’ riċiklaġġ ta’ skart ta’ batteriji, minbarra l-issortjar jew il-preparazzjoni għar-riċiklaġġ, li tista’ titwettaq f’faċilità waħda jew f’diversi faċilitajiet permessi;
- (50) “effiċjenza tar-riċiklaġġ” ta’ proċess tar-riċiklaġġ tfisser il-proporzjon miksub billi l-massa tal-frazzjonijiet tal-output li jikkostitwixxi r-riċiklaġġ tiġi diviża bil-massa tal-frazzjonijiet tal-input tal-iskart ta’ batteriji, espressa bħala persentaġġ;
- (51) “leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni” tfisser kwalunkwe leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tarmonizza l-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti;
- (52) “awtorità nazzjonali” tfisser awtorità tal-approvazzjoni jew kwalunkwe awtorità oħra involuta fi u responsabbli għas-sorveljanza tas-suq kif stabbilit fil-Kapitolu VI jew il-kontroll tal-fruntieri fi Stat Membru fir-rigward tal-batteriji;
- (53) “rappreżentant awtorizzat” ifisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li rċeviet mandat bil-miktub minn manifattur biex taġixxi f’ismu b’rabta ma’ kompiti speċifikati fir-rigward tal-obbligi tal-manifattur skont ir-reqwiziti ta’ dan ir-Regolament;
- (54) “importatur” ifisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tqiegħed batterija minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni;
- (55) “distributtur” ifisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika fil-katina tal-provvista, minbarra l-manifattur jew l-importatur, li tqiegħed batterija fis-suq;
- (56) “riskju” jfisser il-kombinazzjoni tal-probabbiltà tal-okkorrenza ta’ ħsara u s-severità ta’ dik il-ħsara limitata għas-saħħa tal-bniedem jew għas-sikurezza tal-persuni, għall-proprietà jew għall-ambjent.

Għandhom japplikaw id-definizzjonijiet ta’ “skart”, “detentur tal-iskart”, “immaniġġar tal-iskart”, “ġbir”, “ġbir separat”, “prevenzjoni”, “preparazzjoni għal użu mill-ġdid”, “irkupru” u “riċiklaġġ” stipulati fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/98/KE.

Għandhom japplikaw id-definizzjonijiet ta' "utent finali", "sorveljanza tas-suq", "awtorità tas-sorveljanza tas-suq", "fornitur tas-servizzi ta' ġestjoni", "azzjoni korrettiva", "sejħa lura" u "rtirar" stipulati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2019/1020.

Għandhom japplikaw id-definizzjonijiet ta' "aggregatur indipendenti" u "parteċipant fis-suq" stipulati fl-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2019/944.

Artikolu 3 *Moviment liberu*

1. L-Istati Membri ma għandhomx, għal raġunijiet relatati mar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà, is-sikurezza, it-tikkettar u l-informazzjoni tal-batteriji jew l-immaniġġar tal-iskart ta' batteriji koperti minn dan ir-Regolament, jipprojbixxu, jirrestrinġu jew jimpedixxu t-tqegħid fis-suq jew fis-servizz ta' batteriji li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.
2. F'fieri kummerċjali, esibizzjonijiet, dimostrazzjonijiet jew avvenimenti simili, l-Istati Membri ma għandhomx jipprevjenu l-wiri ta' batteriji li ma jkunux konformi ma' dan ir-Regolament, dment li jkun hemm sinjal viżibbli li jindika b'mod ċar li tali batteriji ma jikkonformawx ma' dan ir-Regolament u li mhumiex għall-bejgħ sakemm isiru konformi.

Artikolu 4 *Rekwiżiti ta' sostenibbiltà, sikurezza, tikkettar u informazzjoni għall-batteriji*

1. Il-batteriji għandhom jitqiegħdu fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz biss jekk jissodisfaw:
 - (a) ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà u sikurezza stabbiliti fil-Kapitolu II;
 - (b) ir-rekwiżiti ta' tikkettar u informazzjoni stabbiliti fil-Kapitolu III.
2. Għal kwalunkwe aspett mhux kopert mill-Kapitoli II u III, il-batteriji ma għandhomx jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-bniedem, għas-sikurezza, għall-proprjetà jew għall-ambjent.

Artikolu 5 *Awtorità kompetenti*

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar responsabbli għat-tweqqif tal-obbligi li jirriżultaw mill-Kapitolu VII u għall-monitoraġġ u l-verifika tal-konformità tal-produtturi u tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi mar-rekwiżiti ta' dak il-Kapitolu.
2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu d-dettalji tal-organizzazzjoni u l-operat tal-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti, inkluż ir-regoli amministrattivi u proċedurali maħsuba biex jiżguraw:
 - (a) ir-reġistrazzjoni tal-produtturi f'konformità mal-Artikolu 46;
 - (b) l-awtorizzazzjoni tal-produtturi u tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi f'konformità mal-Artikolu 47 u l-awtorizzazzjoni u l-monitoraġġ fir-rigward tar-rekwiżiti skont l-Artikolu 48;
 - (c) is-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi f'konformità mal-Artikolu 47;
 - (d) il-ġbir tad-*data* dwar il-batteriji f'konformità mal-Artikolu 61;

- (e) id-disponibbiltà tal-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 62.
3. Sa [*tliet xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ismijiet u l-indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti maħtura skont il-paragrafu 1. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed bi kwalunkwe bidla fl-ismijiet jew fl-indirizzi ta' dawk l-awtoritajiet kompetenti.

Kapitolu II

Rekwiżiti ta' sostenibbiltà u sikurezza

Artikolu 6

Restrizzjonijiet ta' sustanzi perikolużi

1. Minbarra r-restrizzjonijiet stabbiliti fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, il-batteriji ma għandux ikun fihom sustanzi perikolużi li għalihom l-Anness I fih restrizzjoni, sakemm ma jkunux konformi mal-kundizzjonijiet ta' dik ir-restrizzjoni.
2. Meta jkun hemm riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, li jirriżulta mill-użu ta' sustanza fil-manifattura tal-batteriji, jew minn sustanza preżenti fil-batteriji meta jitqiegħdu fis-suq, jew matul l-istadji sussegwenti ta' ċiklu tal-ħajja tagħhom, inkluża l-fażi tal-iskart, jeħtieġ li dak jiġi indirizzat madwar l-Unjoni kollha, filwaqt li l-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 73 biex temenda r-restrizzjonijiet fl-Anness I, skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 71.
3. Meta tadotta att delegat imsemmi fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tqis l-impatt soċjoekonomiku tar-restrizzjoni, inkluża d-disponibbiltà ta' alternattivi għas-sustanza perikoluża.
4. Ir-restrizzjonijiet adottati skont il-paragrafu 2 ma għandhomx japplikaw għall-użu ta' sustanza fir-riċerka xjentifika u l-iżvilupp (ta' batteriji) kif definiti fl-Artikolu 3(23) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.
5. Jekk restrizzjoni adottata skont il-paragrafu 2 ma għandhiex tapplika għar-riċerka u l-iżvilupp orjentati lejn il-prodotti u l-proċessi, kif definiti fl-Artikolu 3(22) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, din l-eżenzjoni, kif ukoll il-kwantità massima tas-sustanza eżentata, għandhom jiġu speċifikati fl-Anness I.

Artikolu 7

L-impronta tal-karbonju tal-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji industrijali rikarikabbli

1. Il-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji industrijali rikarikabbli b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh għandhom ikunu akkumpanjati minn dokumentazzjoni teknika li tinkludi, għal kull mudell ta' batterija u lott għal kull impjant tal-manifattura, dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju mħejjija f'konformità mal-att delegat imsemmi fit-tieni subparagrafu u li jkun fiha, mill-inqas, l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) informazzjoni amministrattiva dwar il-produttur;
 - (b) informazzjoni dwar il-batterija li għaliha tapplika d-dikjarazzjoni;

- (c) informazzjoni dwar il-pożizzjoni ġeografika tal-faċilità tal-manifattura tal-batteriji;
- (d) l-impronta tal-karbonju totali tal-batterija, ikkalkolata bħala kg ta' ekwivalenti għad-diossidu tal-karbonju;
- (e) l-impronta tal-karbonju tal-batterija differenzjata skont l-istadju taċ-ċiklu tal-ħajja kif deskritt fil-punt 4 tal-Anness II;
- (f) id-dikjarazzjoni ta' verifika minn parti terza indipendenti;
- (g) web link biex jinkiseb aċċess għal verżjoni pubblika tal-istudju li jappoġġa r-riżultati tad-dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju.

Ir-rekwiżit tad-dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju fl-ewwel subparagrafu għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2024 għall-batteriji tal-vetturi elettriċi u għall-batteriji industrijali rikarikabbli.

Il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2023, tadotta:

- (a) att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu tal-impronta tal-karbonju totali tal-batterija msemmija fil-punt (d), f'konformità mal-elementi essenzjali stabbiliti fl-Anness II;
- (b) att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-format għad-dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju msemmija fl-ewwel subparagrafu. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 biex temenda r-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fl-ewwel subparagrafu.

2. Il-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji industrijali rikarikabbli b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh għandu jkollhom tikketta li tidher sewwa, tinqara b'mod ċar u li ma titħassarx, li tindika l-klassi ta' prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju li għaliha tikkorrespondi l-batterija individwali.

Minbarra l-informazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, id-dokumentazzjoni teknika għandha turi li l-impronta tal-karbonju ddikjarata u l-klassifikazzjoni relatata fi klassi ta' prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju jkunu ġew ikkalkolati f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-att delegat adottat mill-Kummissjoni skont ir-raba' subparagrafu.

Ir-rekwiżiti tal-klassi ta' prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju fl-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2026 għall-batteriji tal-vetturi elettriċi u għall-batteriji industrijali rikarikabbli.

Il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024, tadotta

- (a) att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jistabbilixxi l-klassijiet ta' prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju msemmija fl-ewwel subparagrafu. Fit-tħejjija ta' dak l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tqis l-elementi essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II;
- (b) att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-formati għat-tikkettar imsemmi fl-ewwel subparagrafu u l-format għad-dikjarazzjoni dwar il-klassi tal-prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju msemmija fit-tieni subparagrafu. Dak l-

att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).

3. Il-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji industrijali rikarikabbli b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh għandhom ikunu akkumpanjati minn dokumentazzjoni teknika li turi, għal kull mudell ta' batterija u lott għal kull impjant tal-manifattura, li l-valur iddikjarat tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja jkun inqas mil-limitu massimu stabbilit fl-att delegat adottat mill-Kummissjoni skont it-tielet subparagrafu.

Ir-rekwiżit għal limitu massimu tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja fl-ewwel subparagrafu għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2027 għall-batteriji tal-vetturi elettriċi u għall-batteriji industrijali rikarikabbli.

Il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2026, tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 li jissupplimenta lil dan ir-Regolament billi jiġi ddeterminat il-limitu massimu tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja msemmi fl-ewwel subparagrafu. Fit-tnejn ta' dak l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tqis l-elementi essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II.

L-introduzzjoni ta' limitu massimu tal-impronta tal-karbonju taċ-ċiklu tal-ħajja għandha tiskatta, jekk tkun meħtieġa, klassifikazzjoni mill-ġdid tal-klassijiet ta' prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju tal-batteriji msemmija fil-paragrafu 2.

Artikolu 8

Kontenut riċiklat f'batteriji industrijali, batteriji tal-vetturi elettriċi u batteriji awtomotivi

1. Mill-1 ta' Jannar 2027, il-batteriji industrijali, il-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji awtomotivi b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh li fihom il-kobalt, iċ-ċomb, il-litju jew in-nikil f'materjali attivi għandhom ikunu akkumpanjati b'dokumentazzjoni teknika li jkun fiha informazzjoni dwar l-ammont ta' kobalt, ċomb, litju jew nikil irkuprat minn skart li jkun preżenti f'materjali attivi f'kull mudell u lott ta' batteriji għal kull impjant tal-manifattura.

Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tal-ammont ta' kobalt, ċomb, litju jew nikil irkuprat minn skart li jkun preżenti f'materjali attivi fil-batteriji msemmija fl-ewwel subparagrafu u l-format għad-dokumentazzjoni teknika. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).

2. Mill-1 ta' Jannar 2030, il-batteriji industrijali, il-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji awtomotivi b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh li fihom kobalt, ċomb, litju jew nikil f'materjali attivi għandhom ikunu akkumpanjati b'dokumentazzjoni teknika li turi li daww il-batteriji fihom is-sehem minimu li ġej ta' kobalt, ċomb, litju jew nikil irkuprat minn skart li jkun preżenti f'materjali attivi f'kull mudell u lott ta' batteriji għal kull impjant tal-manifattura:

- (a) 12 % kobalt;
- (b) 85 % ċomb;
- (c) 4 % litju;
- (d) 4 % nikil.

3. Mill-1 ta' Jannar 2035, il-batteriji industrijali, il-batteriji tal-vetturi elettriċi u l-batteriji awtomotivi b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh li fihom kobalt, ċomb, litju jew nikil f'materjali attivi għandhom ikunu akkumpanjati b'dokumentazzjoni teknika li turi li daww il-batteriji fihom is-sehem minimu li ġej ta' kobalt, ċomb, litju jew nikil irkuprat minn skart li jkun preżenti f'materjali attivi f'kull mudell u lott ta' batteriji għal kull impjant tal-manifattura:
 - (a) 20 % kobalt;
 - (b) 85 % ċomb;
 - (c) 10 % litju;
 - (d) 12 % nikil.
4. Fejn ġustifikat u xieraq minħabba d-disponibbiltà tal-kobalt, iċ-ċomb, il-litju jew in-nikil irkuprat mill-iskart, jew in-nuqqas tiegħu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, sal-31 ta' Diċembru 2027, att delegat f'konformità mal-Artikolu 73, biex temenda l-miri stipulati fil-paragrafi 2 u 3.

Artikolu 9

Ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni u durabbiltà għall-batteriji portabbli ta' użu ġenerali

1. Mill-1 ta' Jannar 2027, il-batteriji portabbli ta' użu ġenerali għandhom jissodisfaw il-valuri għall-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà stabbiliti fl-Anness III kif stipulat fl-att delegat adottat mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 2.
2. Sal-31 ta' Diċembru 2025, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jistabbilixxi valuri minimi għall-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà stipulati fl-Anness III li għandhom jiksibu l-batteriji portabbli ta' użu ġenerali.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 biex temenda l-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà stipulati fl-Anness III fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku.

Meta tiġi biex ttejjji l-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-ħtieġa li jitnaqqas l-impatt ambjentali tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-batteriji portabbli ta' użu ġenerali u tqis l-istandards internazzjonali u l-iskemi ta' tikkettar rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tiżgura wkoll li d-dispożizzjonijiet stabbiliti b'dak l-att delegat ma jkollhomx impatt sinifikanti fuq il-funzjonalità ta' daww il-batteriji jew l-apparati li fihom jiġu inkorporati daww il-batteriji, l-affordabbiltà u l-kost għall-utent finali u l-kompetittività tal-industrija. Ma għandu jiġi impost l-ebda piż amministrattiv eċċessiv fuq il-manifatturi tal-batteriji u l-apparat ikkonċernat.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2030, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà tal-miżuri għall-eliminazzjoni gradwali tal-użu ta' batteriji portabbli mhux rikarikabbli ta' użu ġenerali bil-ħsieb li jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt ambjentali tagħhom abbażi tal-metodoloġija ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u għandha tikkunsidra li tiegħu l-miżuri xierqa, inkluż l-adozzjoni tal-proposti leġiżlattivi.

Artikolu 10

Ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni u durabbiltà għall-batteriji industrijali rikarikabbli u l-batteriji tal-vetturi elettriċi

1. Minn [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament], il-batteriji industrijali rikarikabbli u l-batteriji tal-vetturi elettriċi b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh għandhom ikunu akkumpanjati minn dokumentazzjoni teknika li tinkludi l-valuri għall-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà stipulati fil-Parti A tal-Anness IV.

Id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tinkludi wkoll spjegazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, tal-istandards u tal-kundizzjonijiet użati għall-kejl, il-kalkolu jew l-istima tal-valuri għall-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà. Dik l-ispeċifikazzjoni għandha tinkludi, mill-inqas, l-elementi stipulati fil-Parti B tal-Anness IV.

2. Mill-1 ta' Jannar 2026, il-batteriji industrijali rikarikabbli b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh għandhom jissodisfaw il-valuri minimi stipulati fl-att delegat adottat mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 3 għall-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà stabbiliti fil-Parti A tal-Anness IV.
3. Sal-31 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 73 biex jissupplimenta dan ir-Regolament billi jistabbilixxi valuri minimi għall-parametri tal-prestazzjoni elettrokimika u tad-durabbiltà stipulati fil-Parti A tal-Anness IV li għandhom jilhqqu l-batteriji industrijali rikarikabbli b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh.

Meta tiġi biex ttejjgħi l-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-hteġġa li jitnaqqas l-impatt ambjentali taċ-ċiklu tal-ħajja tal-batteriji industrijali rikarikabbli b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh u tiżgura li r-rekwiżiti stipulati fih ma jkollhomx impatt negattiv sinifikanti fuq il-funzjonalità ta' daww il-batteriji jew l-apparat li fih jiġu inkorporati daww il-batteriji, l-affordabbiltà tiegħu u l-kompetittività tal-industrija. Ma għandu jiġi impost l-ebda piż amministrattiv eċċessiv fuq il-manifatturi tal-batteriji u l-apparat ikkonċernat.

Artikolu 11

Il-possibbiltà li l-batteriji portabbli jinqalgħu u jiġu sostitwiti

1. Il-batteriji portabbli inkorporati fl-apparat għandhom ikunu jistgħu jitneħħew u jinbidlu faċilment mill-utent finali jew minn operaturi indipendenti matul il-ħajja tal-apparat, jekk il-batteriji jkollhom tul tal-ħajja iqsar mill-apparat, jew mhux aktar tard mit-tmiem tat-tul tal-ħajja tal-apparat.

Batterija tkun tista' tinbidel faċilment meta, wara li titneħħa minn apparat, hija tkun tista' tiġi sostitwita minn batterija simili, mingħajr ma jiġu affettwati l-funzjonament jew il-prestazzjoni ta' dak l-apparat.

2. L-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw meta
 - (a) il-kontinwità tal-provvista tal-enerġija tkun neċessarja u meta tkun meħtieġa konnessjoni permanenti bejn l-apparat u l-batterija portabbli għal raġunijiet ta' sikurezza, prestazzjoni, mediċi jew ta' integrità tad-data; jew
 - (b) il-funzjonament tal-batterija jkun possibbli biss meta l-batterija tkun integrata fl-istruttura tal-apparat.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta gwida biex tiffaċilita l-applikazzjoni armonizzata tad-derogi stabbiliti fil-paragrafu 2.

Artikolu 12

Is-sikurezza tas-sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'batteġri stazzjonarji

1. Is-sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'batteġri stazzjonarji għandhom ikunu akkumpanjati minn dokumentazzjoni teknika li turi li huma sikuri waqt l-operazzjoni u l-użu normali tagħhom, inkluża evidenza li jkunu ġew ittestjati b'suċċess għall-parametri tas-sikurezza stipulati fl-Anness V, li għalihom jenħtieġ li jintużaw metodoloġiji tal-ittejtjar mill-aktar avvanzati.
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 biex temenda l-parametri ta' sikurezza stipulati fl-Anness V fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku.

Kapitolu III

Rekwiżiti ta' tikkettar u ta' informazzjoni

Artikolu 13

Tikkettar tal-batteġri

1. Mill-1 ta' Jannar 2027, il-batteġri għandhom ikunu mmarkati b'tikketta li jkun fiha l-informazzjoni stipulata fil-Parti A tal-Anness VI.
2. Mill-1 ta' Jannar 2027, il-batteġri portabbli u awtomotivi għandhom jiġu mmarkati b'tikketta li jkun fiha l-informazzjoni dwar il-kapaċità tagħhom u l-batteġri portabbli għandhom jiġu mmarkati b'tikketta li jkun fiha informazzjoni dwar it-tul ta' żmien medju minimu tagħhom meta jintużaw f'applikazzjonijiet speċifiċi.
3. Mill-1 ta' Lulju 2023, il-batteġri għandhom ikunu tikkettati bis-simbolu li jindika l-“għbir separat” f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-Parti B tal-Anness VI.
Is-simbolu għandu jgħatti mill-inqas 3 % tal-ispazju tal-akbar naħa tal-batteġrija sa daqs massimu ta' 5×5 cm.
Fil-każ ta' ċelloli tal-batteġrija ċilindriċi, is-simbolu għandu jgħatti mill-inqas 1,5 % tal-ispazju tal-wiċċ tal-batteġrija u għandu jkollu daqs massimu ta' 5×5 cm.
Fejn id-daqs tal-batteġrija jkun tali li s-simbolu jkun iżgħar minn $0,5 \times 0,5$ cm, ma jkunx hemm bżonn li l-batteġrija tkun immarkata, iżda għandu jiġi stampat simbolu b'daqs ta' mill-inqas 1×1 cm fuq l-imballaġġ.
4. Mill-1 ta' Lulju 2023, il-batteġri li jkun fihom aktar minn 0,002 % kadmju jew aktar minn 0,004 % ċomb, għandhom ikunu mmarkati bis-simbolu kimiku għall-metall ikkonċernat: Cd jew Pb.
Is-simbolu li jindika l-kontenut ta' metalli tqal għandu jkun stampat taħt is-simbolu muri fil-Parti B tal-Anness VI u għandu jgħatti spazju ta' mill-anqas kwart tad-daqs ta' dak is-simbolu.
5. Il-batteġri għandhom ikunu mmarkati b'kodiċi QR f'konformità mal-Parti C tal-Anness VI li għandu jipprovdi aċċess għall-informazzjoni li ġejja:
 - (a) mill-1 ta' Jannar 2027, għall-batteġri kollha, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1;

- (b) mill-1 ta' Jannar 2027, għal batteriji portabbli u awtomotivi, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2;
 - (c) mill-1 ta' Jannar 2023, għall-batteriji kollha, is-simbolu msemmi fil-paragrafu 3;
 - (d) mill-1 ta' Jannar 2023, għall-batteriji li jkun fihom aktar minn 0,002 % kadmju jew aktar minn 0,004 % ċomb, is-simbolu msemmi fil-paragrafu 4;
 - (e) minn [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], għal batteriji industrijali rikarikabbli u batteriji tal-vetturi elettriċi, ir-rapport msemmi fl-Artikolu 39(6);
 - (f) mill-1 ta' Lulju 2024, għall-batteriji tal-vetturi elettriċi u għall-batteriji industrijali rikarikabbli b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh, id-dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 7(1);
 - (g) mill-1 ta' Jannar 2026, għall-batteriji tal-vetturi elettriċi u għall-batteriji industrijali rikarikabbli b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh, il-klassi tal-prestazzjoni tal-impronta tal-karbonju msemmija fl-Artikolu 7(2);
 - (h) mill-1 ta' Jannar 2027, għall-batteriji industrijali rikarikabbli, għall-batteriji awtomotivi rikarikabbli u għall-batteriji tal-vetturi elettriċi b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh, l-ammont ta' kobalt, ċomb, litju u nikil irkuprat mill-iskart u li jkun preżenti f'materjali attivi fil-batterija, f'konformità mal-Artikolu 8;
 - (i) mill-1 ta' Jannar 2023, għall-batteriji kollha, id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 18;
 - (j) mill-1 ta' Lulju 2023, għall-batteriji kollha, l-informazzjoni msemmija fil-punti minn (a) sa (f) tal-Artikolu 60(1).
6. It-tikketti u l-kodiċi QR msemmija fil-paragrafi minn 1 sa 5 għandhom jiġu stampati jew imnaqqxin b'mod viżibbli, b'mod li jkunu jistgħu jinqraw u ma jitħassrux fuq il-batterija. Fejn dan ma jkunx possibbli jew ma jkunx ġustifikat minħabba n-natura u d-daqs tal-batterija, it-tikketti għandhom jitwaħħlu mal-imballaġġ u mad-dokumenti li jakkumpanjaw il-batterija.
7. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2025, tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi speċifikazzjonijiet armonizzati għar-rekwiżiti tat-tikkettar msemmija fil-paragrafi 1 u 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).

Artikolu 14

Informazzjoni dwar l-istat tas-saħħa u tul tal-ħajja mistenni tal-batteriji

1. Il-batteriji industrijali rikarikabbli u l-batteriji tal-vetturi elettriċi b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh għandhom jinkludu sistema ta' ġestjoni tal-batterija li jkun fiha *data* dwar il-parametri għad-determinazzjoni tal-istat tas-saħħa u tul tal-ħajja mistenni tal-batteriji kif stipulat fl-Anness VII.
2. L-aċċess għad-*data* fis-sistema ta' ġestjoni tal-batterija msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiġi pprovdut fuq bażi mhux diskriminatorja lill-persuna fiżika jew ġuridika li tkun akkwistat il-batterija legalment jew lil kwalunkwe parti terza li taġixxi f'isimha fi kwalunkwe ħin għall-fini ta':
 - (a) l-evalwazzjoni tal-valur residwu tal-batterija u l-kapaċità li tintuża aktar;

- (b) l-iffaċilitar tal-użu mill-ġdid, l-adattament għal skop differenti jew il-manifattura mill-ġdid tal-batterija;
 - (c) it-tqegħid tal-batterija għad-dispożizzjoni ta' aggregaturi indipendenti jew parteċipanti fis-suq permezz tal-ħażna tal-enerġija.
3. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw flimkien ma' dawk stipulati fil-liġi tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi.

Kapitolu IV

Konformità tal-batteriji

Artikolu 15

Preżunzjoni ta' konformità

1. Għall-finijiet ta' konformità u verifika tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 9, 10, 12, 13 u 59(5)(a) ta' dan ir-Regolament, il-kejl u l-kalkoli għandhom isiru bl-użu ta' metodu affidabbli, preċiż u riproduċibbli, li jqis il-metodi mill-aktar avvanzati rikonoxxuti b'mod ġenerali, u li r-riżultati tagħhom jitqiesu li għandhom livell baxx ta' inċertezza, inklużi l-metodi stabbiliti fl-istandards, li n-numri ta' referenza tagħhom ikunu ġew ippubblikati għal dak l-iskop f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
2. Il-batteriji li jiġu ttestjati skont standards armonizzati jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu preżunti li huma konformi mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 9, 10, 13 u 59(5)(a) sakemm dawk ir-rekwiżiti jkunu koperti minn tali standards armonizzati.
3. Il-batteriji li jkunu konformi ma' standards armonizzati jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu preżunti li huma konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 12 sakemm dawk ir-rekwiżiti jkunu koperti minn tali standards armonizzati.

Artikolu 16

Speċifikazzjonijiet komuni

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 9, 10, 12, 13, 59(5)(a) jew it-testijiet imsemmija fl-Artikolu 15(2), fejn:
 - (a) dawk ir-rekwiżiti jew it-testijiet ma jkunux koperti minn standards armonizzati jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; jew
 - (b) il-Kummissjoni tosserva dewmien bla bżonn fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati mitluba, jew tqis li l-istandards armonizzati rilevanti mhumiex biżżejjed; jew
 - (c) il-Kummissjoni tkun iddeċidiet f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 li żżomm b'restrizzjoni jew li tirtira r-referenzi għall-istandards armonizzati jew partijiet minnhom li bihom ikunu koperti dawk ir-rekwiżiti jew it-testijiet.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).

2. Il-batteriji li jiġu ttestjati skont speċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom għandhom ikunu preżunti li huma konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 9, 10, 13 u 59(5)(a) sakemm dawk ir-rekwiżiti jkunu koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom u, jekk applikabbli, sakemm jintlaħqu l-valuri minimi stabbiliti għal dawk ir-rekwiżiti.
3. Il-batteriji li jkunu konformi mal-ispeċifikazzjonijiet komuni jew ma' partijiet minnhom għandhom ikunu preżunti li huma konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 12 sakemm dawk ir-rekwiżiti jkunu koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni jew partijiet minnhom.

Artikolu 17

Proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità

1. Qabel ma batterija titqiegħed fis-suq jew fis-servizz, il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jiżgura li titwettaq valutazzjoni tal-konformità tal-prodott mar-rekwiżiti tal-Kapitoli II u III ta' dan ir-Regolament.
2. Il-valutazzjoni tal-konformità tal-batteriji mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 6, 9, 10, 11, 12, 13 u 14 għandha titwettaq f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-Parti A tal-Anness VIII.
3. Il-valutazzjoni tal-konformità tal-batteriji mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 7, 8 u 39 għandha titwettaq f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-Parti B tal-Anness VIII.
4. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 biex temenda l-Anness VIII billi tintroduċi passi ta' verifika addizzjonali fil-moduli ta' valutazzjoni tal-konformità jew billi tissostitwixxi dawk il-moduli b' moduli oħrajn stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE, jekk ikun meħtieġ wara li tadattahom għar-rekwiżiti speċifiċi għall-batteriji.
5. Ir-rekords u l-korrispondenza relatati mal-valutazzjoni tal-konformità għandhom jitfasslu b'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-korp innotifikat li jwettaq il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija fil-paragrafi 1 u 2, jew b'lingwa aċċettata minn dak il-korp.

Artikolu 18

Dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE

1. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tiddikjara li jkun intwera li r-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III ġew issodisfati.
2. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandu jkollha l-istruttura tal-mudell stabbilita fl-Anness IX, l-elementi speċifikati fil-moduli rilevanti stabbiliti fl-Anness VIII u għandha tiġi aġġornata kontinwament. Hija għandha tiġi tradotta għal-lingwa jew il-lingwi meħtieġa mill-Istat Membru li fih il-batterija tkun tqiegħdet fis-suq jew tqiegħdet fis-servizz.
3. Meta mudell ta' batterija jkun soġġett għal aktar minn att wieħed tal-Unjoni li jirrikjedi dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, għandha titfassal dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE unika fir-rigward ta' dawn l-atti kollha tal-Unjoni. Dik id-dikjarazzjoni għandha tiddikjara l-atti tal-Unjoni kkonċernati u r-referenzi tal-pubblikazzjoni tagħhom.

Artikolu 19
Prinċipji ġenerali tal-markatura CE

Il-markatura CE għandha tkun soġġetta għall-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artiklu 30 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

Artikolu 20
Ir-regoli u l-kundizzjonijiet għat-twaħħil tal-markatura CE

1. Il-markatura CE għandha titwaħħal b'mod li tkun viżibbli, tista' tinqara u ma titħassarx. Meta dan ma jkunx possibbli jew ma jkunx iġġustifikat minħabba n-natura tal-batterija, hija għandha titwaħħal mal-imballaġġ u mad-dokumenti li jakkumpanjaw il-batterija.
2. Il-markatura CE għandha titwaħħal qabel ma l-batterija titqiegħed fis-suq.
3. Il-markatura CE għandha tkun segwita min-numru ta' identifikazzjoni tal-korp innotifikat li jkun wettaq il-valutazzjoni tal-konformità. Dak in-numru ta' identifikazzjoni għandu jitwaħħal mill-korp innotifikat innifsu jew, fuq struzzjonijiet tiegħu, mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur.
4. Il-markatura CE u n-numru ta' identifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 għandhom ikunu segwiti, jekk applikabbli, minn kwalunkwe tikkettar li jindika riskju, użu jew periklu ieħor speċjali marbut mal-użu, il-ħażna, it-trattament jew it-trasport tal-batterija.
5. L-Istati Membri għandhom jibnu fuq il-mekkaniżmi eżistenti biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tar-reġim li jirregola l-markatura CE u għandhom jieħdu azzjoni xierqa fil-każ ta' użu mhux xieraq ta' dik il-markatura.

Kapitolu V
Notifika tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità

Artikolu 21
Notifika

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità awtorizzati biex iwettqu l-valutazzjoni tal-konformità f'konformità ma' dan ir-Regolament

Artikolu 22
L-awtoritajiet tan-notifika

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità tan-notifika li għandha tkun responsabbli biex tistabbilixxi u tesegwixxi l-proċeduri meħtieġa għall-valutazzjoni u n-notifika tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità u għall-monitoraġġ tal-korpi nnotifikati, inkluża l-konformità mal-Artikolu 25.
2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-valutazzjoni u l-monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitwettqu minn korp nazzjonali ta' akkreditament skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u f'konformità miegħu.
3. Fejn l-awtorità tan-notifika tiddelega jew inkella tafda l-valutazzjoni, in-notifika jew il-monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lil korp, li ma jkunx entità governattiva, dak il-korp għandu jkun entità ġuridika u għandu jikkonforma *mutatis*

mutandis mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 23. Barra minn hekk, dan għandu jkollu arranġamenti biex jagħmel tajjeb għar-responsabbiltajiet derivati mill-attivitajiet tiegħu.

4. L-awtorità tan-notifika għandha terfa' r-responsabbiltà sħiħa għall-kompiti mwettqa mill-korp imsemmi fil-paragrafu 3.

Artikolu 23

Rekwiżiti marbuta mal-awtoritajiet tan-notifika

1. Awtorità tan-notifika għandha tiġi stabbilita, organizzata u mħaddma b'mod li tissalvagwardja l-oġġettività u l-imparzjalità tal-attivitajiet tagħha u tevita l-kunflitti ta' interess mal-korpi nnotifikati u l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li japplikaw għal notifika f'konformità mal-Artikolu 28.
2. Awtorità tan-notifika għandha tkun organizzata b'tali mod li kull deċiżjoni relatata man-notifika ta' korp ta' valutazzjoni tal-konformità tittieħed minn persuni kompetenti differenti minn dawk li jkunu wettqu l-valutazzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li japplikaw għan-notifika f'konformità mal-Artikolu 28.
3. Awtorità tan-notifika ma għandhiex toffri jew tipprovdi kwalunkwe attivitajiet li jitwettqu minn korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, jew servizzi ta' konsulenza fuq bażi kummerċjali jew kompetittiva.
4. Awtorità tan-notifika għandha tissalvagwardja l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni li tikseb. Madankollu, hija għandha tiskambja informazzjoni dwar il-korpi nnotifikati mal-Kummissjoni, kif ukoll mal-awtoritajiet tan-notifika ta' Stati Membri oħrajn u ma' awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħrajn.
5. Awtorità tan-notifika għandu jkollha għadd suffiċjenti ta' membri tal-persunal kompetenti għad-dispożizzjoni tagħha għall-eżekuzzjoni xierqa tal-kompiti tagħha.

Artikolu 24

Obbligu ta' informazzjoni dwar l-awtoritajiet ta' notifika

L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar il-proċeduri tagħhom għall-valutazzjoni u n-notifika tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità u l-monitoraġġ tal-korpi nnotifikati, u dwar kwalunkwe bidla fihom.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

Artikolu 25

Rekwiżiti marbuta mal-korpi nnotifikati

1. Għall-finijiet ta' notifika, korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi minn 2 sa 11.
2. Korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkun stabbilit skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru u għandu jkollu personalità ġuridika.
3. Korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkun korp terz indipendenti minn kwalunkwe rabtiet kummerċjali u mill-mudell tal-batteriji li jivvaluta, b'mod partikolari mill-manifatturi tal-batteriji, l-imsieħba kummerċjali tal-manifatturi tal-batteriji, l-investituri azzjonarji fl-impjanti tal-manifatturi tal-batteriji u minn korpi nnotifikati oħrajn, kif ukoll mill-assoċjazzjonijiet kummerċjali tal-korpi nnotifikati, il-kumpaniji prinċipali jew is-sussidjarji.

4. Korp ta' valutazzjoni tal-konformità, il-maniġment superjuri tiegħu u l-persunal responsabbli mit-tweqqi tal-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità ma għandhomx ikunu d-disinjatur, il-manifattur, il-fornitur, l-installatur, l-akkwired, is-sid, l-utent jew il-persuna responsabbli mill-manutenzjoni tal-batteriji li huma jivvalutaw, u lanqas ir-rappreżentant ta' xi waħda minn dawk il-partijiet. Dan ma għandux jipprekludi l-użu ta' batteriji li huma meħtieġa għall-operazzjonijiet tal-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jew l-użu ta' batteriji għal finijiet personali.

Korp ta' valutazzjoni tal-konformità, il-maniġment superjuri tiegħu u l-persunal responsabbli mit-tweqqi tal-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità ma għandhomx ikunu involuti direttament fid-disinn, il-manifattura, il-kummerċjalizzazzjoni, l-installazzjoni, l-użu jew il-manutenzjoni ta' dawk il-batteriji, jew jirrapreżentaw lill-partijiet li jkunu involuti f'dawk l-attivitajiet. Huma ma għandhom jinvolvu ruħhom fl-ebda attività li tista' tkun f'kunflitt mal-indipendenza tal-ġudizzju jew l-integrità tagħhom b'rabta mal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità li għalihom ikunu nnotifikati. Dan għandu japplika, b'mod partikolari, għas-servizzi ta' konsulenza.

Korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jiżgura li l-attivitajiet tal-kumpaniji omm jew oħt tiegħu, tas-sussidjarji jew tas-sottokuntratturi ma jaffettwawx il-kunfidenzjalità, l-oġġettività jew l-imparzjalità tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità tiegħu.

5. Korp ta' valutazzjoni tal-konformità u l-persunal tiegħu għandhom iwettqu l-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità bl-oġġla grad ta' integrità professjonali u bil-kompetenza teknika meħtieġa fil-qasam speċifiku u għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni u inċitament, partikolarment finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità tagħhom, speċjalment fir-rigward ta' persuni jew gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultati ta' dawk l-attivitajiet.

6. Korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkun kapaċi jwettaq l-attivitajiet kollha ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Anness VIII u li b'rabta magħhom ikun ġie nnotifikat, kemm jekk dawk il-kompiti jitwettqu mill-korp ta' valutazzjoni tal-konformità nnifsu kif ukoll jekk jitwettqu f'ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

F'kull ħin, u għal kull proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità u kull mudell ta' batterija li b'rabta magħhom ikun ġie nnotifikat, korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu n-neċessitajiet li ġejjin:

- (a) persunal intern b'għarfien tekniku u b'esperjenza suffiċjenti u xierqa biex iwettaq l-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità;
- (b) deskrizzjonijiet tal-proċeduri li f'konformità magħhom titwettaq il-valutazzjoni tal-konformità, li jiżguraw it-trasparenza u l-kapaċità ta' riproduzzjoni ta' dawk il-proċeduri;
- (c) politiki u proċeduri xierqa li jiddistingwu bejn l-attivitajiet li jwettaq bħala korp innotifikat u attivitajiet oħrajn;
- (d) proċeduri għat-tweqqi tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità, li jieħdu kont dovut tad-daqs ta' impriża, is-settur li fih topera, l-istruttura tagħha, il-grad ta' kumplessità tat-teknoloġija tal-batterija inkwistjoni u l-massa jew in-natura tas-serje tal-proċess ta' produzzjoni.

Korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu dejjem ikollu aċċess għat-tagħmir jew il-faċilitajiet kollha tal-ittestjar meħtieġa għal kull proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità u kull mudell ta' batterija li b'rabta magħhom ikun ġie nnotifikat.

7. Il-membri tal-persunal responsabbli mit-twettiq tal-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkollhom dawn li ġejjin:
 - (a) taħriġ tekniku u vokazzjonali tajjeb li jkopri l-attivitajiet kollha tal-valutazzjoni tal-konformità li b'rabta magħhom ikun ġie nnotifikat il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità;
 - (b) għarfien sodisfaċenti tar-rekwiżiti tal-valutazzjonijiet li jwettqu u awtorità adegwata biex iwettqu dawk il-valutazzjonijiet;
 - (c) għarfien u fehim xierqa tar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III tal-istandards armonizzati applikabbli msemmija fl-Artikolu 15 u tal-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 16, kif ukoll tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali;
 - (d) il-kapaċità li jfasslu ċertifikati, rekords u rapporti li juru li jkun twettqu l-valutazzjonijiet tal-konformità.
8. Għandha tiġi garantita l-imparzjalità ta' korp tal-valutazzjoni tal-konformità, tal-maniġment superjuri tiegħu u tal-membri tal-persunal responsabbli biex iwettqu l-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità.

Ir-remunerazzjoni tal-maniġment superjuri u tal-membri tal-persunal responsabbli biex iwettqu l-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità ma għandhiex tiddependi mill-għadd ta' valutazzjonijiet tal-konformità mwettqa jew mir-riżultati ta' dawk il-valutazzjonijiet.
9. Korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jgħodgħ polza tal-assigurazzjoni tar-responsabbiltà, sakemm ir-responsabbiltà ma tkunx assunta mill-Istat f'konformità mal-liġi nazzjonali fl-Istat Membru fejn jitwettqu l-attivitajiet tiegħu, jew sakemm l-Istat Membru nnifsu ma jkunx direttament responsabbli għall-valutazzjoni tal-konformità.
10. Il-membri tal-persunal ta' korp tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom josservaw is-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba fit-twettiq tal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità f'konformità mal-Anness VIII, ħlief b'rabta mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih jitwettqu l-attivitajiet tiegħu. Id-drittijiet ta' proprjetà għandhom ikunu protetti.
11. Korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jipparteċipa fi, jew jiżgura li l-membri tal-persunal tiegħu responsabbli mit-twettiq tal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità jkun informati dwar, l-attivitajiet ta' standardizzazzjoni rilevanti u l-attivitajiet tal-grupp ta' koordinazzjoni tal-korp innotifikat stabbilit skont l-Artikolu 37 u għandu japplika, bħala gwida ġenerali, id-deċiżjonijiet amministrattivi u d-dokumenti prodotti bħala riżultat tax-xogħol ta' dak il-grupp.

Artikolu 26

Preżunzjoni ta' konformità tal-korpi nnotifikati

Meta korp ta' valutazzjoni tal-konformità juri l-konformità tiegħu mal-kriterji stipulati fl-istandards armonizzati rilevanti jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, huwa għandu jkun preżunt li huwa

konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 25 sa fejn l-istandards armonizzati applikabbli jkopru dawk ir-rekwiżiti.

Artikolu 27

Sussidjarja u sottokuntrattar minn korpi nnotifikati

1. Meta korp innotifikat jissottokuntratta kompiti speċifiċi konnessi mal-valutazzjoni tal-konformità jew jirrikorri għal sussidjarja, huwa għandu jiżgura li s-sottokuntrattur jew is-sussidjarja tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 25 u għandu jinforma b'dan lill-awtorità tan-notifika.
2. Korp innotifikat għandu jerfa' r-responsabbiltà sħiħa għall-kompiti mwettqa mis-sottokuntratturi jew mis-sussidjarji kull fejn dawn ikunu stabbiliti
3. L-attivitajiet jistgħu jiġu sottokuntrattati jew jitwettqu minn sussidjarja biss bil-qbil tal-klijent. L-istabbiliment u s-superviżjoni ta' proċeduri interni, politiki ġenerali, kodiċijiet ta' kondotta jew regoli interni oħrajn, l-assenjazzjoni ta' persunal għal kompiti speċifiċi u d-deċiżjoni dwar iċ-ċertifikazzjoni ma jistgħux jiġu ddelegati lil sottokuntrattur jew sussidjarja.
4. Korp innotifikat għandu jżomm għad-dispożizzjoni tal-awtorità tan-notifika d-dokumenti rilevanti dwar il-valutazzjoni tal-kwalifiki tas-sottokuntrattur jew tas-sussidjarja u x-xogħol imwettaq minnhom skont l-Anness VIII.

Artikolu 28

Applikazzjoni għal notifika

1. Korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jissottometti applikazzjoni għal notifika lill-awtorità tan-notifika tal-Istat Membru li fih ikun stabbilit.
2. L-applikazzjoni għal notifika għandha tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni tal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità, tal-moduli ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fl-Anness VIII u tal-mudell tal-batterija li għalihom il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jiddikjara li huwa kompetenti, kif ukoll minn ċertifikat ta' akkreditament maħruġ minn korp nazzjonali ta' akkreditament li jattesta li l-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 25.
3. Meta l-korp ta' valutazzjoni tal-konformità kkonċernat ma jkunx jista' jipprovdi ċertifikat ta' akkreditazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2, huwa għandu jipprovdi lill-awtorità tan-notifika bl-evidenza dokumentarja kollha meħtieġa għall-verifika, ir-rikonossiment u l-monitoraġġ regolari tal-konformità tiegħu mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 25, inkluża dokumentazzjoni xierqa li turi li l-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jkun indipendenti skont it-tifsira tal-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu.

Artikolu 29

Proċedura tan-notifika

1. Awtorità tan-notifika tista' tinnotifika biss lill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jkunu ssodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 25.
2. L-awtorità tan-notifika għandha tibgħat notifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn dwar kull korp ta' valutazzjoni tal-konformità msemmi fil-paragrafu 1 bl-użu tal-għodda ta' notifika elettronika żviluppata u ġestita mill-Kummissjoni.

3. In-notifika għandha tinkludi d-dettalji sħaħ tal-attivitajiet tal-valutazzjoni tal-konformità, tal-modulu jew moduli tal-valutazzjoni tal-konformità u tal-batteriji kkonċernati u l-attestazzjoni tal-kompetenza rilevanti.
4. Meta notifika ma tkunx ibbażata fuq ċertifikat ta' akkreditazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 28(2), l-awtorità tan-notifika għandha ttiprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn b'evidenza dokumentarja li tiċċertifika l-kompetenza tal-korp ta' valutazzjoni tal-konformità u l-arranġamenti fis-seħħ biex ikun żgurat li dak il-korp jiġi ssorveljat regolarment u jkompli jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 25.
5. Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità kkonċernat jista' jwettaq l-attivitajiet ta' korp innotifikat biss meta ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri l-oħrajn fi żmien ġimagħtejn min-notifika meta din tinkludi ċertifikat ta' akkreditazzjoni msemmi fl-Artikolu 28(2) jew fi żmien xahrejn min-notifika meta din tinkludi evidenza dokumentarja msemmija fl-Artikolu 28(3).
6. L-awtorità tan-notifika għandha tinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bi kwalunkwe bidla rilevanti sussegwenti fin-notifika msemmija fil-paragrafu 2.

Artikolu 30

Numri ta' identifikazzjoni u listi ta' korpi nnotifikati

1. Il-Kummissjoni għandha tassenja numru ta' identifikazzjoni lil korp innotifikat.
Hija għandha tassenja numru wieħed bħal dan, anki meta l-korp ikun innotifikat skont diversi atti tal-Unjoni.
2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-lista tal-korpi nnotifikati, inklużi n-numri ta' identifikazzjoni li jkunu ġew assenjati lilhom u l-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità li għalihom ikunu ġew innotifikati.
Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-lista tinżamm aġġornata.

Artikolu 31

Tibdil fin-notifiki

1. Meta awtorità tan-notifika tkun aċċertat ruħha jew tkun ġiet informata li korp innotifikat ma jkunx għadu jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 25 jew li qed jonqos milli jaqdi l-obbligi tiegħu, l-awtorità tan-notifika għandha tirrestrinġi, tissospendi jew tirtira n-notifika, kif xieraq, skont kemm ikun serju n-nuqqas li jintlaħqu dawk ir-rekwiżiti jew li jiġu ssodisfati dawk l-obbligi. Hija għandha tinforma b'dan minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn.
2. Fil-każ ta' restrizzjoni, sospensjoni jew irtirar ta' notifika, jew meta l-korp innotifikat ikun waqqaf l-attività tiegħu, l-awtorità tan-notifika għandha tiegħu passi xierqa biex tiżgura li l-fajls ta' dak il-korp jew jiġu pproċessati minn korp innotifikat ieħor jew inkella jinżammu disponibbli għall-awtoritajiet tan-notifika u dawk tas-sorveljanza tas-suq responsabbli fuq it-talba tagħhom.

Artikolu 32

Kontestazzjoni tal-kompetenza ta' korpi nnotifikati

1. Il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-każijiet kollha fejn ikollha dubju, jew fejn jinġiebu dubju għall-attenzjoni tagħha, rigward il-kompetenza ta' korp innotifikat jew

l-issodisfar kontinwu minn korp innotifikat tar-rekwiżiti u tar-responsabbiltajiet li għalihom huwa jkun soġġett.

2. L-awtorità tan-notifika għandha tipprovdli lill-Kummissjoni, fuq talba, l-informazzjoni kollha relatata mal-bażi għan-notifika jew iż-żamma tal-kompetenza tal-korp innotifikat ikkonċernat.
3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni sensittiva kollha miksuba matul l-investigazzjonijiet tagħha tiġi ttrattata b'mod kunfidenzjali.
4. Meta l-Kummissjoni taċċerta ruħha li korp innotifikat ma jissodisfax, jew ma jkunx għadu jissodisfa, ir-rekwiżiti għan-notifika tiegħu, hija għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jitlob lill-awtorità tan-notifika tiegħu l-azzjoni korrettiva meħtieġa, inkluż l-irtirar tan-notifika, jekk ikun meħtieġ. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 74(2).

Artikolu 33

Obbligi operazzjonali tal-korpi nnotifikati

1. Korp innotifikat għandu jwettaq valutazzjonijiet tal-konformità skont il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità stabbiliti fl-Anness VIII.
2. Korp innotifikat għandu jwettaq l-attivitajiet tiegħu b'mod proporzjonat, billi jevita piżijiet bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi, u b'kont meħud tad-daqs ta' impriża, is-settur li fih topera l-impriża, l-istruttura tal-impriża, il-grad ta' kumplessità tal-batterija li għandha tiġi vvalutata u n-natura tal-massa jew tas-serje tal-proċess tal-produzzjoni.

Madankollu, meta jagħmel dan, il-korp innotifikat għandu jirrispetta l-grad ta' rigorożità u l-livell ta' protezzjoni meħtieġ għall-konformità tal-batterija ma' dan ir-Regolament.

3. Meta korp innotifikat isib li r-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III, l-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 15, l-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 16 jew speċifikazzjonijiet tekniċi oħrajn ma jkunux ġew issodisfati minn manifattur, huwa għandu jesiġi li dak il-manifattur jieħu azzjoni korrettiva xierqa fid-dawl tat-tieni u l-aħħar deċiżjoni ta' ċertifikazzjoni, sakemm in-nuqqasijiet ma jkunux jistgħu jiġu rimedjati, f'liema każ iċ-ċertifikat ma jkunx jista' jinħareġ.
4. Meta, matul il-monitoraġġ tal-konformità wara l-ħruġ ta' ċertifikat tal-konformità jew l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-approvazzjoni, korp innotifikat isib li batterija ma tkunx għadha konformi, huwa għandu jitlob lill-manifattur jieħu l-azzjoni korrettiva xierqa u għandu jissospendi jew jirtira ċ-ċertifikat ta' konformità jew id-deċiżjoni ta' approvazzjoni, jekk ikun meħtieġ.
5. Meta ma tittieħed l-ebda azzjoni korrettiva jew meta tali azzjoni ma jkollhiex l-effett meħtieġ, il-korp innotifikat għandu jirrestrinġi, jissospendi jew jirtira kwalunkwe ċertifikat ta' konformità jew deċiżjoni ta' approvazzjoni, kif ikun xieraq.

Artikolu 34

Appell kontra deċiżjonijiet tal-korpi nnotifikati

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm disponibbli proċedura ta' appell kontra d-deċiżjonijiet tal-korpi nnotifikati.

Artikolu 35

Obbligi ta' informazzjoni għall-korpi nnotifikati

1. Korp innotifikat għandu jinforma lill-awtorità tan-notifika dwar dawn li ġejjin:
 - (a) kwalunkwe rifjut, restrizzjoni, sospensjoni jew irtirar ta' ċertifikat ta' konformità jew deċiżjoni ta' approvazzjoni;
 - (b) kwalunkwe ċirkostanza li taffettwa l-kamp ta' applikazzjoni tan-notifika jew il-kundizzjonijiet għaliha;
 - (c) kwalunkwe talba għal informazzjoni li jkun irċieva mingħand l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq rigward l-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità tiegħu;
 - (d) fuq talba, kwalunkwe attività ta' valutazzjoni tal-konformità li ssir fil-kamp ta' applikazzjoni tan-notifika u kwalunkwe attività oħra mwettqa, inklużi attivitajiet transkonfinali u sottokuntrattar.
2. Korp innotifikat għandu jipprovdi lil korpi nnotifikati oħrajn li jwettqu attivitajiet simili ta' valutazzjoni tal-konformità li jkopru l-istess batteriji bl-informazzjoni rilevanti dwar kwistjonijiet relatati mar-riżultati negattivi u, fuq talba, pożittivi tal-valutazzjoni tal-konformità.

Artikolu 36

Skambju ta' esperjenza

Il-Kummissjoni għandha tipprevedi l-organizzazzjoni ta' skambju ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri responsabbli għall-politika ta' notifika.

Artikolu 37

Koordinazzjoni ta' korpi nnotifikati

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jiġu stabbiliti koordinazzjoni u kooperazzjoni xierqa bejn il-korpi nnotifikati u li dawn jitħaddmu kif xieraq fil-forma ta' grupp settorjali jew gruppi tal-korpi nnotifikati.

Korp innotifikat għandu jipparteċipa fil-ħidma ta' dak il-grupp jew ta' dawk il-gruppi, direttament jew permezz ta' rappreżentanti maħtura.

Kapitolu VI

Obbligi tal-operaturi ekonomiċi minbarra l-obbligi fil-Kapitolu VII

Artikolu 38

Obbligi tal-manifatturi

1. Meta jqiegħdu batterija fis-suq jew iqiegħduha fis-servizz, inkluż għall-iskopijiet tal-manifatturi stess, il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-batterija:
 - (a) tkun ġiet iddisinjata u manifatturata f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli minn 6 sa 12 u fl-Artikolu 14; u
 - (b) tkun ittikkettata f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 13.
2. Il-manifatturi għandhom ifasslu d-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness VIII għall-batterija u jwettqu l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità

rilevanti, kif applikabbli u msemmija fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 17 jew jaraw li titwettaq qabel ma batterija titqiegħed fis-suq jew fis-servizz.

3. Fejn il-konformità ta' batterija mar-rekwiżiti applikabbli tkun intweriet permezz tal-proċedura rilevanti ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 17, il-manifatturi għandhom ifasslu dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE f'konformità mal-Artikolu 18 u jwajhlu l-markatura CE f'konformità mal-Artikoli 19 u 20.
4. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li titfassal dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE skont l-Artikolu 18 b'lingwaġġ li jkun jista' jinftehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti finali oħrajn għal kull batterija li huma jqiegħdu fis-suq jew fis-servizz.
Madankollu, meta diversi batteriji jitwasslu simultanjament lil utent wieħed, il-lott ikkonċernat jew il-kunsinna kkonċernata jistgħu jkunu akkumpanjati minn kopja waħda tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE.
5. Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness VIII u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u tal-awtoritajiet nazzjonali għal 10 snin wara li l-batterija tkun tqiegħdet fis-suq jew fis-servizz.
6. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li jkun hemm proċeduri fis-seħħ sabiex batterija li tkun parti minn produzzjoni ta' serje tibqa' konformi ma' dan ir-Regolament. Il-bidliet fil-proċess tal-produzzjoni jew fid-disinn jew il-karatteristiċi tal-batterija u bidliet fl-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 15, l-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 16 jew speċifikazzjonijiet tekniċi oħrajn li b'referenza għalihom tiġi ddikjarata l-konformità tal-batterija jew li bl-applikazzjoni tagħhom tiġi vverifikata l-konformità tagħha għandhom iwasslu għal eżami mill-ġdid tal-valutazzjoni tal-konformità skont il-proċedura rilevanti ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 17.
7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-batterija tkun ittikkettata f'konformità mar-rekwiżiti fil-paragrafi minn 1 sa 8 tal-Artikolu 13.
8. Il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom u l-indirizz postali u l-indirizz tal-web fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati fuq l-imballaġġ tal-batterija. L-indirizz postali għandu jindika punt uniku li fih jista' jiġi kkuntattjat il-manifattur. Tali informazzjoni għandha tkun b'lingwaġġ li jinftehem faċilment mill-utenti finali u mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u għandha tkun ċara, tinftiehem u tinqara.
9. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li kull batterija li jqiegħdu fis-suq jew fis-servizz tkun akkumpanjata minn struzzjonijiet u informazzjoni dwar is-sikurezza f'konformità mal-Artikoli minn 6 sa 12 u mal-Artikolu 14.
10. Il-manifatturi għandhom jipprovdu aċċess għad-*data* dwar il-parametri fis-sistema ta' ġestjoni tal-batterija msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 14 u fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 59, f'konformità mar-rekwiżiti stipulati f'dawk l-Artikoli.
11. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li batterija li jkunu qiegħdu fis-suq jew fis-servizz ma tkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III għandhom minnufih jieħdu l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex dik il-batterija ssir konformi, tiġi rtirata jew tissejjaħ lura mis-suq, kif xieraq. Barra minn hekk, meta l-batterija tippreżenta riskju, il-manifatturi għandhom jinformaw minnufih lill-awtorità nazzjonali tal-Istat Membru li fih ikunu qiegħdu l-batterija fis-suq għal dak l-għan,

billi jagħtu dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe miżura korrettiva meħuda.

12. Il-manifatturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali, jipprovduha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni teknika kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-batterija mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III, b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni teknika għandhom jiġu pprovduti f'forma stampata jew f'forma elettronika. Il-manifatturi għandhom jikkoperaw mal-awtorità nazzjonali, fuq talba tagħha, fuq kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati minn batterija li jkun qiegħdu fis-suq jew fis-servizz.

Artikolu 39

Obbligu għall-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu fis-suq batteriji industrijali rikarikabbli u batteriji tal-vetturi elettriċi b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh biex jistabbilixxu politiki tad-diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista

1. Minn [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament] l-operatur ekonomiku li jqiegħed fis-suq batteriji industrijali rikarikabbli u batteriji tal-vetturi elettriċi b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh għandu jikkonforma mal-obbligi tad-diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu u għandu jżomm dokumentazzjoni li turi l-konformità rispettiva tiegħu ma' dawk l-obbligi, inkluż ir-riżultati tal-verifika minn parti terza mwettqa mill-korpi notifikati.
2. L-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu
- (a) jadotta, u jikkomunika b'mod ċar lill-fornituri u lill-pubbliku, politika tal-kumpanija għall-katina tal-provvista tal-materja prima indikata fil-punt 1 tal-Anness X;
 - (b) jinkorpora fil-politika tal-katina tal-provvista tiegħu standards konsistenti mal-istandards stabbiliti fil-mudell tal-politika tal-katina tal-provvista fl-Anness II għall-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta;
 - (c) jistruttura s-sistemi ta' ġestjoni interna rispettivi tiegħu biex jappoġġaw id-diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista billi jassenja r-responsabbiltà lill-maniġment superjuri biex jissorvelja l-proċess ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista, kif ukoll iżomm rekords ta' dawk is-sistemi għal minimu ta' ħames snin;
 - (d) jistabbilixxi u jħaddem sistema ta' kontrolli u trasparenza fuq il-katina tal-provvista, inkluża katina ta' kustodja jew sistema ta' traċċabbiltà jew l-identifikazzjoni ta' atturi upstream fil-katina tal-provvista.

Sistema bħal din għandha tkun appoġġata minn dokumentazzjoni li tipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

- (i) deskrizzjoni tal-materja prima, inklużi l-isem kummerċjali u t-tip tagħha;
- (ii) l-isem u l-indirizz tal-fornitur li fornixxa l-materja prima preżenti fil-batteriji lill-operatur ekonomiku li jqiegħed fis-suq il-batteriji li jkun fihom il-materja prima inkwistjoni;
- (iii) il-pajjiż tal-orijini tal-materja prima u t-tranżazzjonijiet tas-suq mill-estrazzjoni tal-materja prima għall-fornitur immedjat għall-operatur ekonomiku;

- (iv) il-kwantitajiet tal-materja prima preżenti fil-batterija mqiegħda fis-suq, espressi f'persentaġġ jew piż.

Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (d) attwali jistgħu jiġu implimentati permezz tal-parteċipazzjoni fi skemi mmexxija mill-industrija.

- (e) jinkorpora l-politika tal-katina tal-provvista tiegħu f'kuntratti u ftehimiet mal-fornituri, inklużi l-miżuri tagħhom tal-ġestjoni tar-riskji;
- (f) jistabbilixxi mekkaniżmu ta' lmentar bħala sistema ta' sensibilizzazzjoni għar-riskji bi twissija bikrija jew jipprovdi mekkaniżmu bħal dan permezz ta' arranġamenti kollaborattivi ma' operaturi ekonomiċi jew organizzazzjonijiet oħrajn, jew billi jiffaċilita r-rikors għal espert jew korp estern, bħal ombudsman.

3. L-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu

- (a) jidentifika u jivvaluta l-impatti negattivi assoċjati mal-kategoriji ta' riskju elenkati fil-punt 2 tal-Anness X fil-katina tal-provvista tiegħu abbażi tal-informazzjoni pprovduta skont il-paragrafu 2 kontra l-istandards tal-politika tagħhom dwar il-katina tal-provvista;
- (b) jimplementa strateġija biex jirrispondi għar-riskji identifikati maħsuba biex tipprevjeni jew ittaffi l-impatti negattivi permezz ta':
 - (i) ir-rapportar tas-sejbiet tal-valutazzjoni tar-riskju tal-katina tal-provvista lill-maniġment superjuri maħtur għal dak l-iskop;
 - (ii) l-adozzjoni ta' miżuri għall-ġestjoni tar-riskji konsistenti mal-Anness II għall-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta, billi titqies il-kapaċità tagħhom li jinfluwenzaw u, fejn meħtieġ, jittieħdu passi biex tiġi eżerċitata pressjoni fuq il-fornituri li jistgħu jipprevjenu jew itaffu r-riskju identifikat bl-aktar mod effettiv;
 - (iii) l-implimentazzjoni tal-pjan tal-ġestjoni tar-riskji, il-monitoraġġ u t-traċċar tal-prestazzjoni tal-isforzi tal-mitigazzjoni tar-riskji, ir-rapportar lura lill-maniġment superjuri maħtur għal dan l-iskop u l-kunsiderazzjoni tas-sospensjoni jew tat-twaqqif tal-involviment ma' fornitur wara tentattivi falluti ta' mitigazzjoni, abbażi ta' arranġamenti kuntrattwali rilevanti f'konformità mat-tieni subparagrafu għall-paragrafu 2 hawn fuq;
 - (iv) it-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-fatti u tar-riskji addizzjonali għal riskji li jeħtieġu mitigazzjoni, jew wara bidla fiċ-ċirkostanzi.

Jekk l-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 isegwi l-isforzi ta' mitigazzjoni tar-riskju filwaqt li jkompli l-kummerċ jew jissospendi l-kummerċ b'mod temporanju, dan għandu jikkonsulta mal-fornituri u mal-partijiet ikkonċernati, inklużi l-awtoritajiet tal-gvern lokali u ċentrali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà internazzjonali jew ċivili u l-partijiet terzi affettwati, u jaqbel dwar strateġija li tista' titkejjel ta' mitigazzjoni tar-riskju fil-pjan tal-ġestjoni tar-riskji.

L-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jidentifika u jivvaluta l-probabbiltà tal-impatti negattivi fil-kategoriji tar-riskju elenkati fl-Anness X, punt 2, fil-katina tal-provvista tiegħu abbażi tar-rapporti disponibbli mill-verifika minn parti terza magħmula minn korp notifikat dwar il-fornituri f'dik il-katina, u billi jivvaluta, fejn xieraq, il-prattiki tad-diliġenza dovuta tiegħu. Dawk ir-rapporti ta' verifika għandhom ikunu konformi mal-ewwel subparagrafu fil-paragrafu 4. Fin-nuqqas ta'

tali rapporti ta' verifika minn partijiet terzi dwar il-fornituri, l-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jidentifika u jivvaluta r-riskji fil-katina tal-provvista tiegħu bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tiegħu stess. F'tali każijiet, l-operaturi ekonomiċi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom iwettqu verifiki minn parti terza tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista tagħhom stess permezz ta' korp notifikat f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4.

L-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jirrapporta s-sejbiet tal-valutazzjoni tar-riskju msemmija fit-tielet subparagrafu lill-maniġment superjuri maħtur għal dak il-għan u għandha tiġi implimentata strateġija ta' rispons imfassla biex tipprevjeni jew ittaffi l-impatti negattivi.

4. L-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkollu l-politiki tiegħu ta' diliġenza vverifikati minn korp notifikat ("verifika minn parti terza").

Il-verifika minn parti terza minn korp innotifikat għandha:

- (a) tinkludi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-attivitajiet, il-proċessi u s-sistemi kollha użati mill-operaturi ekonomiċi biex jimplimentaw ir-rekwiżiti tagħhom tad-diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista f'konformità mal-paragrafi 2, 3 u 5;
 - (b) ikollha bħala l-objettiv tagħha d-determinazzjoni tal-konformità tal-prattiki ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista tal-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu batteriji fis-suq mal-paragrafi 2, 3 u 5;
 - (c) tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu batteriji fis-suq dwar kif itejbu l-prattiki tagħhom ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista;
 - (d) tirrispetta l-prinċipji tal-awditjar ta' indipendenza, kompetenza u akkontabilità, kif stabbiliti fil-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta;
5. L-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jagħmel disponibbli fuq talba lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru r-rapporti ta' kwalunkwe verifika minn parti terza mwettqa skont il-paragrafu 4 jew l-evidenza ta' konformità ma' skema ta' diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista rikonoxxuta mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 72.
 6. L-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu jagħmel disponibbli għax-xerrejja downstream diretti tiegħu l-informazzjoni kollha miksuba u miżmuma skont il-politiki tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista tiegħu b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kunfidenzjalità tan-negozju u għal tħassib ieħor dwar il-kompetizzjoni.

L-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu fuq bażi annwali jirrapporta pubblikament bl-aktar mod wiesa' possibbli, inkluż fuq l-internet, dwar il-politiki tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista tiegħu. Dak ir-rapport għandu jkun fih il-passi meħuda minn dak l-operatur ekonomiku biex jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3, inklużi s-sejbiet ta' impatti negattivi sinifikanti fil-kategoriji ta' riskju elenkati fl-Anness X, punt 2, u kif dawn ġew indirizzati, kif ukoll rapport sommarju tal-verifiki minn partijiet terzi mwettqa skont il-punt 4, inkluż l-isem tal-korp notifikat, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kunfidenzjalità tan-negozju u għal tħassib ieħor dwar il-kompetizzjoni.

Fejn l-operatur ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1 jista' jikkonkludi b'mod raġonevoli li l-materja prima elenkata fl-Anness X, punt 1, li hija preżenti fil-batterija ġiet derivata biss minn sorsi riċiklati, huwa għandu jiżvela l-konklużjonijiet

tiegħu pubblikament f'dettall raġonevoli, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kunfidenzjalità tan-negozju u għal tħassib ieħor dwar il-kompetizzjoni.

7. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa gwida fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta definiti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, fir-rigward tar-riskji soċjali u ambjentali msemmija fl-Anness X, il-punt 2, u b'mod partikolari f'konformità mal-istrumenti internazzjonali msemmija fl-Anness X, il-punt 3.
8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 biex:
 - (a) Temenda l-listi tal-materja prima u l-kategoriji tar-riskju fl-Anness X fid-dawl tal-progress xjentifiku u teknoloġiku fil-manifattura tal-batteriji u fil-kimika u l-emendi għar-Regolament (UE) 2017/821;
 - (b) temenda l-obbligi fuq l-operatur ekonomiku msemmija fil-paragrafu 1 li huma stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 4 fid-dawl tal-emendi tar-Regolament (UE) 2017/821 u l-bidliet fir-rakkomandazzjonijiet tad-diliġenza dovuta stabbiliti fl-Anness I tal-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta.

Artikolu 40

Obbligi tar-rappreżentanti awtorizzati

1. Meta l-manifattur ta' batterija ma jkunx stabbilit fi Stat Membru, il-batterija tista' titqiegħed fis-suq tal-Unjoni biss jekk il-manifattur jaħtar rappreżentant awtorizzat uniku.
2. Il-ħatra għandha tikkostitwixxi l-mandat tar-rappreżentant awtorizzat, għandha tkun valida biss meta tiġi aċċettata bil-miktub mir-rappreżentant awtorizzat u għandha tkun effettiva mill-inqas għall-batteriji kollha tal-istess mudell ta' batteriji.
3. L-obbligi stipulati fl-Artikolu 38(1) u l-obbligu li titfassal dokumentazzjoni teknika ma għandhomx jiffurmaw parti mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat.
4. Rappreżentant awtorizzat għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jkun irċieva mingħand il-manifattur. Ir-rappreżentant awtorizzat għandu jipprovdi kopja tal-mandat lill-awtorità kompetenti, fuq talba. Il-mandat għandu jippermetti lir-rappreżentant awtorizzat jagħmel mill-inqas dawn li ġejjin:
 - (a) jivverifika li jkunu tfasslu d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u d-dokumentazzjoni teknika u, fejn applikabbli, li tkun twettqet proċedura xierqa ta' valutazzjoni tal-konformità mill-manifattur
 - (b) iżomm id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u d-dokumentazzjoni teknika aġġornata għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għal 10 snin wara li l-batterija tkun tqiegħdet fis-suq;
 - (c) wara talba motivata minn awtorità nazzjonali, jipprovdi lil dik l-awtorità bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-batterija;
 - (d) jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali, fuq talba tagħhom, fuq kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji maħluqa mill-batteriji koperti mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat;
 - (e) jissodisfa l-obbligi tal-manifattur skont il-Kapitolu V

- (f) itemm il-mandat jekk il-manifattur jaġixxi b' mod kuntrarju għall-obbligi tiegħu skont dan ir-Regolament.

Artikolu 41
Obbligi tal-importaturi

1. L-importaturi għandhom iqiegħdu fis-suq jew iqiegħdu fis-servizz batterija li tkun konformi mar-rekwiżiti tal-Kapitoli II u III
2. Qabel ma jqiegħdu batterija fis-suq jew fis-servizz, l-importaturi għandhom jivverifikaw li tkun twettqet il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti msemmija fl-Artikolu 17 mill-manifattur. Huma għandhom jivverifikaw li l-manifattur ikun fassal id-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness VIII, li l-batterija jkollha l-markatura CE msemmija fl-Artikolu 19 u li l-kodiċi QR imsemmi fl-Artikolu 13(5) ikun akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa u li l-manifattur ikun ikkonforma mal-obbligi stabbiliti fil-paragrafi 7, 8 u 9 tal-Artikolu 38.

Meta importatur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li batterija mhijiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III, l-importatur ma għandux iqiegħed tali batterija fis-suq jew fis-servizz qabel ma din issir konformi. Barra minn hekk, meta l-batterija tippreżenta riskju, l-importatur għandu jinforma b'dan lill-manifattur u lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.
3. L-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew it-trademark irreġistrata tagħhom fuq il-batterija, kif ukoll l-indirizz fejn jistgħu jiġu kkuntattjati jew, meta dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tagħha jew f'dokument li jakkumpanja l-batterija. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-konsumaturi, minn utenti finali oħrajn, u mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.
4. L-importaturi għandhom jiżguraw li l-manifattur ikun issodisfa l-obbligi tiegħu skont il-paragrafi 7, 9 u 10 tal-Artikolu 38.
5. L-importaturi għandhom jiżguraw li, waqt li batterija tkun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet tal-ħażna jew tat-trasport ma jipperikolawx il-konformità tagħha mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III.
6. Meta jkun meqjus xieraq fir-rigward tar-riskji ppreżentati minn batterija, l-importaturi għandhom, biex jiproteġu s-saħħa tal-bniedem u s-sikurezza tal-konsumaturi, iwettqu ttestjar tal-kampjuni tal-batteriji mqiegħda fis-suq, jinvestigaw u, jekk ikun meħtieġ, iżommu regjistru ta' lmenti, tal-batteriji mhux konformi u s-sejthiet lura tal-batteriji, u għandhom iżommu lid-distributuri informati b'tali monitoraġġ.
7. L-importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li batterija, li huma jkunu qiegħdu fis-suq jew fis-servizz, mhijiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III, għandhom minnufih jieħdu l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex dik il-batterija ssir konformi, tiġi rtirata jew tissejjaħ lura mis-suq, kif xieraq. Barra minn hekk, meta l-batterija tippreżenta riskju, l-importaturi għandhom jinformaw minnufih lill-awtorità nazzjonali tal-Istat Membru li fih ikunu qiegħdu l-batterija fis-suq għal dak l-għan, billi jagħtu d-dettalji, b' mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe azzjoni korrettiva meħuda.
8. L-importaturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika msemmija fl-Anness VIII u kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għad-dispożizzjoni tal-

awtoritajiet nazzjonali u tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għal 10 snin wara li l-batterija tkun tqiegħdet fis-suq jew fis-servizz.

9. L-importaturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali, jipprovduha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni teknika kollha meħtieġa biex juru l-konformità ta' batterija mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni teknika għandhom jiġu pprovduti f'forma stampata jew f'forma elettronika. L-importaturi għandhom jikkooperaw mal-awtorità nazzjonali, fuq talba tagħha, dwar kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-batteriji, li huma jkunu qiegħdu fis-suq jew qiegħdu fis-servizz.

Artikolu 42

Obbligi tad-distributuri

1. Meta jqiegħdu batterija fis-suq, id-distributuri għandhom jaġixxu bl-attenzjoni meħtieġa b'rabta mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
2. Qabel ma jqiegħdu batterija fis-suq, id-distributuri għandhom jivverifikaw li:
 - (a) il-manifattur, ir-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur, l-importatur jew distributuri oħrajn ikunu rreġistrati fit-territorju ta' Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 46;
 - (b) il-batterija jkollha l-markatura CE,
 - (c) il-batterija tkun akkumpanjata mid-dokumenti meħtieġa b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utent finali ieħor fl-Istat Membru li fih il-batterija għandha titqiegħed fis-suq, kif ukoll minn struzzjonijiet u informazzjoni dwar is-sikurezza u
 - (d) il-manifattur u l-importatur ikunu kkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 7, 9 u 10 tal-Artikolu 38 u l-Artikolu 41(3) u (4), rispettivament.
3. Meta distributur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li batterija mhijiex konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III, huwa ma għandux iqiegħed il-batterija fis-suq qabel ma din issir konformi. Barra minn hekk, meta l-batterija tippreżenta riskju, id-distributur għandu jinforma b'dan lill-manifattur jew lill-importatur, kif ukoll lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq rilevanti.
4. Id-distributuri għandhom jiżguraw li, waqt li batterija tkun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet tal-ħażna jew tat-trasport ma jipperikolawx il-konformità tagħha mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III.
5. Distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmu li batterija, li huma jkunu qiegħdu fis-suq, ma tkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III għandhom jiżguraw li tittieħed l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex dik il-batterija ssir konformi, biex tiġi rtirata jew biex tissejjaħ lura mis-suq, kif xieraq. Barra minn hekk, meta l-batterija tippreżenta riskju, id-distributuri għandhom jinformaw minnufih b'dan lill-awtorità nazzjonali tal-Istati Membri fejn ikunu qiegħdu l-batterija fis-suq, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe miżura korrettiva meħuda.
6. Id-distributuri għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali, jiprovduha l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni teknika kollha meħtieġa biex juru l-konformità ta' batterija mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III b'lingwa li tkun

tista' tinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni teknika għandhom jiġu pprovduti f'forma stampata jew f'forma elettronika. Id-distributori għandhom jikkooperaw mal-awtorità nazzjonali, fuq talba taġhha, fuq kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-batteriji li huma jkunu qiegħdu fis-suq.

Artikolu 43

Obbligi tal-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni

Il-fornituri tas-servizzi ta' ġestjoni għandhom jiżguraw li, għall-batteriji li jimmaniġġaw, il-kundizzjonijiet waqt il-ħażna, l-imballaġġ, l-indirizzar jew id-dispaċċ ma jipperikolawx il-konformità tal-batteriji mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III.

Artikolu 44

Każijiet fejn l-obbligi tal-manifatturi japplikaw għall-importaturi u d-distributori

Importatur jew distributur għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u dak l-importatur jew id-distributur għandu jkun soġġett għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikolu 40, fejn

- (a) batterija titqiegħed fis-suq jew titqiegħed fis-servizz taħt l-isem jew il-marka kummerċjali tal-importatur jew tad-distributur stess;
- (b) batterija li tkun diġà tqiegħdet fis-suq jew fis-servizz tiġi mmodifikata minn dak l-importatur jew id-distributur b'tali mod li tkun tista' tiġi affettwata l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;
- (c) l-iskop ta' batterija diġà mqiegħda fis-suq jew fis-servizz jiġi mmodifikat minn dak l-importatur jew id-distributur.

Artikolu 45

Identifikazzjoni tal-operaturi ekonomiċi

Fuq talba ta' awtorità tas-sorveljanza tas-suq jew awtorità nazzjonali, għal perjodu ta' 10 snin wara t-tqiegħid fis-suq ta' batterija, l-operaturi ekonomiċi għandhom jipprovdu informazzjoni dwar dawn li ġejjin:

- (a) l-identità ta' kwalunkwe operatur ekonomiku li jkun forniethom batterija;
- (b) l-identità ta' kwalunkwe operatur ekonomiku li jkunu fornietli batterija, kif ukoll il-kwantità u l-mudelli eżatti.

Kapitolu VII

Immaniġġar ta' tmiem il-ħajja tal-batteriji

Artikolu 46

Reġistru tal-produtturi

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġistru tal-produtturi li għandu jservi biex jissorvelja l-konformità tal-produtturi mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu. Ir-reġistru għandu jiġi ġestit mill-awtorità kompetenti.
2. Il-produtturi għandhom ikunu obbligati jirreġistraw. Għal dak l-għan għandhom jippreżentaw applikazzjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn iqiegħdu fis-suq il-batterija għall-ewwel. Meta produttur ikun ħatar organizzazzjoni

b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-obbligi skont dan l-artikolu għandhom jiġu ssodisfati minn dik l-organizzazzjoni *mutatis mutandis*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

Fl-applikazzjoni tiegħu għar-reġistrazzjoni, il-produttur għandu jipprovdi l-informazzjoni li ġejja lill-awtorità kompetenti:

- (a) l-isem u l-indirizz tal-produttur, inklużi l-kodiċi postali u l-post, it-triq u n-numru, il-pajjiż, in-numri tat-telefon u tal-fax, jekk ikun hemm, l-indirizz tal-internet u l-indirizz tal-posta elettronika;
- (b) il-kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-produttur, inkluż in-numru tar-reġistru kummerċjali tiegħu jew numru tar-reġistrazzjoni uffiċjali ekwivalenti, inkluż in-numru tat-taxxa nazzjonali jew Ewropew;
- (c) fil-każ ta' awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandha, minbarra l-informazzjoni meħtieġa taħt il-punti (a) u (b), tipprovdi
 - (i) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt, inklużi l-kodiċi postali u l-post, it-triq u n-numru, il-pajjiż, in-numri tat-telefon u tal-fax, l-indirizz tal-internet u l-indirizz tal-posta elettronika tal-produtturi rrappreżentati;
 - (ii) il-mandat tal-produttur rrapprezentant;
 - (iii) fejn ir-rappreżentant awtorizzat jirrappreżenta aktar minn produttur wieħed, indikazzjonijiet separati tal-isem u d-dettalji ta' kuntratt ta' kull wieħed mill-produtturi rrappreżentati.
- (d) it-tip ta' batteriji li l-produttur ikollu l-ħsieb li jqiegħed fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru, jiġifieri batteriji portabbli, batteriji industrijali, batteriji tal-vetturi elettriċi, jew batteriji awtomotivi;
- (e) il-marka li taħtha l-produttur għandu l-ħsieb li jforni l-batteriji fl-Istat Membru;
- (f) l-informazzjoni dwar kif il-produttur jissodisfa r-responsabbiltajiet tiegħu stabbiliti fl-Artikolu 47 u r-rekwiżiti skont l-Artikolu 48 u l-Artikolu 49, rispettivament:
 - (i) għall-batteriji portabbli, ir-rekwiżiti ta' dan il-punt (f) għandhom jiġu ssodisfati billi jiġu pprovvuti:
 - dikjarazzjoni li turi l-miżuri stabbiliti mill-produttur biex jintlaħqu l-obbligi ta' responsabbiltà tal-produtturi stabbiliti fl-Artikolu 47, il-miżuri stabbiliti biex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-ġbir separat stabbiliti fl-Artikolu 48(1) fir-rigward tal-ammont ta' batteriji li jforni l-produttur u s-sistema maħsuba biex tiżgura li d-*data* rrapportata lill-awtoritajiet kompetenti tkun affidabbli;
 - fejn applikabbli, l-isem u d-dettalji ta' kuntatt, inklużi l-kodiċi postali u l-post, it-triq u n-numru, il-pajjiż, in-numri tat-telefon u tal-fax, l-indirizz tal-internet u l-indirizz tal-posta elettronika u l-kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi fdata mill-produttur biex tissodisfa l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi f'konformità mal-Artikolu 47(2), inklużi n-numru tar-reġistru kummerċjali jew numru tar-reġistrazzjoni uffiċjali ekwivalenti tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-

responsabbiltà tal-produtturi, inkluż in-numru tat-taxxa nazzjonali jew Ewropew tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, u l-mandat tal-produttur irrappreżentat;

(ii) għall-batteriji awtomotivi, industrijali u tal-vetturi elettriċi, ir-rekwiżiti ta' dan il-punt (f) għandhom jiġu ssodisfati billi jiġu pprovduti:

- dikjarazzjoni li tipprovdi informazzjoni dwar il-miżuri stabbiliti mill-produttur biex jintlaħqu l-obbligi ta' responsabbiltà tal-produtturi stabbiliti fl-Artikolu 47, il-miżuri stabbiliti biex jiġu ssodisfati l-obbligi tal-ġbir stabbiliti fl-Artikolu 49(1) fir-rigward tal-ammont ta' batteriji li jforni l-produttur u s-sistema maħsuba biex tiżgura li d-*data* rrapportata lill-awtoritajiet kompetenti tkun affidabbli;
- fejn applikabbli, il-kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi fdata mill-produttur biex tissodisfa l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi f'konformità mal-paragrafi 2 u 4 tal-Artikolu 47, inklużi n-numru tar-reġistru kummerċjali jew numru tar-reġistrazzjoni uffiċjali ekwivalenti tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, inkluż in-numru tat-taxxa nazzjonali jew Ewropew tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, u l-mandat tal-produttur irrappreżentat;
- fejn l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi tirrappreżenta aktar minn produttur wieħed, hija għandha tindika separatament kif kull wieħed mill-produtturi rrappreżentati jissodisfa r-responsabbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 47.

(g) dikjarazzjoni mill-produttur jew mill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2) li tiddikjara li l-informazzjoni pprovduta hija vera.

3. L-awtorità kompetenti:

- (a) għandha tirċievi applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-produtturi msemmija fil-paragrafu 2 permezz ta' sistema elettronika tal-ipproċessar tad-*data* li d-dettalji tagħhom għandhom ikunu disponibbli fuq is-sit web tal-awtoritajiet kompetenti;
- (b) għandha tagħti reġistrazzjonijiet u tipprovdi numru tar-reġistrazzjoni f'perjodu massimu ta' sitt ġimgħat mill-mument li tiġi pprovduta l-informazzjoni kollha stipulata fil-paragrafu 2;
- (c) tista' tistabbilixxi modalitajiet fir-rigward tar-rekwiżiti u l-proċess tar-reġistrazzjoni mingħajr ma żżid rekwiżiti sostantivi ma' dawk stipulati fil-paragrafu 2;
- (d) tista' titlob ħlasijiet proporzjonati u bbażati fuq il-kostijiet lill-produtturi għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2.

4. Il-produttur, jew, fejn applikabbli, l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2) f'isem il-

produtturi li tirrappreżenta għandha tinnotifika mingħajr dewmien żejjed lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe bidla fl-informazzjoni li tinsab fir-reġistrazzjoni u bi kwalunkwe waqfien permanenti fir-rigward tat-tqegħid fis-suq fit-territorju tal-Istat Membru tal-batteriji msemmija fir-reġistrazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1(d).

Artikolu 47

Responsabbiltà Estiża tal-Produttur

1. Il-produtturi tal-batteriji għandu jkollhom responsabbiltà estiża tal-produtturi għall-batteriji li huma jqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru, biex tiġi żgurata l-kisba tal-obbligi tal-immaniġġar tal-iskart stabbiliti f'dan il-Kapitolu. Din ir-responsabbiltà għandha tinkludi l-obbligu li huma:
 - (a) jorganizzaw il-ġbir separat tal-iskart ta' batteriji f'konformità mal-Artikolu 48 u mal-Artikolu 49 u t-trasport, il-preparazzjoni għal adattament għal skop differenti u għall-manifattura mill-ġdid, it-trattament u r-riċiklaġġ sussegwenti tal-iskart ta' batteriji, inklużi l-miżuri ta' sikurezza meħtieġa, f'konformità mal-Artikolu 56;
 - (b) jirrapportaw dwar l-obbligi relatati mal-batteriji li jkunu tqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 61;
 - (c) jippromwovv u l-ġbir separat tal-batteriji, inkluż billi jkopru l-ispejjeż tat-twettiq ta' s'ħarriġ biex jiġu identifikati batteriji mormija b'mod mhux adegwat mill-utenti finali skont l-Artikolu 48(1);
 - (d) jipprovdu informazzjoni, inkluża informazzjoni dwar tmiem il-ħajja tal-batteriji f'konformità mal-Artikolu 60;
 - (e) jiffinanzjaw l-attivitajiet imsemmija fil-punti minn (a) sa (d).
2. Il-produtturi jistgħu jafdaw organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi awtorizzata f'konformità mal-paragrafu 6 biex twettaq l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi f'isimhom.
3. Il-produtturi u, fejn jinħatru f'konformità mal-paragrafu 2, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom għandhom:
 - (a) ikollhom il-mezzi organizzattivi u finanzjarji meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tar-responsabbiltà estiża tal-produtturi msemmija fil-paragrafu 1;
 - (b) idaħħlu fis-seħħ mekkaniżmu adegwat ta' awtokontroll, appoġġat minn awditi indipendenti regolari, biex jivvalutaw regolarment:
 - (i) il-ġestjoni finanzjarja tagħhom, inkluż il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1(e) u l-punt (a) ta' dan il-paragrafu;
 - (ii) il-kwalità tad-*data* miġbura u rrapportata skont il-paragrafu 1(b) ta' dan l-Artikolu u skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006.
4. Fil-każ ta' eżerċizzju kollettiv ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lilhom mill-produtturi:
 - (a) ikunu modulati bħala minimu mit-tip ta' batterija u l-kimika tal-batterija u, kif xieraq, b'kont meħud tar-rikarikkabbiltà u l-livell ta' kontenut riċiklat fil-manifattura tal-batteriji;

- (b) jiġu aġġustati biex jitqies kwalunkwe dħul mill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi mill-użu mill-ġdid u mill-bejgħ ta' materja prima sekondarja mill-batteriji u mill-iskart ta' batteriji;
- (c) jiżguraw it-trattament indaqs tal-produtturi, irrispettivament mill-orijini jew mid-daqs tagħhom, mingħajr ma jqiegħdu piż regolatorju sproporzjonat fuq il-produtturi, inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, ta' kwantitajiet żgħar ta' batteriji.
5. Fejn, f'konformità mal-Artikoli 48(2), 49(3), 53(1), 56(1), u mal-paragrafi 1, 2 u 3 tal-Artikolu 61, l-attivitajiet biex jitwettqu l-obbligi msemmija fil-punti minn (a) sa (d) tal-paragrafu 1 jitwettqu minn parti terza minbarra produttur jew organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, il-kostijiet li għandhom jiġu koperti mill-produtturi ma għandhomx jaqbu l-kostijiet li huma meħtieġa biex daww il-attivitajiet jiġu pprovduti b'mod kosteffiċjenti. Tali kostijiet għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn il-produtturi u l-partijiet terzi kkonċernati u jiġu aġġustati sabiex jitqies kwalunkwe dħul mill-użu mill-ġdid u mill-bejgħ ta' materja prima sekondarja mill-batteriji u mill-iskart ta' batteriji.
6. L-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom japplikaw għal awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti. L-awtorizzazzjoni għandha tingħata biss meta jintwera li l-miżuri stabbiliti mill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jkunu biżżejjed biex jissodisfaw l-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu fir-rigward tal-ammont ta' batteriji li jitqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru mill-produtturi li f'isimhom taġixxi. L-awtorità kompetenti għandha, f'intervalli regolari, tivverifika jekk il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni stabbiliti fil-paragrafi 1, 3, 4 u 5 għadhomx jiġu ssodisfati. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffissaw id-dettalji tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni u l-modalitajiet għall-verifika tal-konformità, inkluża l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-produtturi għal dak il-għan.
- L-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien bla bżonn dwar kwalunkwe bidla fl-informazzjoni li tinsab fl-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, dwar kwalunkwe bidla li tikkonċerna t-termini tal-awtorizzazzjoni u dwar il-waqfien permanenti tal-operazzjonijiet.
- Meta, fit-territorju ta' Stat Membru, diversi organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jkunu awtorizzati biex jissodisfaw l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi f'isem il-produtturi, huma għandhom iwettqu l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi tagħhom b'mod ikkoordinat sabiex tiġi żgurata kopertura fit-territorju kollu tal-Istat Membru tal-attivitajiet taħt il-paragrafu 1(a). L-Istati Membri għandhom jafdaw lill-awtorità kompetenti jew jaħtru parti terza indipendenti biex tissorvelja li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jikkoordinaw f'konformità mas-sentenza preċedenti.
7. Sabiex tintwera l-konformità mal-paragrafu 3(a), il-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-paragrafu 2, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom, għandhom jipprovdu garanzija li tista' tieħu l-forma ta' assigurazzjoni għar-riċiklaġġ jew kont bankarju mblukkat, jew parteċipazzjoni mill-produttur f'organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi.

8. L-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jiżguraw il-kunfidenzjalità tad-*data* fil-pussess tagħhom fir-rigward ta' informazzjoni proprjetarja jew informazzjoni direttament attribwibbli lil produtturi individwali jew lir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom.
9. L-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jipubblikaw l-informazzjoni li ġejja fuq is-siti web tagħhom sal-aħħar ta' kull sena, soġġetti għall-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali:
 - (a) is-sjieda tal-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi;
 - (b) il-lista tal-produtturi li fdaw lill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi biex twettaq l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi tagħhom f'isimhom;
 - (c) ir-rata ta' ġbir separat tal-iskart ta' batteriji, il-livell ta' riċiklaġġ u l-effiċjenzi tar-riċiklaġġ miksuba abbażi tal-ammont ta' batteriji li tqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fl-Istat Membru mill-produtturi membri tagħhom;
 - (d) il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-produtturi membri tagħhom għal kull batterija jew għal kull piż tal-batteriji, li jindikaw ukoll il-kategoriji ta' modulazzjoni tat-tariffi applikati f'konformità mal-paragrafu 4(a).
10. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-konformità tal-produtturi, inklużi dawk li jfornu batteriji permezz ta' kuntratti mill-bogħod u, meta jkun maħtura f'konformità mal-paragrafu 2, tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom, mal-obbligi stabbiliti f'dan l-Artikolu.
11. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu maħsub biex jiżgura djalogu regolari bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti involuti fit-twettiq tal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi għall-batteriji, inklużi produtturi u distributuri, operaturi privati jew pubbliċi tal-iskart, awtoritajiet lokali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u, fejn applikabbli, atturi tal-ekonomija soċjali, netwerks ta' użu mill-ġdid u ta' tiswija u operaturi tal-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid.
12. Fejn meħtieġ biex tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq intern, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-kriterji għall-applikazzjoni tal-paragrafu 4(a). Dak l-att ta' implimentazzjoni ma jistax ikun jikkonċerna d-determinazzjoni preċiża tal-livell tal-kontribuzzjonijiet. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).
13. L-Artikoli 8 u 8a tad-Direttiva 2008/98/KE ma għandhomx japplikaw għall-batteriji.

Artikolu 48

Il-ġbir tal-iskart ta' batteriji portabbli

1. Il-produtturi jew, fejn jinħatru f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom, għandhom jiżguraw il-ġbir tal-iskart kollu ta' batteriji portabbli, irrispettivament min-natura, il-marka jew l-oriġini tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru fejn huma jqiegħdu l-batteriji fis-suq għall-ewwel darba. Għal dak l-iskop, huma għandhom:
 - (a) jistabbilixxu punti ta' ġbir tal-iskart ta' batteriji portabbli;

- (b) joffru l-ġbir ta' skart ta' batteriji portabbli, mingħajr ħlas, lill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 2(a) u jipprevedu l-ġbir tal-iskart ta' batteriji portabbli mill-entitajiet kollha li jkunu għamlu użu minn dik l-offerta (“punti ta' ġbir konnessi”);
 - (c) jipprevedu l-arranġamenti prattiċi meħtieġa għall-ġbir u t-trasport, inkluż il-forniment mingħajr ħlas ta' kontenituri xierqa għall-ġbir u t-trasport li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2008/98/KE għall-punti ta' ġbir konnessi;
 - (d) jiżguraw il-ġbir mingħajr ħlas tal-iskart ta' batteriji portabbli miġbur mill-punti tal-ġbir konnessi, bi frekwenza li tkun proporzjonata għaż-żona koperta u l-volum u n-natura perikoluża tal-iskart ta' batteriji portabbli ġeneralment miġbur minn dawk il-punti ta' ġbir;
 - (e) jiżguraw li l-iskart ta' batteriji portabbli miġbur minn punti ta' ġbir konnessi sussegwentement ikun soġġett għal trattament u riċiklaġġ f'faċilità permessa minn operatur tal-immaniġġar tal-iskart f'konformità mal-Artikolu 56.
2. Il-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom, għandhom jiżguraw li n-netwerk ta' punti ta' ġbir konnessi:
- (a) jikkonsisti f'punti ta' ġbir ipprovduti minnhom b'kooperazzjoni ma':
 - (i) distributuri f'konformità mal-Artikolu 50;
 - (ii) tagħmir elettriku u elettroniku u faċilitajiet għat-trattament tal-vetturi li m'għadhomx jintużaw u għar-riċiklaġġ f'konformità mal-Artikolu 52;
 - (iii) l-awtoritajiet pubbliċi jew il-partijiet terzi li jwettqu l-immaniġġar tal-iskart f'isimhom f'konformità mal-Artikolu 53;
 - (iv) il-punti tal-ġbir volontarji f'konformità mal-Artikolu 54;.
 - (b) ikopri t-territorju kollu tal-Istat Membru b'kont meħud tad-daqs tal-popolazzjoni, il-volum mistenni tal-iskart tal-batteriji portabbli, l-aċċessibbiltà u l-viċinanza għall-utenti finali, li ma jkunx limitat għal żoni fejn il-ġbir u l-immaniġġar sussegwenti tal-iskart ta' batteriji portabbli huma profittabbli.
3. L-utenti finali, meta jarmu l-iskart tal-batteriji portabbli fil-punti ta' ġbir imsemmija fil-paragrafu 2, ma għandhomx jintalbu jħallsu jew ikunu obbligati jixtru batterija ġdida.
4. Il-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom, għandhom jilħqu, u jżommu b'mod durabbli, mill-inqas il-miri tal-ġbir li ġejjin ta' skart tal-batteriji portabbli, ikkalkolati bħala persentaġġi tal-batteriji portabbli, minbarra l-batteriji minn mezzi tat-trasport ħfief, li tqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fi Stat Membru mill-produttur rispettiv jew b'mod kollettiv mill-produtturi koperti minn organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi:
- (a) 45 % sal-31 ta' Diċembru 2023;
 - (b) 65 % sal-31 ta' Diċembru 2025;
 - (c) 70 % sal-31 ta' Diċembru 2030.
- Il-produtturi jew, fejn ikunu maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li

jaġixxu f'isimhom, għandhom jikkalkolaw ir-rata tal-ġbir imsemmija f'dan il-paragrafu f'konformità mal-Anness XI.

5. Il-punti ta' ġbir stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 1 u mal-paragrafu 2(a) ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni jew permessi tad-Direttiva 2008/98/KE.
6. Il-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandhom jitolbu awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti li għandha tivverifika l-konformità tal-arranġamenti stabbiliti biex tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu. Fil-każ li l-awtorizzazzjoni tintalab minn organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, it-talba għall-awtorizzazzjoni għandha tidentifika b'mod ċar il-produtturi membri attivi li tkun qed tirrappreżenta.
7. L-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għandha tiżgura l-kunfidenzjalità tad-*data* fil-pussess tagħha fir-rigward tal-informazzjoni proprjetarja jew tal-informazzjoni attribwibbli direttament lill-produtturi individwali. Fl-awtorizzazzjoni tagħha, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati għal dak l-għan.
8. L-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 6 tista' biss tingħata fejn jintwera, billi tiġi pprovduta evidenza dokumentata, li r-rekwiżiti tal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu huma ssodisfati u li l-arranġamenti kollha huma fis-seħħ biex jippermettu l-kisba u ż-żamma b'mod dewwiemi tal-mira tal-ġbir imsemmija fil-paragrafu 4. Meta l-awtorizzazzjoni tintalab minn organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, hija għandha tinkiseb bħala parti mill-awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 47(6).
9. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi d-dettalji tal-proċedura għall-għoti tal-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 6 biex tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi minn 1 sa 4 u fl-Artikolu 56. Dan għandu jinkludi r-rekwiżiti ta' rapport ta' esperti indipendenti għal verifika *ex ante* tal-arranġamenti għall-ġbir skont dan l-artikolu b'mod li tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti skont dan l-Artikolu. Dan għandu jinkludi wkoll perjodi ta' żmien għall-verifika tal-passi rispettivi u d-deċizzjoni li għandha tittieħed mill-awtorità kompetenti, li ma għandhomx jaqbzū sitt ġimgħat mill-preżentazzjoni ta' dossier komplet tal-applikazzjoni.
10. L-awtorità kompetenti għandha tirrieżamina regolarment, u tal-anqas kull tliet snin, jekk il-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 6 għadhomx issodisfati. L-awtorizzazzjoni tista' tiġi revokata meta l-mira tal-ġbir stabbilita fil-paragrafu 4 ma tintlaħaqx jew il-produttur jew l-organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur tkun fi ksur materjali tal-obbligi tagħha skont il-paragrafi 1 sa 3.
11. Il-produttur jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li taġixxi f'ismu, għandhom jinnotifikaw minnufih lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe bidla fil-kundizzjonijiet koperti mill-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 7, bi kwalunkwe bidla li tikkonċerna t-termini tal-awtorizzazzjoni taħt il-paragrafu 8 u bil-waqfien permanenti tal-operazzjonijiet.
12. Kull ħames snin l-Istati Membri għandhom iwettqu sħarriġ dwar il-kompożizzjoni tal-inqas fil-livell NUTS 2 tal-flussi tal-iskart municiġjali miġbur u l-iskart ta' taġhmir elettriku u elettroniku biex jiġi ddeterminat is-sehem tal-iskart ta' batteriji portabbli fihom. L-ewwel sħarriġ għandu jitwettaq sal-31 ta' Diċembru 2023.

Abbażi tal-informazzjoni miksuba, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jesigū, meta jagħtu jew jirrieżaminaw awtorizzazzjoni skont il-paragrafi 6 u 10, li l-produtturi ta' batteriji portabbli jew l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jieħdu azzjoni korrettiva biex iżidu n-network tagħhom tal-punti tal-ġbir konnessi u jwettqu kampanji ta' informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 60(1) b'mod proporzjonat mas-sehem tal-iskart tal-batteriji portabbli fl-iskart muniċipali mħallat u fl-iskart tal-flussi ta' tagħmir elettriku u elettroniku misjub fl-istħarriġ.

Artikolu 49

Ġbir tal-iskart tal-batteriji awtomotivi, tal-batteriji industrijali u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi

1. Il-produtturi tal-batteriji awtomotivi, tal-batteriji industrijali u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, għandhom jieħdu lura, mingħajr ħlas u mingħajr obbligu fuq l-utent finali li jixtri batterija ġdida, u lanqas li jkun xtara l-batterija mingħandhom, l-iskart kollu tal-batteriji awtomotivi, tal-batteriji industrijali u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi tat-tip rispettiv li huma jkun qiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' dak l-Istat Membru. Għal dak l-għan, huma għandhom jaċċettaw li jieħdu lura l-iskart tal-batteriji awtomotivi, tal-batteriji industrijali u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi mingħand l-utenti finali, jew mill-punti ta' ġbir ipprovduti b'kooperazzjoni ma':
 - (a) id-distributuri tal-batteriji awtomotivi, tal-batteriji industrijali u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi f'konformità mal-Artikolu 50(1);
 - (b) il-faċilitajiet għat-trattament u r-riċiklaġġ tal-iskart tat-tagħmir elettriku u elettroniku u ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw imsemmija fl-Artikolu 52 għall-iskart tal-batteriji awtomotivi, industrijali u tal-vetturi elettriċi li jirriżulta mill-operazzjonijiet tagħhom;
 - (c) l-awtoritajiet pubbliċi jew il-partijiet terzi li jwettqu l-immaniġġar tal-iskart f'isimhom f'konformità mal-Artikolu 53.

Meta l-iskart tal-batteriji industrijali jkun jirrikjedi ż-żarmar minn qabel fil-bini tal-utenti privati u mhux kummerċjali, l-obbligu tal-produttur li jieħu lura dawk il-batteriji għandu jinkludi l-kopertura tal-ispejjeż taż-żarmar u tal-ġbir tal-iskart tal-batteriji fil-bini ta' dawk l-utenti.

2. L-arranġamenti ta' teħid lura stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom ikopru t-territorju kollu ta' Stat Membru b'kont meħud tad-daqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni tal-iskart tal-batteriji awtomotivi, industrijali u tal-vetturi elettriċi, l-aċċessibbiltà u l-qrubija għall-utenti finali, li ma jkunux limitati għal żoni fejn il-ġbir u l-immaniġġar sussegwenti tal-iskart tal-batteriji awtomotivi, industrijali u tal-vetturi elettriċi huma l-aktar profittabbli.
3. Il-produtturi tal-batteriji awtomotivi, tal-batteriji industrijali u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, għandhom:
 - (a) jipprovdur lill-punti ta' ġbir imsemmija fil-paragrafu 1 b'infrastruttura tal-ġbir adegwata għall-ġbir separat tal-iskart ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' sikurezza applikabbli u jkopru l-kostijiet meħtieġa mġarrba minn dawk il-punti ta' ġbir

b'rabta mal-attivitajiet ta' teħid lura. Il-kontenituri għall-għbir u l-ħażna temporanja ta' tali batteriji fil-punt tal-għbir għandhom ikunu adegwati biex jipprovdu għall-volum u n-natura perikoluża tal-iskart ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi li x'aktarx jinġabru minn dawk il-punti ta' għbir;

- (b) jgħbr u l-iskart ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi mill-punti ta' għbir imsemmija fil-paragrafu 1 bi frekwenza li tkun proporzjonata għall-kapaċità tal-ħażna tal-infrastruttura tal-għbir separat u l-volum u n-natura perikoluża tal-iskart ta' batteriji li ġeneralment jinġabar minn dawk il-punti ta' għbir;
- (c) jipprevedu l-kunsinna tal-iskart ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi miġbur mill-utenti finali u mill-punti ta' għbir imsemmija fil-paragrafu 1 sal-faċilitajiet għat-ttrattament u r-riċiklaġġ f'konformità mal-Artikolu 56.

- 4. L-entitajiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 3 jistgħu jgħaddu l-iskart ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi miġbur lill-operaturi awtorizzati tal-immaniġġar tal-iskart għat-ttrattament u r-riċiklaġġ f'konformità mal-Artikolu 56. F'tali każijiet, l-obbligu tal-produtturi skont il-paragrafu 3 (c) għandu jittqies li jkun ġie ssodisfat.

Artikolu 50 *Obbligi tad-distributuri*

- 1. Id-distributuri għandhom jieħdu lura l-iskart ta' batteriji mingħand l-utent finali mingħajr ħlas u mingħajr obbligu li jixtru batterija ġdida, irrispettivament mill-kompożizzjoni kimika jew l-oriġini tagħhom. It-teħid lura għall-batteriji portabbli għandu jiġi pprovdut fl-istabbiliment tal-bejgħ bl-imnut tagħhom jew fil-viċinanza immedjata tiegħu. It-teħid lura għall-iskart ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi għandu jiġi pprovdut fl-istabbiliment tal-bejgħ bl-imnut tagħhom jew fil-viċinanza immedjata tiegħu. Dan l-obbligu huwa limitat għat-tipi ta' skart ta' batteriji li d-distributur għandu, jew kellu, bħal batteriji ġodda fl-offerta tiegħu u, għal batteriji portabbli, għall-kwantità li normalment jarmu l-utenti finali mhux professjonali.
- 2. L-obbligu ta' teħid lura stipulat fil-paragrafu 1 ma japplikax għall-iskart ta' prodotti li jkun fihom il-batteriji. Barra minn hekk, għadu japplika wkoll għall-obbligu tal-għbir separat għall-iskart tal-apparat u l-vetturi li m'għadhomx jintużaw stabbiliti fid-Direttivi 2000/53/KE u 2012/19/UE.
- 3. Id-distributuri għandhom jgħaddu l-iskart ta' batteriji li jkunu ħadu lura lill-produtturi jew lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li huma responsabbli għall-għbir ta' dawk il-batteriji f'konformità mal-Artikoli 48 u 49, rispettivament, jew lil operatur tal-immaniġġar tal-iskart bil-ħsieb tat-ttrattament u r-riċiklaġġ tagħhom f'konformità mal-Artikolu 56.
- 4. L-obbligi skont dan l-Artikolu għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-operaturi li jfornixxu l-batteriji permezz ta' kuntratti mill-bogħod lill-utenti finali. Dawk l-operaturi għandhom jipprevedu għadd suffiċjenti ta' punti ta' għbir li jkopru t-territorju kollu ta' Stat Membru u b'kont meħud tad-daqs u d-densità tal-popolazzjoni, il-volum mistenni tal-iskart ta' batteriji awtomotivi, batteriji

industrijali u batteriji ta' vetturi elettriċi, l-aċċessibbiltà u l-qrubija għall-utenti finali li jippermettu lill-utenti finali jirritornaw il-batteriji.

Artikolu 51

Obbligi tal-utenti finali

1. L-utenti finali għandhom jarmu l-iskart ta' batteriji separatament minn flussi ta' skart oħrajn, inkluż minn skart municiipali mħallat.
2. L-utenti finali għandhom jarmu l-iskart ta' batteriji f'punti ta' ġbir separat magħżula stabbiliti minn jew f'konformità mal-arranġamenti speċifiċi konklużi mal-produttur jew ma' organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, f'konformità mal-Artikoli 48 u 49.
3. L-iskart ta' batteriji portabbli inkorporati f'apparati li jistgħu jitneħħew faċilment mill-utent finali mingħajr l-użu ta' għodod professjonali għandu jitneħħa u jintrema mill-utenti finali f'konformità mal-paragrafu 1.
4. L-iskart ta' batteriji inkorporati f'vetturi jew apparat u li ma jistgħux jitneħħew faċilment mill-utent finali, għandu jintrema mill-utent finali f'konformità mad-Direttivi 2000/53/KE u 2012/19/UE, fejn applikabbli.

Artikolu 52

Obbligi tal-faċilitajiet għat-trattament

L-operaturi tal-faċilitajiet għat-trattament tal-iskart soġġetti għad-Direttivi 2000/53/KE u 2012/19/UE għandhom jgħaddu l-iskart ta' batteriji li jirriżulta mit-trattament ta' vetturi li ma għadhomx jintużaw u l-iskart ta' tagħmir elettriku u elettroniku lill-produtturi tal-batteriji rilevanti jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2) ta' dan ir-Regolament, lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom jew lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart bil-ħsieb tat-trattament u r-riċiklaġġ tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 56 ta' dan ir-Regolament. L-operaturi tal-faċilitajiet tat-trattament tal-iskart għandhom iżommu rekords ta' dawk it-tranżazzjonijiet.

Artikolu 53

Parteċipazzjoni tal-awtoritajiet tal-immaniġġar tal-iskart pubbliku

1. L-iskart ta' batteriji li joriġina minn utenti privati u mhux kummerċjali jista' jintrema f'punti tal-ġbir separat stabbiliti minn awtoritajiet pubbliċi tal-immaniġġar tal-iskart.
2. L-awtoritajiet pubbliċi tal-immaniġġar tal-iskart għandhom jgħaddu l-iskart ta' batteriji miġbur lill-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), lill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom, jew lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart bil-ħsieb tat-trattament u r-riċiklaġġ ta' dak l-iskart ta' batteriji f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 56 jew iwettqu t-trattament u r-riċiklaġġ tagħhom huma stess f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 56.

Artikolu 54

Parteċipazzjoni tal-punti tal-ġbir volontarji

Il-punti tal-ġbir volontarji tal-iskart ta' batteriji portabbli għandhom jgħaddu l-iskart ta' batteriji portabbli lill-produtturi tal-batteriji portabbli jew lil partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom, inklużi organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-

produtturi, jew lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart bil-ħsieb tat-trattament u r-riċiklaġġ tagħhom f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 56.

Artikolu 55

Ir-rati tal-ġbir għall-iskart ta' batteriji portabbli

1. L-Istati Membri għandhom jilħqu l-miri minimi ta' ġbir li ġejjin għall-iskart ta' batteriji portabbli, minbarra l-iskart ta' batteriji minn mezzi ta' trasport ħfief:
 - (a) 45 % sal-31 ta' Diċembru 2023;
 - (b) 65 % sal-31 ta' Diċembru 2025;
 - (c) 70 % sal-31 ta' Diċembru 2030.
2. L-Istati Membri għandhom jikkalkolaw ir-rati ta' ġbir stabbiliti fil-paragrafu 1 f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness XI.
3. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2030, tirrieżamina l-mira stabbilita fil-paragrafu 1(c) u, bħala parti minn dak ir-rieżami tikkunsidra l-istabbiliment ta' mira tal-ġbir għall-batteriji li jħaddmu mezzi ħfief ta' trasport, fid-dawl tal-evoluzzjoni tas-sehem mis-suq, bħala mira separata jew bħala parti minn reviżjoni tal-mira stabbilita fil-paragrafu 1 (c) u fl-Artikolu 48(4). Dan ir-rieżami jista' jikkunsidra wkoll l-introduzzjoni ta' metodoloġija ta' kalkolu sabiex tiġi kkalkolata r-rata ta' ġbir separat bil-ħsieb li tkun tirrifletti l-kwantità ta' skart ta' batteriji disponibbli għall-ġbir. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżitu tar-rieżami akkumpanjat, jekk xieraq, minn proposta leġiżlattiva.
4. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 biex temenda l-metodoloġija għall-kalkolu tar-rata tal-ġbir għall-batteriji portabbli stipulata fl-Anness XI.

Artikolu 56

Trattament u riċiklaġġ

1. L-iskart ta' batteriji miġbur ma għandux jintrema f'miżbla jew jiġi inċinerat.
2. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2010/75/UE, il-faċilitajiet permessi għandhom jiżguraw li l-proċessi kollha ta' trattament u riċiklaġġ għall-iskart ta' batteriji jkunu konformi, bħala minimu, mal-Parti A tal-Anness XII u mal-aħjar tekniki disponibbli kif definiti fl-Artikolu 3(10) tad-Direttiva 2010/75/UE.
3. Minbarra l-Artikolu 51(3), meta l-batteriji jinġabru waqt li jkunu għadhom inkorporati fi skart ta' apparat, huma għandhom jitneħħew mill-iskart ta' apparat miġbur f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 2012/19/UE.
4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 biex temenda r-rekwiżiti tat-trattament u r-riċiklaġġ għall-iskart ta' batteriji stipulati fil-Parti A tal-Anness XII fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku u t-teknoloġiji ġodda emerġenti fl-immaniġġar tal-iskart.

Artikolu 57

Effiċjenzi tar-riċiklaġġ u miri tal-irkupru tal-materjal

1. L-iskart ta' batteriji kollu miġbur għandu jidħol fi proċess ta' riċiklaġġ.

2. Ir-riċiklaturi għandhom jiżguraw li kull proċess tar-riċiklaġġ għandu jikseb l-effiċjenzi minimi tar-riċiklaġġ u l-livelli tal-materjali rkuprati stipulati, rispettivament, fil-Partijiet B u Ċ tal-Anness XII.
3. L-effiċjenzi tar-riċiklaġġ u l-irkupru tal-materjali stipulati fil-Partijiet B u Ċ tal-Anness XII għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mar-regoli stipulati f'att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 4.
4. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2023, tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-kalkolu u l-verifika tal-effiċjenzi tar-riċiklaġġ u l-irkupru tal-materjali. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).
5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 biex temenda l-livelli minimi ta' materjali rkuprati għall-iskart ta' batteriji stipulati fl-Anness XII, il-Partijiet B u Ċ, fid-dawl tal-progress tekniku u xjentifiku u t-teknoloġiji ġodda emerġenti fl-immaniġġar tal-iskart.

Artikolu 58

Vjeġġi tal-iskart tal-batteriji

1. It-trattament u r-riċiklaġġ jistgħu jitwettqu barra l-Istat Membru kkonċernat jew barra l-Unjoni, sakemm il-vjeġġ tal-iskart ta' batteriji jkun konformi mar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u mar-Regolament (KE) Nru 1418/2007.
2. L-iskart ta' batteriji esportat barra mill-Unjoni f'konformità mal-paragrafu 1 għandu jingħadd biss lejn l-issodisfar tal-obbligi, tal-effiċjenzi u tal-miri stabbiliti fl-Artikolu 56 u fl-Artikolu 57 jekk ir-riċiklatur jew detentur tal-iskart ieħor li jesporta l-iskart ta' batteriji għat-trattament u r-riċiklaġġ ikun jista' juri bil-provi li t-trattament seħħ f'kundizzjonijiet li huma ekwivalenti għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat, f'konformità mal-Artikolu 73, li jstabbilixxi regoli dettaljati li jissupplimentaw dawk fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, billi jstabbilixxu l-kriterji għall-valutazzjoni ta' kundizzjonijiet ekwivalenti.

Artikolu 59

Rekwiżiti relatati mal-adattament għal skop differenti u l-manifattura mill-ġdid tal-batteriji industrijali u l-batteriji tal-vetturi elettriċi

1. L-operaturi indipendenti għandhom jingħataw aċċess għas-sistema ta' ġestjoni tal-batterija tal-batteriji industrijali rikarikabbli u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi b'memorja interna b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh, b'termini u kundizzjonijiet ugwali, għall-fini tal-valutazzjoni u d-determinazzjoni tal-istat tas-saħħa u tat-tul tal-ħajja li jkun jifdal tal-batteriji, skont il-parametri stipulati fl-Anness VII.
2. L-operaturi indipendenti li jwettqu operazzjonijiet ta' adattament għal skop differenti jew manifattura mill-ġdid għandhom jingħataw aċċess adegwat b'termini u kundizzjonijiet ugwali, għall-informazzjoni rilevanti għall-immaniġġar u l-ittestjar tal-batteriji industrijali rikarikabbli u tal-batteriji tal-vetturi elettriċi, jew tal-apparat u l-vetturi li fihom ikunu inkorporati tali batteriji, kif ukoll tal-komponenti ta' tali batteriji, apparat jew vetturi, inklużi l-aspetti ta' sikurezza.

3. L-operaturi li jwettqu operazzjonijiet ta' adattament għal skop differenti jew manifattura mill-ġdid tal-batteriji għandhom jiżguraw li l-eżami, l-ittestjar tal-prestazzjoni, l-ippakkjar u l-vjeġġ tal-batteriji u tal-komponenti tagħhom jitwettqu wara kontroll tal-kwalità adegwat u skont l-istruzzjonijiet dwar is-sikurezza.
4. L-operaturi li jwettqu operazzjonijiet ta' adattament għal skop differenti jew manifattura mill-ġdid tal-batteriji għandhom jiżguraw li l-batterija adattata għal skop differenti jew manifatturata mill-ġdid tkun konformi ma' dan ir-Regolament, mar-rekwiżiti rilevanti tal-prodott, dawk ambjentali u tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem f'leġiżlazzjoni oħra u mar-rekwiżiti tekniċi għall-iskop speċifiku tal-użu tagħha meta titqiegħed fis-suq.
 Batterija li tkun ġiet adattata għal skop differenti jew manifatturata mill-ġdid ma għandhiex tkun soġġetta għall-obbligi stipulati fl-Artikolu 7(1), (2) u (3), fl-Artikolu 8(1), (2) u (3), fl-Artikolu 10(1) u (2) u fl-Artikolu 39(1) fejn l-operatur ekonomiku li jqiegħed fis-suq batterija adattata għal skop differenti jew manifatturata mill-ġdid jista' juri li l-batterija, qabel l-adattament tagħha għal skop differenti jew il-manifattura mill-ġdid tagħha, tqiegħdet fis-suq qabel id-dati li fihom dawk l-obbligi jsiru applikabbli f'konformità ma' dawk l-Artikoli.
5. Sabiex jiddokumenta li l-iskart ta' batterija, soġġetta għal operazzjoni ta' adattament għal skop differenti jew ta' manifatturata mill-ġdid, ma għadux skart, is-sid tal-batterija għandu juri dan li ġej fuq talba ta' awtorità kompetenti:
 - (a) evidenza tal-evalwazzjoni jew tal-ittestjar tal-istat tas-saħħa mwettqa fi Stat Membru fil-forma ta' kopja tar-rekord li tikkonferma l-kapaċità tal-batterija li tagħti l-prestazzjoni rilevanti għall-użu tagħha wara operazzjoni ta' adattament għal skop differenti jew ta' manifattura mill-ġdid;
 - (b) użu ulterjuri tal-batterija li tkun soġġetta għal adattament tagħha għal skop differenti jew għall-manifattura mill-ġdid tagħha, iddokumentat permezz ta' fattura jew ta' kuntratt għall-bejgħ jew għat-trasferiment tas-sjieda tal-batterija;
 - (c) evidenza ta' protezzjoni xierqa kontra ħsara waqt it-trasport, it-tagħbija u l-ħatt, inkluż permezz ta' imballaġġ suffiċjenti u stivar xieraq tat-tagħbija.
6. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 u fil-punt (a) tal-paragrafu 5 għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-utenti finali u ta' partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom, b'termini u kundizzjonijiet ugwali, bħala parti mid-dokumentazzjoni teknika li takkumpanja l-batterija adattata għal skop differenti jew manifatturata mill-ġdid meta titqiegħed fis-suq jew fis-servizz.
7. L-ġhoti ta' informazzjoni f'konformità mal-paragrafi 1, 2, 5 u 6 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-preservazzjoni tal-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva f'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti.
8. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu rekwiżiti dettaljati li l-batteriji jeħtieġu jissodisfaw biex ma jibqgħux jiġu kkunsidrati bħala skart u r-rekwiżiti għad-*data* u l-metodoloġija għall-istima tal-istat tas-saħħa tal-batteriji. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).

Artikolu 60
Informazzjoni dwar it-tmiem tal-ħajja

1. Il-produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom għandhom jaġhmlu disponibbli għall-utenti finali u d-distributuri l-informazzjoni li ġejja dwar il-prevenzjoni u l-immaniġġar tal-iskart ta' batteriji fir-rigward tat-tipi ta' batteriji li l-produtturi jfornu fit-territorju ta' Stat Membru:
 - (a) il-kontribut tal-utenti finali għall-prevenzjoni tal-iskart, inkluż permezz ta' informazzjoni dwar prattiki tajbin rigward l-użu tal-batteriji, bl-għan li jiġu estenzi l-fażi tal-użu tagħhom u l-possibbiltajiet ta' preparazzjoni għal użu mill-ġdid;
 - (b) ir-rwol tal-utenti finali fil-kontribut għall-ġbir separat tal-iskart ta' batteriji f'konformità mal-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 51 sabiex jippermettu t-trattament u r-riċiklaġġ tagħhom;
 - (c) il-ġbir separat, il-preparazzjoni għal użu mill-ġdid u s-sistemi ta' riċiklaġġ disponibbli għall-iskart ta' batteriji;
 - (d) l-istruzzjonijiet ta' sikurezza meħtieġa għall-immaniġġar tal-iskart ta' batteriji, inkluż b'rabta mar-riskji assoċjati ma' batteriji li fihom il-litju u l-immaniġġar tagħhom;
 - (e) it-tifsira tat-tikketti u s-simboli stampati fuq il-batteriji jew fuq l-imballaġġ tagħhom;
 - (f) l-impatt tas-sustanzi li jinsabu fil-batteriji fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem, inkluż l-impatt minħabba r-rimi mhux xieraq tal-iskart ta' batteriji, bħal rimi tal-iskart jew rimi bħala skart municiipali mhux isseparat.

Din l-informazzjoni għandha tiġi magħmula disponibbli

- (a) f'intervalli ta' żmien regolari għal kull mudell mill-mument li l-mudell tal-batterija kkonċernat jitqiegħed fis-suq għall-ewwel darba fi Stat Membru bħala minimu fil-punt tal-bejgħ b'mod viżibbli u permezz ta' swieq online;
 - (b) b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti finali oħrajn, kif iddeterminata mill-Istat Membru kkonċernat.
2. Il-produtturi għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tad-distributuri u tal-operaturi msemmija fl-Artikoli 50, 52 u 53 u ta' operaturi oħrajn tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu l-attivitajiet ta' tiswija, manifattura mill-ġdid, preparazzjoni għal użu mill-ġdid, trattament u riċiklaġġ informazzjoni rigward il-miżuri ta' sikurezza u ta' protezzjoni, inkluż dwar is-sikurezza okkupazzjonali, applikabbli għall-ħażna u l-ġbir tal-iskart ta' batteriji.
3. Mill-mument li mudell ta' batterija jiġi fornut fit-territorju ta' Stat Membru, il-produtturi għandhom jaġhmlu disponibbli elettronikament, fuq talba, lill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu attivitajiet ta' tiswija, manifattura mill-ġdid, preparazzjoni għal użu mill-ġdid, trattament u riċiklaġġ, sa fejn tkun meħtieġa minn dawk l-operaturi biex iwettqu dawk l-attivitajiet, l-informazzjoni speċifika li ġejja dwar il-mudell tal-batterija fir-rigward tat-trattament xieraq u li jirrispetta l-ambjent tal-iskart ta' batteriji:
 - (a) il-proċessi biex jiġi żgurat li l-vetturi u l-apparati jiżżarmaw b'mod li jippermetti t-tneħħija tal-batteriji inkorporati;

- (b) il-miżuri tas-sikurezza u tal-protezzjoni, inkluż dwar is-sikurezza okkupazzjonali, applikabbli għall-proċessi tal-ħażna, it-trasport, it-trattament u r-riċiklaġġ għall-iskart ta' batteriji.

Dik l-informazzjoni għandha tidentifika l-komponenti u l-materjali, u l-pożizzjoni tas-sustanzi perikolużi kollha f'batteryja, sa fejn ikun meħtieġ mill-operaturi li jwettqu attivitajiet ta' tiswija, manifattura mill-ġdid, preparazzjoni għal użu mill-ġdid, trattament u riċiklaġġ sabiex ikunu jistgħu jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Dik l-informazzjoni għandha tiġi magħmula disponibbli b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment mill-operaturi msemmija fl-ewwel subparagrafu, kif iddeterminata mill-Istat Membru kkonċernat.

4. Id-distributuri li jfornu l-batteriji lill-utenti finali għandhom jipprovdu fil-ħwienet tal-imnut tagħhom, b'mod viżibbli, u permezz tas-swieq online tagħhom, l-informazzjoni elenkata fil-paragrafi 1 u 2, u informazzjoni dwar kif l-utenti finali jistgħu jirritornaw l-iskart ta' batteriji mingħajr ħlas lejn il-punti ta' ġbir rispettivi stabbiliti fil-ħwienet tal-imnut jew f'isem suq. Dak l-obbligu għandu jkun limitat għat-tipi ta' batteriji li d-distributur jew il-bejjieġ bl-imnut għandu, jew kellu, bħala batteriji ġodda fl-offerta tiegħu.
5. Il-kostijiet koperti mill-produttur skont l-Artikolu 47(1)(e) għandhom jintwerew separatament lill-utent finali fil-punt tal-bejgħ ta' batteryja ġdida. Il-kostijiet imsemmija ma għandhomx jaqbu l-aħjar stima tal-kostijiet reali mġarrba.
6. Meta l-informazzjoni tiġi pprovduta pubblikament lill-utenti finali skont dan l-Artikolu, għandha tiġi ppreservata l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva f'konformità mal-liġi nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti.

Artikolu 61

Rapportar lill-awtoritajiet kompetenti

1. Il-produtturi tal-batteriji portabbli jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti, għal kull sena kalendarja, l-informazzjoni li ġejja skont il-kimika tal-batteryja, li tispeċifika l-ammonti ta' batteriji li jħaddmu mezz tat-trasport ħfief:
 - (a) l-ammont ta' batteryja portabbli li tqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru, minbarra kwalunkwe batteryja portabbli li jkunu telqu mit-territorju ta' dak l-Istat Membru f'dik is-sena qabel ma jinbiegħu lill-utenti finali;
 - (b) l-ammont tal-iskart ta' batteryja portabbli miġbur f'konformità mal-Artikolu 48, ikkalkolat abbażi tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness XI;
 - (c) il-mira tal-ġbir milħuqa mill-produttur jew mill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li taġixxi f'isem il-membri tagħhom;
 - (d) l-ammont tal-iskart ta' batteryja portabbli miġbur ikkonsenjat għat-trattament u r-riċiklaġġ f'faċilitajiet permessi.

Meta l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart minbarra produtturi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom, jiġbru l-iskart ta' batteryja

portabbli minn distributuri jew punti ta' ġbir oħrajn għall-iskart ta' batteriji portabbli, huma għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti għal kull sena kalendarja l-ammont tal-iskart ta' batteriji portabbli miġbur skont il-kimika tagħhom u jispeċifikaw l-ammonti ta' batteriji li jħaddmu mezzi tat-trasport ħfief.

L-operaturi msemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafu għandhom jirrapportaw din id-*data* fi żmien erba' xhur minn tmiem is-sena tar-rapportar li għaliha tinġabar id-*data*. L-ewwel perjodu ta' rapportar għandu jikkonċerna l-ewwel sena kalendarja sħiħa wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni li jstabilixxi l-format għar-rapportar lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 62(6).

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabilixxu l-format u l-proċeduri li f'konformità magħhom għandha tiġi rrapportata d-*data* lilhom.

2. Il-produtturi tal-batteriji awtomotivi, il-batteriji industrijali u l-batteriji tal-vetturi elettriċi jew, fejn maħtura f'konformità mal-Artikolu 47(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jaġixxu f'isimhom, għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti, għal kull sena kalendarja, l-informazzjoni li ġejja, skont il-kimiki u t-tipi ta' batteriji:
 - (a) l-ammont ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi li tqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fi Stat Membru, minbarra batteriji li jkunu telqu mit-territorju ta' dak l-Istat Membru f'dik is-sena qabel ma jinbiegħu lill-utenti finali;
 - (b) l-ammont ta' skart ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi miġbur u kkonsenjat għat-trattament u r-riċiklaġġ f'faċilitajiet permessi.
3. Meta l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart jiġbru l-iskart ta' batteriji mingħand id-distributuri jew minn punti oħrajn għall-ġbir tal-iskart ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi, jew inkella mingħand l-utenti finali, huma għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti, għal kull sena kalendarja, l-informazzjoni li ġejja skont il-kimiki tagħhom u t-tipi ta' batteriji:
 - (a) l-ammont ta' skart ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi miġbur;
 - (b) l-ammont ta' skart ta' batteriji awtomotivi, batteriji industrijali u batteriji tal-vetturi elettriċi kkonsenjat għat-trattament u r-riċiklaġġ f'faċilitajiet permessi.

L-operaturi msemmija f'dan il-paragrafu għandhom jirrapportaw dik id-*data* fi żmien erba' xhur minn tmiem is-sena tar-rapportar li għaliha tinġabar id-*data*. L-ewwel perjodu ta' rapportar għandu jikkonċerna l-ewwel sena kalendarja sħiħa wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni li jstabilixxi l-format għar-rapportar lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 62(5).

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jistabilixxu sistemi elettroniċi li permezz tagħhom id-*data* għandha tiġi rrapportata lilhom u jispeċifikaw il-formati li għandhom jintużaw. Is-sistemi elettroniċi għar-rapportar tal-informazzjoni stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu kompatibbli u interoperabbli mar-rekwiżiti tas-sistema ta' skambju ta' informazzjoni stabbilita skont l-Artikolu 64.

4. Id-*data* msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 għandha tinkludi l-batteriji inkorporati f'vetturi u apparat, u l-iskart ta' batteriji mneħħi minn dawk f'konformità mal-Artikolu 52.

5. L-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart li jwettqu t-trattament u r-riċiklaturi għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti, għal kull sena kalendarja, l-informazzjoni li ġejja:
- (a) l-ammont ta' skart ta' batteriji riċevut għat-trattament u r-riċiklaġġ;
 - (b) l-ammont ta' skart ta' batteriji li jidħol fil-proċessi tar-riċiklaġġ;
 - (c) informazzjoni dwar l-effiċjenzi tar-riċiklaġġ u l-livelli ta' materjali rkuprati għall-iskart ta' batteriji.

Ir-rapportar dwar l-effiċjenza tar-riċiklaġġ u l-livelli ta' materjali rkuprati għandu jkopri l-passi individwali kollha tar-riċiklaġġ u l-frazzjonijiet tal-output korrispondenti kollha. Meta proċess tar-riċiklaġġ jitwettaq f'aktar minn faċilità waħda, l-ewwel riċiklatur huwa responsabbli biex jiġbor l-informazzjoni u jirrapporta din l-informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti.

Ir-riċiklaturi għandhom jirrapportaw din id-*data* fi żmien erba' xhur minn tmiem is-sena tar-rapportar li għaliha tinġabar id-*data*. L-ewwel perjodu ta' rapportar għandu jikkonċerna l-ewwel sena kalendarja sħiħa wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni li jstabbilixxi l-format għar-rapportar lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 62(6).

6. Meta d-detenturi tal-iskart minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 4 jesportaw il-batteriji għat-trattament u r-riċiklaġġ, huma għandhom jirrapportaw id-*data* dwar l-ammont ta' skart ta' batteriji miġbur separatament esportat għat-trattament u r-riċiklaġġ u d-*data* msemmija fil-paragrafu 4(b) u (c) lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien erba' xhur minn tmiem is-sena tar-rapportar li għaliha tinġabar id-*data*.

Artikolu 62

Rapportar lill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, f'format aggregat għal kull sena kalendarja, id-*data* li ġejja dwar il-batteriji portabbli, il-batteriji awtomotivi, il-batteriji industrijali u l-batteriji tal-vetturi elettriċi skont it-tipi ta' batteriji u l-kimiki tagħhom u, fir-rigward tal-batteriji portabbli, filwaqt li jidentifikaw separatament il-batteriji li jħaddmu mezzi tat-trasport ħfief:
- (a) l-ammont ta' batteriji li jitqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fi Stat Membru, minbarra l-batteriji li jkun telqu mit-territorju ta' dak l-Istat Membru f'dik is-sena qabel ma jinbiegħu lill-utenti finali;
 - (b) l-ammont ta' skart ta' batteriji miġbur f'konformità mal-Artikoli 48 u 49, ikkalkolat abbażi tal-metodoloġija stabbilita fl-Anness XI;
 - (c) il-valuri tal-effiċjenzi tar-riċiklaġġ miksuba msemmija fil-Parti B tal-Anness XII, u l-valuri tal-irkupru tal-materjal miksub imsemmija fil-Parti C tal-Anness XII.

L-Istati Membri għandhom jagħmlu din id-*data* disponibbli fi żmien 18-il xhur minn tmiem is-sena tar-rapportar li għaliha tinġabar id-*data*. Huma għandhom jagħmlu dik l-informazzjoni pubblika b'mod elettroniku fil-format stabbilit mill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 6, bl-użu ta' servizzi tad-*data* faċilment aċċessibbli li huma interoperabbli mas-Sistema stabbilita skont l-Artikolu 64. Id-*data* għandha tkun tista' tinqara minn magna, tiġi ssortjata u titfittex, filwaqt li jiġu rrispettati l-istandards miftuħa għall-użu minn partijiet terzi. L-Istati Membri

għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta *d-data* msemija fl-ewwel subparagrafu ssir disponibbli.

L-ewwel perjodu ta' rapportar għandu jikkonċerna l-ewwel sena kalendarja sħiħa wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni li jstabbilixxi l-format għar-rapportar, f'konformità mal-paragrafu 6.

Minbarra l-obbligi skont id-Direttiva 2000/53/KE u 2012/19/UE, id-data msemija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 għandha tinkludi l-batteriji inkorporati f'vetturi u apparat, u l-iskart ta' batteriji mneħħi minn dawk f'konformità mal-Artikolu 52.

2. Ir-rapportar dwar l-effiċjenza tar-riċiklaġġ u l-livelli ta' materjali rkuprati msemija fil-paragrafu 1 għandu jkopri l-passi individwali kollha tar-riċiklaġġ u l-frazzjonijiet tal-output korrispondenti kollha.
3. Id-*data* magħmula disponibbli mill-Istati Membri f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tkun akkumpanjata minn rapport ta' kontroll tal-kwalità. Dik l-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata fil-format stabbilit mill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 6.
4. Il-Kummissjoni għandha tiġbor u tirrieżamina l-informazzjoni magħmula disponibbli f'konformità ma' dan l-Artikolu. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport li jivvaluta l-organizzazzjoni tal-ġbir tad-*data*, is-sorsi tad-*data* u l-metodoloġija użata fl-Istati Membri, kif ukoll il-kompletezza, l-affidabbiltà, il-puntwalità u l-konsistenza ta' dik id-*data*. Il-valutazzjoni tista' tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal titjib. Ir-rapport għandu jitfassal wara l-ewwel rapportar tad-*data* mill-Istati Membri u kull erba' snin wara dan.
5. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2023, tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu l-format għad-*data* u l-informazzjoni li għandhom jiġu rrapportati lill-Kummissjoni, kif ukoll il-metodi ta' verifika u l-kundizzjonijiet operattivi, għall-fini tal-paragrafi 1 u 4. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 74(3).

Artikolu 63

Applikazzjoni tal-Kapitolu VII

Il-Kapitolu VII għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2023.

Kapitolu VIII

Skambju elettroniku tal-informazzjoni

Artikolu 64

Sistema ta' skambju elettroniku

1. Sal-1 ta' Jannar 2026, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi s-sistema ta' skambju elettroniku għal informazzjoni dwar il-batteriji ("is-sistema").
2. Is-sistema għandu jkun fiha l-informazzjoni u d-*data* dwar il-batteriji industrijali rikarikabbli u l-batteriji tal-vetturi elettriċi b'memorja interna u b'kapaċità ta' aktar minn 2 kWh kif stipulat fl-Anness XIII. Dik l-informazzjoni u d-*data* għandhom ikunu jistgħu jiġu ssortjati u jitfittxu, filwaqt li jiġu rrispettati l-istandards miftuħa għall-użu minn partijiet terzi.

3. L-operaturi ekonomiċi li jqiegħdu fis-suq batterija industrijali rikarikabbi jew batterija ta' vetturi elettriċi b'memorja interna għandhom jagħmlu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 disponibbli b'mod elettroniku f'format li jista' jinqara minn magna bl-użu ta' servizzi ta' *data* interoperabbli u faċilment aċċessibbli fil-format stabbilit f'konformità mal-paragrafu 5.
4. Il-Kummissjoni għandha, wara rieżami f'konformità mal-Artikolu 62(5), tippubblika permezz tas-Sistema l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 62(1), kif ukoll il-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 62(5).
5. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2024, tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi:
 - (a) l-arkitettura tas-sistema;
 - (b) il-format li fih għandhom ikunu disponibbli d-*data* u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2;
 - (c) ir-regoli għall-aċċess, il-kondiviżjoni, il-ġestjoni, l-esplorazzjoni, il-pubblikazzjoni u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni u tad-*data* fis-sistema.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).

Artikolu 65
Passaport tal-batteriji

1. Sal-1 ta' Jannar 2026, kull batterija industrijali u batterija ta' vetturi elettriċi mqiegħda fis-suq jew imqiegħda fis-servizz u li l-kapaċità tagħha tkun ogħla minn 2 kWh għandu jkollha rekord elettroniku ("passaport tal-batterija").
2. Il-passaport tal-batterija għandu jkun uniku għal kull batterija individwali msemmija fil-paragrafu 1 u għandu jiġi identifikat permezz ta' identifikatur uniku li l-operatur ekonomiku li jqiegħed il-batterija fis-suq għandu jattribwixxi lilu u li għandu jiġi stampat jew imnaqqax fuqu.
3. Il-passaport tal-batterija għandu jkun marbut mal-informazzjoni dwar il-karatteristiċi bażiċi ta' kull tip u mudell ta' batterija maħżuna fis-sorsi tad-*data* tas-Sistema stabbilita skont l-Artikolu 64. L-operatur ekonomiku li jqiegħed batterija industrijali jew batterija ta' vetturi elettriċi fis-suq għandu jiżgura li d-*data* inkluża fil-passaport tal-batterija tkun preċiża, kompleta u aġġornata.
4. Il-passaport tal-batterija għandu jkun aċċessibbli online, permezz ta' sistemi elettroniċi interoperabbli mas-Sistema stabbilita skont l-Artikolu 64.
5. Il-passaport tal-batterija għandu jippermetti aċċess għal informazzjoni dwar il-valuri għall-parametri tal-prestazzjoni u tad-durabbiltà msemmija fl-Artikolu 10(1), meta l-batterija titqiegħed fis-suq u meta tkun soġġetta għal bidliet fl-istatus tagħha.
6. Meta l-bidla fl-istatus tkun dovuta għal attivitajiet ta' tiswija jew ta' adattament għal skop differenti, ir-responsabbiltà għar-reġistrazzjoni tal-batterija fil-passaport tal-batteriji għandha tiġi ttrasferita lill-operatur ekonomiku li jitqies li jqiegħed il-batterija industrijali jew il-batterija ta' vetturi elettriċi fis-suq jew li jqiegħda fis-servizz.
7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi r-regoli għall-aċċess, il-kondiviżjoni, il-ġestjoni, l-esplorazzjoni, il-

pubblikazzjoni u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni u tad-*data* aċċessibbli permezz tal-passaport tal-batteriji.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).

Kapitolu IX

Is-sorveljanza tas-suq tal-Unjoni, il-kontroll tal-batteriji li jidħlu fis-suq tal-Unjoni u l-proċeduri ta' salvagwardja tal-Unjoni

Artikolu 66

Proċedura fil-livell nazzjonali għat-trattament tal-batteriji li jippreżentaw riskju

1. Meta l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed ikollhom raġuni suffiċjenti biex jemmnu li batterija koperta minn dan ir-Regolament tippreżenta riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għas-sikurezza tal-persuni, għall-proprjetà jew għall-ambjent, huma għandhom iwettqu evalwazzjoni b'rabta mal-batterija kkonċernata li tkun tkopri r-rekwiżiti rilevanti kollha stipulati f'dan ir-Regolament.

Meta, matul l-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq isibu li l-batterija ma tkunx konformi mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, huma għandhom jesigū, mingħajr dewmien, li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-azzjonijiet korrettivi kollha xierqa biex il-batterija ssir konformi ma' dawk ir-rekwiżiti, biex tiġi rtirata jew tissejjaħ lura mis-suq f'perjodu ta' żmien raġonevoli li jkun proporzjonat man-natura tar-riskju msemmi fl-ewwel subparagrafu.

L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jinformat lill-korp innotifikat rilevanti kif xieraq.

2. Meta l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq iqisu li n-nuqqas ta' konformità ma jkun ristrett għat-territorju nazzjonali tagħhom, huma għandhom jinformat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bir-riżultati tal-evalwazzjoni u bl-azzjonijiet li jkunu talbu lill-operatur ekonomiku jieħu.
3. L-operatur ekonomiku għandu jiżgura li jittieħdu l-azzjonijiet korrettivi kollha xierqa fir-rigward tal-batteriji kkonċernati kollha li l-operatur ekonomiku jkun qiegħed fis-suq fl-Unjoni kollha.
4. Meta l-operatur ekonomiku rilevanti ma jiħux azzjoni korrettiva xierqa fil-perjodu ta' żmien imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu l-miżuri provviżorji kollha xierqa biex jipprojbixxu jew jirrestrinġu t-tqegħid tal-batteriji fis-suq nazzjonali tagħhom, biex jirtiraw il-batterija minn dak is-suq jew biex din tissejjaħ lura mis-suq.

L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jinformat lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn, mingħajr dewmien, dwar dawk il-miżuri.

5. L-informazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4 għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, b'mod partikolari d-*data* meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-batterija mhux konformi, l-oriġini ta' dik il-batterija, in-natura tal-allegat nuqqas ta' konformità u r-riskju involut, in-natura u d-durata tal-miżuri nazzjonali meħuda u l-argumenti mressqa mill-operatur ekonomiku rilevanti. B'mod partikolari, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jindikaw jekk in-nuqqas ta' konformità huwiex dovut għal xi waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) in-nuqqas tal-batterija li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu II jew III ta' dan ir-Regolament
 - (b) nuqqasijiet fl-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 15;
 - (c) nuqqasijiet fl-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 16.
6. L-Istati Membri minbarra l-Istat Membru li jibda l-proċedura skont dan l-Artikolu għandhom, mingħajr dewmien, jinformaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn bi kwalunkwe miżura adottata u bi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali għad-dispożizzjoni tagħhom dwar in-nuqqas ta' konformità tal-batterija kkonċernata u, fil-każ ta' nuqqas ta' qbil mal-miżura nazzjonali adottata, bl-oġġezzjonijiet tagħhom.
 7. Meta, fi żmien tliet xhur mill-wasla tal-informazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4, ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni minn Stat Membru jew mill-Kummissjoni fir-rigward ta' miżura provviżorja meħuda minn Stat Membru, dik il-miżura għandha titqies ġustifikata.
 8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu miżuri restrittivi xierqa, bħall-irtirar tal-batterija mis-suq, fir-rigward tal-batterija kkonċernata mingħajr dewmien.

Artikolu 67

Proċedura ta' salvagwardja tal-Unjoni

1. Meta, ladarba titlesta l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 66(3) u (4), jitqajmu oġġezzjonijiet kontra miżura meħuda minn Stat Membru, jew meta l-Kummissjoni tqis li miżura nazzjonali tmur kontra l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tidħol f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-operatur ekonomiku jew l-operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżura nazzjonali. Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, jekk il-miżura nazzjonali hijiex ġustifikata jew le.
Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).
2. Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha tikkomunikaha lilhom u lill-operatur ekonomiku jew l-operaturi ekonomiċi rilevanti mingħajr dewmien.
Jekk il-miżura nazzjonali titqies ġustifikata, l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-batterija mhux konformi tiġi rtirata mis-suq tagħhom, u għandhom jinformaw b'dan lill-Kummissjoni.
Jekk il-miżura nazzjonali titqies mhux ġustifikata, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirtira dik il-miżura.
3. Meta l-miżura nazzjonali titqies ġustifikata u n-nuqqas ta' konformità tal-batterija jiġi attribwit għal nuqqasijiet fl-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tapplika l-proċedura prevista fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

Artikolu 68
Batteriji konformi li jippreżentaw riskju

1. Fejn, wara li jkun wettaq evalwazzjoni skont l-Artikolu 67(1), Stat Membru jsib li għalkemm batterija hija konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u III, hija tippreżenta riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għas-sikurezza tal-persuni, għall-protezzjoni tal-proprjetà jew għall-ambjent, huwa għandu jitlob lill-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jiżgura li l-batterija kkonċernata, meta titqiegħed fis-suq, ma tibqax tippreżenta dak ir-riskju, biex il-batterija tiġi rtirata jew tissejjaħ lura mis-suq, f'perjodu ta' żmien raġonevoli li jkun proporzjonat man-natura ta' dak ir-riskju.
2. L-operatur ekonomiku għandu jiżgura li tittieħed azzjoni korrettiva fir-rigward tal-batteriji kkonċernati kollha li l-operatur ekonomiku jkun qiegħed fis-suq fl-Unjoni kollha.
3. L-Istat Membru għandu jinforma minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi d-dettalji kollha disponibbli, b'mod partikolari d-*data* meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-batteriji kkonċernati, l-oriġini u l-katina tal-provvista tal-batterija, in-natura tar-riskju involut u n-natura u d-durata tal-miżuri nazzjonali meħuda.
4. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tidħol f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u mal-operatur ekonomiku jew l-operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżuri nazzjonali meħuda. Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni fil-forma ta' deċiżjoni li tiddetermina jekk il-miżura nazzjonali hijiex ġustifikata jew le u, fejn ikun meħtieġ, tordna miżuri xierqa.
5. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).
6. Għal raġunijiet imperattivi debitament ġustifikati ta' urġenza relatati mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tas-sikurezza tal-persuni, u mal-protezzjoni tal-proprjetà jew tal-ambjent, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni applikabbli minnufih f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 74(3).
7. Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha tikkomunikaha minnufih lilhom u lill-operatur ekonomiku jew l-operaturi ekonomiċi rilevanti.

Artikolu 69
Nuqqasijiet ta' konformità oħra

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 66, meta Stat Membru jsib li batterija li taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 68 ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament jew li operatur ekonomiku jkun kiser obbligu stabbilit f'dan ir-Regolament, dan għandu jesiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jtemm in-nuqqas ta' konformità kkonċernat. Dawn in-nuqqasijiet ta' konformità għandhom jinkludu dawn li ġejjin:
 - (a) il-markatura CE tkun twaħħlet bi ksur tal-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 jew tal-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament;
 - (b) il-markatura CE ma tkunx twaħħlet;

- (c) in-numru ta' identifikazzjoni tal-korp innotifikat involut fil-fażi tal-kontroll tal-produzzjoni jkun twaħħal bi ksur tal-Artikolu 20 jew ma jkunx twaħħal;
 - (d) id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE ma tkunx tfasslet jew ma tkunx tfasslet b'mod korrett;
 - (e) id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE ma tkunx aċċessibbli permezz tal-kodiċi QR fuq il-batterija;
 - (f) id-dokumentazzjoni teknika ma tkunx disponibbli, ma tkunx kompleta jew ikun fiha żbalji;
 - (g) l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 7, 9 u 10 tal-Artikolu 38 jew tal-Artikolu 41(3) u (4) tkun nieqsa, falza jew inkompleta jew, fil-każ tal-istruzzjonijiet għall-użu, ma tkunx tradotta f'lingwa aċċettata mill-Istati Membri fejn il-batterija titqiegħed fis-suq jew issir disponibbli;
 - (h) kwalunkwe rekwiżit amministrattiv ieħor previst fl-Artikolu 38 jew fl-Artikolu 40 ma jiġix issodisfat;
 - (i) ir-rekwiżiti għall-operazzjoni u l-użu sikur ta' sistemi għall-ħażna tal-enerġija f'batteriji stazzjonarji stabbiliti fl-Artikolu 12 ma jiġux irrispettati;
 - (j) ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà u sikurezza stabbiliti fl-Artikoli minn 6 sa 12 fil-Kapitolu II u r-rekwiżiti ta' tikkettar u informazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 13 u 14 fil-Kapitolu III ma jiġux issodisfati;
 - (k) ir-rekwiżiti relatati mal-politika ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista fl-Artikolu 39 ma jiġux issodisfati.
2. Fejn l-operatur ma jtemmx in-nuqqas ta' konformità msemmi fil-punt (k) tal-paragrafu 1, għandu jinħareġ avviż ta' azzjoni ta' rimedju.
 3. Meta n-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 1 jipersisti, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jirrestrinġi jew jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-batterija jew jiżgura li din tissejjaħ lura jew tiġi rtirata mis-suq. Fil-każ tan-nuqqas ta' konformità msemmi fil-punt (k) tal-paragrafu 1, dan il-paragrafu għandu japplika bħala l-aħħar rimedju jekk in-nuqqas ta' konformità jkun serju u jipersisti wara l-ħruġ ta' avviż ta' azzjoni ta' rimedju kif imsemmi fil-paragrafu 2.

Kapitolu X

L-akkwist pubbliku ekoloġiku, il-proċedura għall-emendar tar-restrizzjonijiet dwar is-sustanzi perikolużi u r-rikonoxximent mill-Kummissjoni tal-iskemi ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista

Artikolu 70

Akkwist pubbliku ekoloġiku

1. L-awtoritajiet kontraenti, kif definiti fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24/UE jew fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, jew l-entitajiet kontraenti, kif definiti fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, meta jakkwistaw batteriji jew prodotti li fihom il-batteriji f'sitwazzjonijiet koperti minn dawk id-Direttivi, għandhom iqisu l-

impatti ambjentali tal-batteriji matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom bil-ħsieb li jiżguraw li tali impatti tal-batteriji akkwistati jinżammu għal minimu.

2. L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 1 għandu japplika għal kwalunkwe kuntratt konkluż minn awtoritajiet kontraenti jew entitajiet kontraenti għax-xiri ta' batteriji jew prodotti li fihom il-batteriji u għandu jfisser li dawn l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti huma obbligati jinkludu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-kriterji tal-għoti abbażi tal-Artikoli 7 sa 10 biex jiżguraw li prodott jintgħażel minn fost prodotti b'impatti ambjentali ferm aktar baxxi tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom.
3. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2026, tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 73 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu l-kriterji obligatorji minimi tal-akkwist pubbliku ekoloġiku abbażi tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli minn 7 sa 10.

Artikolu 71

Proċedura għall-emendar tar-restrizzjonijiet dwar is-sustanzi perikolużi

1. Jekk il-Kummissjoni tqis li l-użu ta' sustanza fil-manifattura tal-batteriji, jew il-preżenza ta' sustanza fil-batteriji meta jitqiegħdu fis-suq, jew matul l-istadji taċ-ċiklu tal-ħajja sussegwenti tagħhom, inkluża l-fażi tal-iskart, jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent li ma jkunx ikkontrollat b'mod adegwat u li jeħtieġ li jiġi indirizzat madwar l-Unjoni kollha, hija għandha titlob lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") tnejjji dossier li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-punt (3) tal-Parti II tal-Anness XV għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ("dossier tar-restrizzjonijiet"). Id-dossier tar-restrizzjonijiet għandu jinkludi valutazzjoni soċjoekonomika, inkluża analiżi tal-alternattivi.
2. L-Aġenzija għandha tippubblika mingħajr dewmien l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibda tali proċess ta' restrizzjoni tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal sustanza, u għandha tinforma lill-partijiet ikkonċernati.
3. Fi żmien 12-il xahar minn meta tirċievi t-talba mill-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1 u jekk id-dossier tar-restrizzjonijiet imħejji mill-Aġenzija skont dak il-paragrafu juri li hija meħtieġa azzjoni madwar l-Unjoni kollha, l-Aġenzija għandha tissuġġerixxi restrizzjonijiet sabiex jinbeda l-proċess ta' restrizzjoni deskritt fil-paragrafi minn 4 sa 14.
4. L-Aġenzija għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tagħha d-dossier tar-restrizzjonijiet, inklużi r-restrizzjonijiet issuġġeriti skont il-paragrafu 3, mingħajr dewmien, filwaqt li tindika b'mod ċar id-data tal-pubblikazzjoni. L-Aġenzija għandha tistieden lill-partijiet interessati kollha jippreżentaw individwalment jew b'mod konġunt, fi żmien erba' xhur mid-data tal-pubblikazzjoni, kummenti dwar id-dossier tar-restrizzjonijiet.
5. Fi żmien 12-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, il-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju, imwaqqaf skont l-Artikolu 76(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, għandu jadotta opinjoni dwar jekk ir-restrizzjonijiet issuġġeriti humiex xierqa fit-tnaqqis tar-riskju għas-saħħa tal-bniedem u/jew għall-ambjent, abbażi tal-kunsiderazzjoni tagħha tal-partijiet rilevanti tad-dossier tar-restrizzjonijiet. Din l-opinjoni għandha tqis id-dossier tar-restrizzjonijiet imħejji mill-Aġenzija, fuq talba tal-Kummissjoni, u tal-fehmiet tal-partijiet interessati msemmija fil-paragrafu 4.

6. Fi żmien 15-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, il-Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika, imwaqqaf skont l-Artikolu 76(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, għandu jadotta opinjoni dwar ir-restrizzjonijiet issuġġeriti, abbażi tal-kunsiderazzjoni tagħha tal-partijiet rilevanti tad-dossier u l-impatt soċjoekonomiku. Qabel dan, huwa għandu jħejji abbozz ta' opinjoni dwar ir-restrizzjonijiet issuġġeriti u dwar l-impatt soċjoekonomiku relatat, filwaqt li jqis l-analiżi jew l-informazzjoni skont il-paragrafu 4, jekk ikun hemm.
7. L-Aġenzija għandha tippubblika l-abbozz ta' opinjoni tal-Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika fuq is-sit web tagħha mingħajr dewmien u tistieden lill-partijiet interessati jipprovdu l-kummenti tagħhom dwar l-abbozz ta' opinjoni mhux aktar tard minn 60 jum mill-pubblikazzjoni ta' dak l-abbozz ta' opinjoni.
8. Il-Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika għandu, mingħajr dewmien, jadotta l-opinjoni tiegħu, filwaqt li jqis, fejn xieraq, aktar kummenti li jaslu sal-iskadenza stabbilita fil-paragrafu 7. Din l-opinjoni għandha tqis il-kummenti tal-partijiet interessati ppreżentati taħt il-paragrafi 4 u 7.
9. Meta l-opinjoni tal-Kumitat għall-Valutazzjoni tar-Riskji tvarja b'mod sinifikanti mir-restrizzjonijiet issuġġeriti, l-Aġenzija għandha tipposponi l-iskadenza għall-opinjoni tal-Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika b'massimu ta' 90 jum.
10. L-Aġenzija għandha tissottometti lill-Kummissjoni mingħajr dewmien l-opinjoni tal-Kumitati għall-Istima tar-Riskji u għall-Analiżi Soċjoekonomika dwar ir-restrizzjonijiet issuġġeriti skont it-talba magħmula mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 1. Fejn l-opinjoni tal-Kumitati għall-Istima tar-Riskji u għall-Analiżi Soċjoekonomika jiddevjaw b'mod sinifikanti mir-restrizzjonijiet issuġġeriti skont il-paragrafu 3, l-Aġenzija għandha tissottometti nota ta' spjegazzjoni lill-Kummissjoni li tipprovi spjegazzjoni dettaljata tar-raġunijiet għal tali differenzi. Jekk wieħed mill-Kumitati jew it-tnejn li huma ma jadottawx opinjoni sal-iskadenza stabbilita fil-paragrafi 5 u 6, l-Aġenzija għandha tinforma b'dan lill-Kummissjoni, billi tagħti r-raġunijiet.
11. L-Aġenzija għandha tippubblika l-opinjoni tal-Kumitati fuq is-sit web tagħha mingħajr dewmien.
12. L-Aġenzija għandha tipprovi lill-Kummissjoni, fuq talba, id-dokumenti u l-evidenza kollha li jkunu ġew ippreżentati lilha jew ikkunsidrati minnha.
13. Jekk il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 6(2) huma ssodisfati, hija għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 6(2). Dan l-att delegat għandu jiġi adottat mingħajr dewmien żżejjed wara li tasal l-opinjoni tal-Kumitat għall-Analiżi Soċjoekonomika msemmi fil-paragrafu 8 jew wara l-iskadenza stabbilita skont il-paragrafi 6 u 9, kif applikabbli, jekk dak il-Kumitat ma jadottax opinjoni.
14. Fejn il-Kumitati għall-Istima tar-Riskji u għall-Analiżi Soċjoekonomika jipprovdu opinjoni skont il-paragrafi 5 u 6, huma għandhom jagħmlu użu mir-rapporteurs kif speċifikat fl-Artikolu 87 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Ir-rapporteurs jew il-ko-rapporteurs ikkonċernati, jew min iħaddimhom, għandhom jiġu remunerati mill-Aġenzija f'konformità ma' skala ta' ħlasijiet li għandhom jiġu inklużi fl-arranġamenti finanzjarji relatati mar-restrizzjonijiet stabbiliti mill-Bord tat-Tmexxija, imwaqqaf skont l-Artikolu 76(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Fejn il-persuni kkonċernati jonqsu milli jaqdu d-doveri tagħhom, id-Direttur Eżekuttiv tal-

Aġenzija għandu d-dritt li jwaqqaf jew jissospendi l-kuntratt jew li jżomm ir-remunerazzjoni.

Artikolu 72

Skemi ta' diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista

1. Il-gvernijiet, l-assoċjazzjonijiet tal-industrija u l-gruppi ta' organizzazzjonijiet interessati li jkunu żviluppaw u jissorveljaw skemi ta' diliġenza dovuta ("sidien ta' skema") jistgħu japplikaw mal-Kummissjoni biex l-iskemi ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista tagħhom jiġu rikonoxxuti mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-rekwiżiti ta' informazzjoni li għandu jkun fiha l-applikazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).
2. Fejn, abbażi tal-evidenza u l-informazzjoni mogħtija skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni tiddetermina li l-iskema ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista msemmija fil-paragrafu 1 tippermetti li l-operaturi ekonomiċi jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 39 ta' dan ir-Regolament, hija għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jagħti lil dik l-iskema rikonoxximent ta' ekwivalenza mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Is-Segretarjat tal-OECD għandu, kif xieraq, jiġi kkonsultat qabel l-adozzjoni ta' dawn l-atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).

Meta tiġi biex tiddetermina r-ikonoxximent ta' skema ta' diliġenza dovuta, il-Kummissjoni għandha tqis il-prattiki diversi tal-industrija koperti minn dik l-iskema u għandha tqis ukoll l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju u l-metodu użat minn dik l-iskema biex jiġu identifikati r-riskji.
3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-kriterji u l-metodoloġija li abbażi tagħhom il-Kummissjoni għandha tiddetermina, f'konformità mal-paragrafu 2, jekk l-iskemi ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista jiżgurawx li l-operaturi ekonomiċi jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 39 ta' dan ir-Regolament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3). Il-Kummissjoni għandha tivverifika wkoll, kif xieraq u perjodikament, li l-iskemi rikonoxxuti ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista jibqgħu jissodisfaw il-kriterji li jkunu wasslu għal rikonoxximent tad-deċiżjoni ta' ekwivalenza adottata skont il-paragrafu 2.
4. Is-sid ta' skema ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista li għaliha ngħata rikonoxximent tal-ekwivalenza f'konformità mal-paragrafu 2 għandu jinforma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar kwalunkwe bidla jew aġġornament li jsiru f'dik l-iskema.
5. Jekk ikun hemm evidenza ta' każijiet ripetuti jew sinifikanti fejn l-operaturi ekonomiċi li qed jimplementaw skema rikonoxxuta skont il-paragrafu 2 naqsu milli jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 39 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha teżamina, f'konsultazzjoni ma' sid l-iskema rikonoxxuta, jekk dawk il-każijiet jindikawx defiċjenzi fl-iskema.
6. Fejn il-Kummissjoni tidentifika nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 39 ta' dan ir-Regolament jew defiċjenzi fi skema rikonoxxuta ta' diliġenza

dovuta għall-katina tal-provvista, hija tista' tagħti lis-sid tal-iskema perjodu ta' żmien xieraq biex jieħu azzjoni ta' rimedju.

7. Fejn is-sid tal-iskema jonqos jew jirrifjuta li jieħu l-azzjoni ta' rimedju neċessarja, u fejn il-Kummissjoni tkun iddeterminat li n-nuqqas jew id-defiċjenzi msemmija fil-paragrafu 6 jikkompromettu l-kapaċità tal-operatur ekonomiku msemmi fl-Artikolu 39(1) li jimplementa skema li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 39 ta' dan ir-Regolament, jew fejn il-każijiet ripetuti jew sinifikanti ta' nuqqas ta' konformità mill-operaturi ekonomiċi li jimplementaw skema jkunu dovuti għal defiċjenzi fl-iskema, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jirtira r-rikonossiment tal-ekwivalenza tal-iskema. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 74(3).
8. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm aġġornat regjistru ta' skemi rikonossuti ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista. Dak ir-regjistru għandu jkun disponibbli għall-pubbliku fuq l-internet.

Kapitolu XI

Setgħat delegati u proċedura tal-kumitat

Artikolu 73 *Eżerċizzju tad-delega*

1. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adożzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 6(2), 7(1), (2) u (3), 9(2), 10(3), 12(2), 17(4), 27(3), 39(8), 55(4), 56(4), 57(6), 58(3) u 70(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 6(2), 7(1), (2) u (3), 9(2), 10(3), 12(2), 17(4), 27(3), 39(8), 55(4), 56(4), 57(6), 58(3) u 70(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 6(2), 7(1), (2) u (3), 9(2), 10(3), 12(2), 17(4), 27(3), 39(8), 55(4), 56(4), 57(6), 58(3) u 70(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew il-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 74
Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat stabbilit mill-Artikolu 39 tad-Direttiva 2008/98/KE. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Meta l-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

4. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

Kapitolu XII **Emendi**

Artikolu 75
Emendi għar-Regolament (UE) 2109/1020

Ir-Regolament (UE) 2019/1020 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 4(5), it-test “(UE) 2016/425(35) u (UE) 2016/426(36)” huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(UE) 2016/425 (*), (UE) 2016/426 (**) u [(UE) 2020/...(***)]

* Ir-Regolament (UE) 2016/425 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir ta' protezzjoni personali u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 51).

** Ir-Regolament (UE) 2016/426 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar tagħmir li jaħraq karburanti gassużi u li jħassar id-Direttiva 2009/142/KE (ĠU L 81, 31.3.2016, p. 99).

*** [Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar batteriji u skart ta' batteriji, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE (Sabiex l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jimla d-dettalji tal-pubblikazzjoni fil-ĠU)];

- (2) fl-Anness I, jiżdied il-punt 71 li ġej mal-lista ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni:

“71. Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar batteriji u skart ta' batteriji, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE (l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jimla d-dettalji tal-pubblikazzjoni fil-ĠU);

Kapitolu XIII

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 76 *Penali*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar penali applikabbli għal ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwawhom.

Artikolu 77 *Rieżami*

1. Sal-31 ta' Diċembru 2030, il-Kummissjoni għandha theggi rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-impatt tiegħu fuq l-ambjent u fuq il-funzjonament tas-suq intern.
2. B'kont meħud tal-progress tekniku u l-esperjenza prattika miksuba fl-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tinkludi fir-rapport tagħha evalwazzjoni dwar l-aspetti li ġejjin ta' dan ir-Regolament:
 - (a) ir-rekwiżiti ta' sostenibbiltà u sikurezza stabbiliti fil-Kapitolu II;
 - (b) ir-rekwiżiti ta' tikkettar u informazzjoni stabbiliti fil-Kapitolu III;
 - (c) ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista stabbiliti fl-Artikoli 39 u 72;
 - (d) il-miżuri rigward l-ġestjoni tal-batteriji fi tmiem il-ħajja stabbiliti fil-Kapitolu VII.

Fejn xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva għall-emendar tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 78 *Tħassir u regoli tranżizzjonali*

Id-Direttiva 2006/66/KE hija mħassra b'effett mill-1 ta' Lulju 2023; madankollu:

- (a) l-Artikolu 10(3), l-Artikolu 12(4) u l-Artikolu 12(5) tagħha għandhom ikomplu japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2023, ħlief fir-rigward tat-trażmissjoni tad-*data* lill-Kummissjoni, f'liema każ għandhom ikomplu japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2025;
- (b) l-Artikolu 21(2) għandu jkompli japplika sal-31 ta' Diċembru 2026.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehm b'ħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 79
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura tal-ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.4. Objettiv(i)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva
- 1.6. Durata u impatt finanzjarju
- 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.3. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.4. *Kompatibilità mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
 - 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u akkumulaturi li jissostitwixxi u jħassar id-Direttiva 2006/66/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

1.2. Qasam/oqasma ta' politika kkonċernat(i)

Qasam ta' politika: 09 Ambjent

Attività: 09 02 02 Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) - L-ekonomija ċirkolari u l-kwalità tal-ħajja

09 10 01 L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi – Attivitajiet fil-qasam tal-leġiżlazzjoni dwar l-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi u b'rabta mal-ekonomija ċirkolari

03.020101 – L-operat u l-iżvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi

1.3. Il-proposta tirrigwardja

azzjoni ġdida

azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja¹

l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

fużjoni ta' azzjoni waħda jew aktar f'azzjoni oħra/f'azzjoni ġdida

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

It-tisħiħ tas-sostenibbiltà tal-batteriji matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, billi jiġu żgurati rekwiżiti minimi ta' sostenibbiltà għall-batteriji li jitqiegħdu fis-suq intern tal-UE.

Iż-żieda tar-reżiljenza tal-katina tal-provvista tal-batteriji tal-UE billi jingħalaq iċ-ċirku tal-materjali.

It-tnaqqis tal-impatti ambjentali u soċjali matul l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-batteriji.

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiki

It-tishih tas-sostenibbiltà

- It-trawwim tal-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-UE ta' batteriji ta' kwalità għolja u bi prestazzjoni tajba.
- L-iżvilupp u l-użu tal-potenzjal tal-UE għall-materja prima tal-batteriji, kemm primarja kif ukoll sekondarja, filwaqt li jiġi żgurat li dawn jiġu prodotti b'mod effiċjenti u sostenibbli.
- L-iżgurar ta' swieq li jiffunzjonaw għall-materja prima sekondarja u l-proċessi industrijali relatati.

¹ Kif insemija fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

- Il-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għarfien espert teknoloġiku tal-UE.

Iż-żieda tar-reżiljenza u l-għeluq taċ-ċrieki tal-materjal

- It-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet ta' materjali ta' importanza strateġika.
- L-iżgurar tal-ġbir u r-riċiklaġġ xierqa tal-iskart kollu tal-batteriji.

It-tnaqqis tal-impatti ambjentali u soċjali

- Il-kontribut għal akkwist responsabbli
- L-użu effiċjenti tal-materja prima u tal-materjali riċiklati,
- It-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-batteriji.
- It-tnaqqis tar-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-kwalità tal-ambjent u t-titjib tal-kundizzjonijiet soċjali tal-komunitajiet lokali.

1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Ir-regolament propost se jiżgura allinjament aħjar mal-approċċi attwali tal-UE dwar l-immaniġġar sostenibbli tal-materjali u tal-iskart, li jiffokaw fuq l-ottimizzazzjoni tal-prodotti u tal-proċessi ta' produzzjoni. Huwa għandu l-għan li jiżviluppa qafas tal-UE li jkopri ċ-ċiklu kollu tal-ħajja tal-batteriji, li jinkludi regoli armonizzati u aktar ambizzjużi għal batteriji, komponenti, skart ta' batteriji u materjali riċiklati bil-ħsieb li jiġi stabbilit sett komuni ta' regoli li jggarantixxu l-funzjonament bla xkiel tas-Suq Intern tal-UE għall-batteriji u l-materjali primarji u sekondarji meħtieġa għall-manifattura tagħhom, filwaqt li jippromwovu livelli ogħla ta' sostenibbiltà fis-suq tal-UE.

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

L-indikaturi tal-progress u l-kisba tal-obiettivi se jkunu:

- Żieda fil-kwalità tal-batteriji mqiegħda fis-suq;
- Effiċjenzi aħjar tar-riċiklaġġ u rkupru aħjar tal-materjal għal Ni, Co, Li u Cu
- Livelli ogħla ta' materjali riċiklati fil-batteriji;
- Se jinġabru u jiġu riċiklati aktar batteriji;
- Il-batteriji industrijali u tal-vetturi elettriċi se jingħaddu, jiġu traċċati u rrapportati;
- Il-batteriji kollha miġbura se jiġu riċiklati; il-proċessi tar-riċiklaġġ se jkunu effiċjenti f'riskji mnaqqsa għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;
- L-utenti finali se jkollhom aċċess aħjar u aktar faċli għal informazzjoni dwar il-batteriji li jixtru f'termini tal-materjali li fihom, id-durabbiltà mistennija tagħhom, u kif il-produzzjoni tagħhom tissodisfa l-istandards ambjentali u soċjali;

- Il-batteriji industrijali u l-batteriji tal-vetturi elettriċi kollha għandhom l-impronta tal-karbonju tagħhom ikkalkolata;
- Il-manifatturi ta' batteriji industrijali u tal-vetturi elettriċi se jipprovdu wkoll informazzjoni dwar kif l-akkwist tal-materjali tagħhom jissodisfa l-kriterji tar-responsabbiltà soċjali;
- Il-manifatturi tal-batteriji se jkollhom qafas ġuridiku tal-UE ċar u prevedibbli li jappoġġahom sabiex jinnovaw u jkunu kompetittivi f'suq li qed jikber.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil, inkluż kronoloġija dettaljata għall-prosewiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Ir-rekwiżiti dettaljati jkollhom jiġu adottati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni/delegati f'perjodu ta' żmien ta' 3-8 snin.

Serje ta' azzjonijiet f'termini ta' mandati, deċiżjonijiet delegati jew ta' implimentazzjoni u rapporti ta' valutazzjoni tal-impatt se joħorġu minn dan ir-regolament propost.

Dawn se jkopru l-verifika tal-konformità mar-rekwiżiti tas-sostenibbiltà, is-sistema tal-kontroll tal-konformità, ir-rekwiżiti tas-sostenibbiltà, kif ukoll l-informazzjoni u t-tikkettar. Lista dettaljata ta' dawn l-azzjonijiet previsti hija pprovduta hawn taħt:

- Tiġi segwita l-ħidma ta' standardizzazzjoni fis-CEN/CENELEC;
- Jiġu żviluppati speċifikazzjonijiet komuni dwar il-prestazzjoni u d-durabbiltà ta' batteriji portabbli ta' użu ġenerali;
- Jiġu żviluppati speċifikazzjonijiet komuni dwar il-prestazzjoni u d-durabbiltà għal batteriji rikarikabbli (industrijali jew ta' vetturi elettriċi);
- Jiġu żviluppati speċifikazzjonijiet komuni dwar is-sikurezza għal sistemi stazzjonarji għall-ħażna tal-enerġija tal-batteriji;
- Jiġu żviluppati regoli armonizzati ta' kalkolu għall-ġbir separat ta' batteriji portabbli;
- Jiġu żviluppati regoli armonizzati ta' kalkolu tad-dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju (inkluża r-reviżjoni tar-regoli tal-kategorija ta' PEFCR għall-batteriji), għall-kalkolu tal-klassijiet tal-prestazzjoni tal-intensità tal-karbonju tal-batteriji, għall-kalkolu tal-kontenut riċiklat tal-batteriji u għall-kalkolu tal-effiċjenzi tar-riċiklaġġ (biex jiġu koperti l-Litju u ċ-Ċomb) u l-irkupru tal-materjali;
- Gwida dwar il-possibbiltà li l-batteriji portabbli jinqalgħu u jiġu sostitwiti;
- Jiġi stabbilit spazju ta' *data* miftuħ għas-sottomissjoni ta' informazzjoni relatata mal-batterija;
- Jiġu żviluppati kriterji tal-GPP dwar il-batteriji;
- Att delegat għall-impronta tal-karbonju – limiti obbligatorji;
- Tiġi emendata l-Lista tal-Iskart;
- Valutazzjoni/ġestjoni tar-riskji tas-sustanzi użati fil-batteriji;
- Jiġu emendati l-obbligi tar-rapportar.

- 1.5.2. *Il-valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. titjib fil-koordinazzjoni, ċertezza legali, effettività akbar jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li huwa addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinħoloq mill-Istati Membri wehdom.*

Raġunijiet għal azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*):

Hija meħtieġa leġislazzjoni madwar l-UE kollha biex jiġi żgurat li l-manifatturi, l-importaturi u l-operaturi ekonomiċi b'mod usa' jkunu soġġetti għal rekwiżiti komuni meta jqiegħdu batterija fis-suq tal-Unjoni u meta l-informazzjoni ssir disponibbli.

Barra minn hekk, l-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar il-Batteriji tindika l-ħtieġa li jiġi mmodernizzat il-qafas leġislattiv biex jiġu promossi aktar l-ekonomija ċirkolari u l-politiki dwar il-livelli baxxi ta' emissjonijiet tal-karbonju, kif ukoll biex ikun hemm adattament għall-iżviluppi teknoloġiċi u ekonomiċi fis-suq tal-batteriji.

Il-katina tal-valur tal-batteriji hija intensiva fil-kapital u, b'hekk, teħtieġ ekonomiji ta' skala. Sabiex dan jinkiseb hemm bżonn ta' rekwiżiti armonizzati li jindirizzaw iċ-ċiklu sħiħ tal-ħajja u suq intern tal-UE li jiffunzjona sewwa.

- 1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġoddi*

- 1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-Kummissjoni Ewropea qed tipproponi pjan ta' rkupru kbir ibbażat fuq baġit fit-tul imsaħħa għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss u strument ġdid għall-irkupru, in-Next Generation EU.

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew se jkun il-bażi tal-istrategġija tal-irkupru tal-UE. Dan jinkludi l-oġġettiv ta' trasport u loġistika aktar nodfa, inkluża l-mobbiltà elettronika, li huma l-mutur ewlieni tat-tkabbir esponenzjali fid-domanda għall-batteriji. F'soċjetà ta' wara l-COVID, ix-xejriet attwali jindikaw li r-rilevanza tal-mobbiltà elettronika se tiżdied u tibqa' teżisti.

L-appoġġ u l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea fir-riċerka fil-qasam tal-batteriji huma espressi mill-għadd ta' proġetti ffinanzjati taħt il-programm Orizzont 2020 (aktar minn 100 proġett) u l-kontribuzzjoni finanzjarja għall-implimentazzjoni tagħhom (madwar EUR 500 miljun). Il-proġetti jkopru l-katina kollha tal-valur tat-tipi differenti ta' batteriji u huma ffokati fuq is-soluzzjoni tal-isfidi attwali u futuri: l-iżviluppi u t-titjib tal-materjali (u l-impatt ambjentali tagħhom), ir-riċiklaġġ tal-batteriji (li se jippromwovi l-effiċjenza tal-irkupru tal-materjali fl-Ewropa), sistemi ġodda ta' batteriji u anki alternattivi għall-batteriji konvenzjonali. Ir-riżultati ta' dawn il-proġetti se jappoġġaw u jippromwovu l-innovazzjoni għall-industrija tal-batteriji fl-Ewropa. Huma antiċipati materjali u sistemi ta' batteriji ġodda u mtejba, karatteristiċi mtejba f'termini ta' ħażna tal-kapaċità, tul tal-ħajja, sikurezza, sostenibbiltà u kosteffettività. Dawn l-aspetti huma koperti u huma rilevanti fir-regolament preżenti.

Dawn se jkunu essenzjali biex tiġi żgurata l-kompetittività sostenibbli tal-Ewropa f'dan il-qasam, kif ukoll biex tingħata spinta lill-ekonomija, lit-tkabbir u lill-benesseri tagħha.

Huwa mistenni li l-UE tkompli tippromwovi r-riċerka f'dan il-qasam u f'oqsma relatati fil-QFP li jmiss.

Ir-Regolament il-ġdid se jagħmilha espliċita li, fil-futur, l-adozzjoni ta' miżuri ta' restrizzjoni għas-sustanzi fil-batteriji se tittieħed wara valutazzjonijiet li se jitwettqu mill-ECHA, u mhux aktar bħala attivitajiet individwali li jkunu parti mill-programm ta' ħidma tad-DĠ ENV. Filwaqt li l-ECHA b'mod ġenerali għandha l-esperjenza meħtieġa għal dan il-kompitu, dawn il-valutazzjonijiet jikkostitwixxu qasam ta' ħidma addizzjonali għal din l-Aġenzija.

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni għall-introduzzjoni mill-ġdid

L-għarfien espert tal-ECHA (il-valutazzjonijiet tar-riskji tas-sustanzi) u tal-JRC (l-iżvilupp ta' metodoloġiji u proċeduri) huwa l-aktar xieraq biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni rapida tal-approċċ propost.

Il-ħtiġijiet stmati tal-persunal u tar-riżorsi li rċevejna mill-ECHA għall-kompitu tal-Lista ta' Skart jirriflettu l-fatt li hemm bżonn li l-ECHA tibni l-għarfien dwar dan il-kompitu. Għalhekk, id-DĠ ENV esplora għażliet alternattivi. Il-JRC ipprovda stima li tirrikjedi inqas riżorsi (EUR 0,9 miljun meta mqabbel ma' EUR 2,2 miljun għall-ECHA). Għalhekk, nipponu li dan jiżdied mal-lista ta' kompiti tal-JRC.

Għall-iżvilupp tal-ispazju ta' data miftuħ għall-batteriji, il-ħtiġijiet tal-persunal u tar-riżorsi li rċevejna mill-ECHA jirriflettu l-ambizzjoni politika, filwaqt li jibbenefikaw mill-istrutturi u l-proċessi eżistenti fl-ECHA. L-ECHA tistma li r-riżorsi huma ta' madwar EUR 10 miljun għall-iżvilupp tal-ispazju tad-data flimkien ma' kważi EUR 10 miljun f'kostijiet tal-persunal. Is-servizz tal-Kummissjoni kkuntattjaw ukoll lill-aġenziji eżekuttivi iżda mhuwiex legalment possibbli li jieħdu f'idejhom il-kompitu tal-ispazju tad-data mill-Kummissjoni.

Għalhekk, il-Kummissjoni tippromovi li tipproċedi bi studju tal-fattibbiltà biex tivvaluta fid-dettall l-għażliet differenti disponibbli għall-funzjonalitajiet differenti, inkluż min jinsab fl-aħjar pożizzjoni biex jiżviluppa s-sistema. L-iżvilupp tal-ispazju tad-data miftuħ jitmexxa mid-DĠ GROW b'kollaborazzjoni mad-DĠ CONNECT u l-inizjattiva tagħhom dwar l-Ispazju Ewropew tad-Data.

Alternattiva oħra hija li l-ispazju tad-data jiġi żviluppat internament. Id-DĠ ENV u d-DĠ GROW huma f'kuntatt mad-DĠ TAXUD (li wettaq xogħol simili fuq il-VAT) u mad-DĠ CONNECT biex jesploraw is-sinerġiji potenzjali. Il-persunal inkarigat minn dawn il-kompiti fid-DĠ TAXUD huwa mifrux fuq tliet unitajiet differenti. L-unità tal-IT tad-DĠ GROW ikkwantifikat l-ewwel stima tal-isforz tal-iżvilupp u l-baġit meħtieġ għall-implimentazzjoni ta' soluzzjoni ta' Data Miftuħa tal-Passaport tal-Batteriji. L-ispazju tad-data miftuħ ibbażat fuq l-arkitettura ta' bażi tad-data ċentralizzata huwa stmat għal madwar EUR 10,5 miljun. Dan ikopri l-infrastruttura tal-IT u l-ħtiġijiet tal-persunal għall-iżvilupp tal-IT. Dawn il-kostijiet huma ppjanati taħt l-Operazzjoni tal-linja baġitarja tad-DĠ GROW u l-iżvilupp tas-suq intern tal-oġġetti u s-servizzi. Il-modalitajiet eżatti tax-xogħol li għandu jitwettaq mis-servizzi differenti se jkollhom jiġu miftiehma hekk kif jipproċedi l-istudju tal-fattibbiltà.

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/inizjattiva

durata limitata

- Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

durata mhux limitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija mill-2023 sal-2028,
- segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni permezz ta'

- aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;

lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71;

lill-korpi tal-liġi pubblika;

lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-
Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Se japplikaw regoli standard ta' monitoraġġ u ta' rapportar għas-sussidji tal-UE lill-aġenziji tradizzjonali.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta

Se japplikaw regoli standard ta' monitoraġġ u ta' rapportar għas-sussidji tal-UE lill-aġenziji tradizzjonali.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i biex itaffuhom

Mhux applikabbli

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“ispejjeż tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)

Mhux applikabbli

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Se japplikaw modalitajiet standard għas-sussidji tal-UE lil aġenziji tradizzjonali
--

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti — Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff ¹ .	mill-pajjiżi tal-EFTA ²	mill-pajjiżi kandidati ³	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
3	09.10.01 – L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi	Diff.	LE	LE	LE	LE
3	09.02.02 – L-ekonomija ċirkolari u l-kwalità tal-ħajja	Diff.	LE	LE	LE	LE
1	03.020101 L-operat u l-iżvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi	Diff.	LE	LE	LE	LE
7	20.01.02.01 – Remunerazzjoni u allowances	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
7	20 02 01 01 - Persunal b'kuntratt	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
7	20 02 01 03 - Ħaddiema taċ-ċivil nazzjonali assenjati temporanjament mal-istituzzjoni	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

¹ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

² EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

³ Il-pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, il-kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

Mhux applikabbli

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	3	Ir-Riżorsi Naturali u l-Ambjent
--	---	---------------------------------

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi	09.10.01		Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Sena 2028	Sena 2029	Total
Titolu 1: Nefqa fuq il-persunal	Impenji	(1)	0,358	0,365	0,372	0,306	0,312	0,319	0,325	2,357
	Pagamenti	(2)	0,358	0,365	0,372	0,306	0,312	0,319	0,325	2,357
Titolu 2: Infrastruttura	Impenji	(1a)	0,086	0,088	0,089	0,074	0,075	0,076	0,078	0,566
	Pagamenti	(2a)	0,086	0,088	0,089	0,074	0,075	0,076	0,078	0,566
Titolu 3: Nefqa operazzjonali	Impenji	(3a)	0,158	0,158	0,158	0,025	0,025	0,025	0,025	0,575
	Pagamenti	(3b)	0,158	0,158	0,158	0,025	0,025	0,025	0,025	0,575
Approprijazzjonijiet TOTALI għall-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi	Impenji	=1+1a +3a	0,602	0,611	0,620	0,405	0,412	0,420	0,428	3,498
	Pagamenti	=2+2a +3b	0,602	0,611	0,620	0,405	0,412	0,420	0,428	3,498

Iż-żieda meħtieġa tal-kontribuzzjoni tal-UE lill-ECHA se tiġi kkompensata bi tnaqqis korrispondenti fil-pakkett tal-programm LIFE.

Ġestjoni tas-sustanzi tal-batteriji: Total ta' żewġ aġenti temporanji ġodda ekwivalenti għal full-time (AD 5-7) fl-ECHA (kost medju ta' EUR 144 000 fis-sena, fuq medda ta' seba' snin u aktar) se jkunu meħtieġa biex jiġi żgurat li jiġu allokati riżorsi suffiċjenti għar-regolazzjoni tas-sustanzi neċessarji relatati mal-batteriji mingħajr ma jkun hemm kompetizzjoni mal-prijoritajiet ta' REACH. Dan ikopri medja ta' restrizzjoni addizzjonali waħda (jew miżura oħra ta' ġestjoni tar-riskju) kull sena. Barra minn hekk, se jkun meħtieġ aġent kuntrattwali wieħed ekwivalenti għal full-time (CA FG III, kost medju ta' EUR 69 000 fis-sena fuq medda ta' sentejn) biex tiżdied il-bażi tal-għarfien, filwaqt li jiġi ffaċilitat pjan ta' ħidma u tal-iffissar tal-prijoritajiet informat. Dan se jkun ibbażat fuq studju li jibni l-għarfien attwali tal-ECHA dwar kif l-industrija tal-batteriji timmaniġġa s-sustanzi kimiċi perikolużi tagħha biex tidentifika s-sustanzi rilevanti għall-ġestjoni tar-riskji regolatorji fil-futur. L-istudju huwa stmat għal EUR 400 000 (fuq medda ta' sentejn) biex tiġi esternalizzata parti minn dawn il-ħtiġijiet ta' riċerka. Dan l-istudju jikkontribwixxi wkoll għall-ħidma tal-Kummissjoni fuq l-aġġornament tad-dħul tal-batteriji fil-Lista tal-Iskart.

Hija meħtieġa wkoll somma ta' EUR 22 000 biex tkopri l-kost tar-rapporteurs (esperti tal-Istati Membri li jiggwidaw id-dossiers permezz tat-tfassil tal-opinjoni fil-kumitati RAC u SEAC) għal kull restrizzjoni, kif ukoll EUR 43 000 biex ikopru parti proporzjonata tal-kost sħiħ tal-organizzazzjoni tal-laqqhat tal-RAC u tal-SEAC (kostijiet tal-ivvjaġġar, tal-akkomodazzjoni u tal-gratifika ta' kuljum: kost ikkalkulat abbażi tal-medja ta' żmien/sforz meħtieġ għal dossier ta' restrizzjonijiet fiż-żewġ kumitati).

Ir-riżorsi msemmija hawn fuq ġew stmati bl-użu ta' mudell ta' kalkolu li jqis l-esperjenza rilevanti mill-kompiti mwettqa mill-ECHA taħt oqfsa regolatorji oħrajn (eż. REACH, CLP, BPR) u mill-implimentazzjoni tal-approċċi nazzjonali eżistenti, fejn rilevanti. Huwa jistabbilixxi r-riżorsi li se jkunu meħtieġa mill-ECHA matul il-perjodu 2021-2029, sabiex ikunu jistgħu jitwettqu l-kompiti previsti.

L-impatt finanzjarju ta' din l-inizjattiva mhux iżid l-infiq programmat taħt l-Intestatura 1 u l-Intestatura 3. Ir-riżorsi meħtieġa se jitnaqqsu mill-baġit ta' LIFE u mill-istrument tad-DĠ GROW skont il-qasma tal-kompiti fil-ftehim amministrattiv: madwar EUR 4 miljun tal-kostijiet għad-DĠ għall-Ambjent u EUR 1,6 miljun tal-kostijiet għad-DĠ GROW. Barra minn hekk, l-istrument tad-DĠ GROW ikopri l-kostijiet tal-ispazju tad-*data* miftuħ u ż-żewġ strumenti jkopru xi studji u ħtiġijiet ta' akkwist tad-*data* tas-servizzi tal-Kummissjoni biex jippreparaw kif jixraq uħud mill-atti ta' implimentazzjoni u delegati.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	1	XXX
--	----------	-----

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2021	Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL 2021-2027
DĠ: GROW									
03.020101 L-operat u l-iżvilupp tas-suq intern ta' oġġetti u servizzi	Approprjazzjonijiet ta' impenn	1,026	1,774	2,075	2,083	2,150	0,928	0,688	10,723
	Approprjazzjonijiet ta' pagament	1,026	1,774	2,075	2,083	2,150	0,928	0,688	10,723

L-ammont irrapportat hawn fuq fil-linja baġitarja 03.020101 se jkun meħtieġ biex jiffinanzja parti mill-arranġamenti amministrattivi bejn id-DĠ ENV/DĠ GROW u l-JRC u għall-akkwist ta' studji u *data* relatati mad-dispożizzjonijiet tad-DĠ GROW. Il-ftehim ta' assoċjazzjoni huwa mistenni li jirrappreżenta kost ta' madwar EUR 2 669 miljun għad-DĠ GROW. L-akkwist jirrappreżenta EUR 50 000 fl-2023 għad-DĠ GROW biex jitlob opinjoni teknika dwar ix-xogħol ta' standardizzazzjoni fis-CEN/CENELEC.

Huwa jinkludi wkoll l-ammont ibbaġitjat għall-appoġġ *intra muros* għall-istudju tal-fattibbiltà għall-ispazju tad-*data* miftuħ. Wara din il-fażi ta' żvilupp inizjali, possibbilment jistgħu jkunu meħtieġa riżorsi addizzjonali.

Il-kostijiet tal-iżvilupp tal-IT għall-iskambju elettroniku tal-informazzjoni għall-batteriji huma mistennija mid-DĠ GROW.

MT

MT

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	3	Ir-Riżorsi Naturali u l-Ambjent
--	----------	--

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2021	Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL 2021-2027
DĠ: ENV									
09.02.02 L-ekonomija ċirkulari u l-kwalità tal-ħajja	Appropriazzjonijiet ta' impenn	1,053	0,982	1.835	1.286	0.948	0.622	0.530	7.256
	Appropriazzjonijiet ta' pagament	1,053	0,982	1.835	1.286	0.948	0.622	0.530	7.256

L-ammont irrapportat hawn fuq fid-09.02.02 jinkludi t-tpaċija meħtieġa mill-baġit ta' LIFE taż-żieda fir-riżorsi għall-ECHA. Dan l-ammont se jkun meħtieġ biex jiżjed is-sussidju għall-ECHA u jiġu ffinanzjati parti mill-arranġamenti amministrattivi bejn id-DĠ ENV/DĠ GROW u l-JRC u għall-akkwist ta' studji u data relatati mad-dispożizzjonijiet tad-DĠ GROW.

Il-JRC se jkollu rwol ewlieni fl-appoġġ lill-Kummissjoni bi fteit mix-xogħol tekniku meħtieġ. Il-JRC ipprova l-aħjar stima tiegħu tal-ħtiġijiet tar-riżorsi abbażi tal-għarfien attwali tiegħu u abbażi tal-lista ta' kompiti pprovduta mid-DĠ ENV u mid-DĠ GROW. Għalhekk, dawn l-istimi jistgħu jiġu rfinati, pereżempju, waqt in-negozjati ta' ftehim ta' assoċjazzjoni. B'mod partikolari, fir-rigward tal-ispeċifikazzjoni komuni dwar batteriji portabbli għal użu ġenerali, il-kamp ta' applikazzjoni ġie estiż fl-aħħar verżjoni tar-regolament propost u r-riżorsi se jkollhom jiġu rieżaminati kif xieraq. L-AA hija mistennija li tirrappreżenta madwar EUR 3.935 miljun lid-DĠ ENV. Hemm diversi kompiti fejn il-JRC jista' jappoġġa lill-Kummissjoni:

- L-iżvilupp ta' speċifikazzjonijiet komuni dwar il-prestazzjoni u d-durabbiltà għal batteriji għal użu ġenerali u batteriji industrijali rikarikabbli/tal-vetturi elettriċi;
- Id-definizzjoni tar-regoli tal-kalkolu armonizzati għad-dikjarazzjoni tal-impronta tal-karbonju għal batteriji industrijali rikarikabbli/tal-vetturi elettriċi;
- Id-definizzjoni tar-regoli tal-kalkolu armonizzati għall-kontenut riċiklat fil-batteriji, l-efċjenzi tar-riċiklaġġ u l-materjali rkuprati;

- L-analiżi tal-kriterji tal-GPP (inkluża konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati fl-akkwist pubbliku u l-kontroll legali tar-regoli proposti dwar l-akkwist pubbliku);
- L-appoġġ għall-gwida dwar il-possibbiltà li l-batteriji portabbli jinqalgħu u jiġu sostitwiti.

L-attivitajiet akkwistati jinkludu x-xiri ta' *data* għall-batteriji fl-2021 sabiex tiġi riveduta l-PEFCR għall-batteriji, is-sottokuntrattar tal-iżvilupp tal-ġhodda bbażata fuq il-web tal-PEFCR fl-2022, it-talba ta' opinjoni teknika dwar ix-xogħol ta' standardizzazzjoni fis-CEN/CENELEC fl-2023 u studju tas-suq dwar id-disponibbiltà ta' materjali sekondarji fl-2027. Dawn l-ispejjeż jammontaw għal EUR 300 000 fl-2021, EUR 80 000 fl-2022 u EUR 100 000 fl-2027.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	L-Amministrazzjoni Pubblika Ewropea
--	----------	-------------------------------------

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2021	Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL 2021-2027
DĠ: ENV, DĠ GROW u EUROSTAT									
• Riżorsi Umani		0,475	0,515	0,515	0,555	0,555	0,230	0,230	3,075
• Nefqa amministrattiva oħra									
TOTAL ta' DĠ ENV, DĠ GROW U EUROSTAT		0,475	0,515	0,515	0,555	0,555	0,230	0,230	3,075

Approprijazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)	0,475	0,515	0,515	0,555	0,555	0,230	0,230	3,075
---	---	-------	-------	-------	-------	-------	-------	-------	--------------

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2021	Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Sena 2028	Sena 2029	TOTAL
--	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------

											<i>2021-2029</i>
Approprjazzjonijiet TOTALI taħt I-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	2,554	3,271	4,476	3,924	3,653	1,780	1,447	0,420	0,428	21,953
	Pagamenti	2,554	3,271	4,476	3,924	3,653	1,780	1,447	0,420	0,428	21,953

3.2.2. *Impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet tal-ECHA*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (aġġustati ¹ l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs			Sena N		Sena N+1		Sena N+2		Sena N+3		Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTAL		
	OUTPUTS																		
	↓	Tip ¹	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ² ...																			
- Riżultat																			
- Riżultat																			
- Riżultat																			
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1																			
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																			
- Riżultat																			
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 2																			
KOST TOTALI																			

¹ L-outputs huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereżempju: l-għadd ta' skambji tal-istudenti ffinanzjati, l-għadd ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).
² Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku(ċi)..."

MT

MT

3.2.3. *Impatt stmat fuq ir-riżorsi umani*

3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:
- Rekwiżiti tal-persunal fl-ECHA (miljuni ta’ EUR (aġġustati ’l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali))

	Sena 2021	Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Sena 2028	Sena 2029	TOTAL
--	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	-------

–

Aġenti temporanji (Gradi ta’ AD)			0,289	0,294	0,300	0,306	0,312	0,319	0,325	2,145
Aġenti temporanji (Gradi ta’ AST)										
Persunal b’kuntratt			0,069	0,070	0,072					0,211
Esperti Nazzjonali Sekondati										

–

TOTAL			0,358	0,365	0,372	0,306	0,312	0,319	0,325	2,357
--------------	--	--	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------

–

Rekwiżiti tal-persunal fl-ECHA (FTE):

	Sena 2021	Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027	Sena 2028	Sena 2029
--	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------

Aġenti temporanji (Gradi ta' AD)	0	0	2	2	2	2	2	2	2
Aġenti temporanji (Gradi ta' AST)									
Persunal b'kuntratt	0	0	1	1	1				
Esperti Nazzjonali Sekondati									

TOTAL	0	0	3	3	3	2	2	2	2
--------------	----------	----------	----------	----------	----------	----------	----------	----------	----------

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani għad-DĠ ENV, għad-DĠ GROW u għall-EUROSTAT

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew l-iktar l-iktar aġġustati 'l fuq għal pożizzjoni deċimali waħda)

	Sena 2021	Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	Sena 2027
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)							
20 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	1	1	1	1	1	1	1
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)							
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)							
10 01 05 01 (Riċerka diretta)							
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE)¹							
20 02 02 01/03 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)	4,0	4,5	4,5	5,0	5,0	1,0	1,0
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JPD fid-Delegazzjonijiet)							
- fil-Kwartier							

¹ AC = Persunal b'kuntratt; AL = Aġent Lokali; END = Esperti Nazzjonali Sekondati; INT = persunal tal-aġenzija; JPD = Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

	i Ġenerali 3							
	- fid- Delegaz zjonijiet							
	XX 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka indiretta)							
	10 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta)							
	Linji baġitarji oħrajn (speċifika)							
	TOTAL	5,0	5,5	5,5	6,0	6,0	2,0	2,0

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Huma meħtieġa karigi AD għan-negozjati u l-implimentazzjoni ġenerali tar-regolament. u x-xogħol preparatorju differenti u l-abbozzar ta' leġislazzjoni sekondarja skont l-iskadenzi proposti fir-Regolament dwar il-Batteriji.
Il-persunal estern	Il-kariga END u CA huma meħtieġa biex iwettqu x-xogħol tekniku, inklużi: <ul style="list-style-type: none"> wara ħidma ta' standardizzazzjoni fis-CEN/CENELEC, rieżami kontinwu dwar id-disponibbiltà tal-materjal biex il-miri tal-kontenut riċiklat jinżammu konformi mal-iżviluppi tas-suq, it-tnejn tal-atti delegati dwar ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni u d-durabbiltà tal-batteriji rikarikabbli u mhux rikarikabbli, dwar il-kundizzjonijiet ekwivalenti għat-trattament barra l-UE (inkluż wara x-xogħol preparatorju tal-JRC), it-tnejn ta' atti ta' implimentazzjoni dwar il-formola ta' reġistrazzjoni tal-produtturi u dwar il-parametri tal-istat tas-

² Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

³ Prinċipalment għall-Fondi Strutturali, għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u għall-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

	<p>saħħa,</p> <ul style="list-style-type: none"> • l-istabbiliment ta' atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-formati għar-rapportar lill-awtoritajiet kompetenti u lill-Kummissjoni, • l-iżvilupp tas-sistemi biex tiġi riċevuta d-<i>data</i> rrapportata u tiġi analizzata għall-korrettezza u l-kompletezza, u l-komunikazzjoni mal-persunal tal-IT għat-tixrid tad-<i>data</i> (Eurostat), • l-istabbiliment ta' softwer u formati għas-sottomissjonijiet marbuta mal-ispazju tad-<i>data</i> miftuħ, • ir-reviżjoni tar-regoli tal-kategorija tal-PEFCR għall-batteriji (inkluż wara l-ħidma preparatorja tal-JRC), • l-iżvilupp ta' gwida dwar il-possibbiltà li l-batteriji portabbli jinqalgħu u jiġu sostitwiti, • rieżami possibbli tar-regolament biex jiġu stabbiliti miri ta' għbir separat
--	---

Id-deskrizzjoni tal-kalkolu tal-kost għall-unitajiet FTE jenħtieġ li tiġi inkluża fit-Taqsima 3 tal-Anness V.

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

- Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali.
- ×Il-proposta/l-inizjattiva se tkun tinvolvi riprogrammazzjoni tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Il-kompiti addizzjonali li għandha tassumi l-Kummissjoni jirrikjedu ħtiġijiet addizzjonali għar-riżorsi fir-rigward tal-ammont ta' kontribuzzjoni tal-Unjoni u l-pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi.

- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew ir-reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali⁴.

Spjega x'inhum meħtieġ, filwaqt li tispesifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi.

⁴ Ara l-Artikoli 11 u 17 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq dħul ieħor
 - jekk jogħġbok indika jekk id-dħul ikun assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ⁵					Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3				
Artikolu									

Għad-dħul "assenjat" mixxellanju, speċifika l-linja baġitarja tan-nefqa affettwata.

Speċifika l-metodu biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.

3.4. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq dħul ieħor
 - jekk jogħġbok indika jekk id-dħul ikun assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprjazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ⁶					Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3				
Artikolu									

Għad-dħul "assenjat" mixxellanju, speċifika l-linja baġitarja tan-nefqa affettwata.

⁵ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % tal-kostijiet tal-ġbir.

⁶ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % tal-kostijiet tal-ġbir.

Speċifika l-metodu biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.